# LUMINARIA

Ġunju '22 nru. 137





**QOXRA TA' QUDDIEM:**

Il-Koppletta ta' San Pietru li fiha sar restawr fuq il-ġebla, il-kulur ta' fuq il-ġebla u d-deheb illi kien deterjorat. Din il-koppletta tinsab malli tidħol mill-bieb tal-ġenb fuq in-naħa tat-Tramuntana. Ir-restawr sar minn Mark Falzon.



**QOXRA TA' WARA:**

L-istatwa ta' Kristu Rxoxt wara li sarulha xogħlijiet ta' restawr u oħrajn ġodda li kien jinkludi żebgħa mill-ġdid mill-awtur tagħha stess, l-istatwarju Michael Camilleri Cauchi u minn ibnu Adonai. Huma għamlu wkoll id-disinn u l-mudell tal-palma tal-fidda u d-dekorazzjoni ġdida li saret bil-fidda fuq is-salib ġdid maħdum mill-ġewż minn William Vella. Sar ukoll xogħol ta' induratura minn Mario Camilleri Cauchi, li jiġu ħu l-awtur tal-opra, flimkien ma' uliedu Ruben u Austin.

**RITRATTI:**

Martin Attard

# WERREJ


Messaġġ tal-Arċipriet ........ 3
Messaġġ tas-Sindku ........ 5
Kronaka tal-Parroċċa ........ 6
50 Sena Saċerdozju – Mons. Ġużepp Attard u Mons. Salv Grima ........ 10
Paġna M.U.S.E.U.M. Subien ........ 12
Paġna M.U.S.E.U.M. Bniet ........ 14
L-Iskola Primarja tan-Nadur ........ 16
Skola taż-Żgħar tas-Sorijiet Franġiskani ........ 19
Mill-Ħajja taċ-Ċentru taż-Żgħażagħ ........ 20
Il-Banda Mnarja ........ 22
Nadur Youngsters - Staġun Memorabbli ........ 24
Kumitat Festi Esterni ........ 26
Kumitat Purċissjoni Ġimgħa l-Kbira Nadur ........ 28
Mir-Reġistri Parrokkjali ........ 30
Memorja Kollettiva – Parti V ........ 33
Pietru fil-Gżira ta' Pawlu ........ 34
Omelija fis-Solennità ta' San Pietru u San Pawl tal-Q.T. il-Papa Franġisku ........ 37
Omelija fis-Solennità ta' San Pietru u San Pawl tal-E.T. Mons. Anton Teuma ........ 39
Is-Sejħa ta' San Pietru u San Pawl u Dik Tagħna ........ 43
Dun Mikiel Attard ........ 44
Esperjenza fil-Camino de Santiago jew The Way of St James ........ 46
L-Ukrajna - X'inhu Jiġri? ........ 48
Servej Importanti ........ 51
L-Għarqa tal-S.S. Ashbury ........ 52
Girgor Buttigieg - Persunaġġ Naduri ........ 55
Il-Mitħna tar-Riħ Privata tal-Familja Xicluna ........ 58
Sagristani tal-Knisja tan-Nadur ........ 62
Ħarsa Lura ........ 64
L-Ewwel Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira 1913 - Nadur ........ 66
Xita fin-Nadur ........ 72











## BORD EDITORJALI


Ħarġa numru 137 • Ġunju 2022 • It-38 Sena

- Waqt l-aħħar laqgħa tal-Bord Editorjali ġie deċiż li din il-pubblikazzjoni tibda toħroġ darba f'sena fl-aħħar ta' Ġunju mal-festa tal-Imnarja.
- Rivista maħruġa mill-Parroċċa San Pietru u San Pawl, Nadur.
- Ippubblikata mill-Bord Editorjali magħmul minn: L-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri, Miriam Muscat (Editur), Joseph Muscat, Mary Anne Pace.
- Qari tal-Provi: Miriam Muscat, Maria Attard, Noemi Portelli, Mary Grace Mercieca.
- Ritratti ta': Martin Attard, Monica Grima, Mario Muscat, Alessio Sultana, Anaca Photography.
- Il-fehmiet li jistqarru l-awturi u l-korrispondenti tal-artikli li jiġu ppubblikati mhumiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.
- Kull korrispondenza għandha tintbagħat lill-**Bord Editorjali, 'LUMINARIA', Uffiċċju Parrokkjali, Pjazza 28 ta' April 1688, Nadur NDR 1033, Għawdex - Tel: 2155 1649**
- Disinn u *layout* ta' Rowena Mizzi.
- Stampar: Gozo Press, Għajnsielem Tel: 2155 1534

**www.nadurparish.com**


ROMÆ
GENTIVM
L-ARĊIPRIET
flimkien
MAL-KAPITLU U L-KLERU TAL-PARROĊĊA
jawguraw
il - Festa t'Tajba
lil kulħadd

# MESSAĠĠ TAL-ARĊIPRIET
# MONS. JIMMY XERRI



## *Inħarsu 'l quddiem*

Għaddejna minn esperjenza tal-COVID u għadna għaddejjin fi gwerra fl-Ewropa tagħna li donnha mhix se tispiċċa daqshekk malajr. Imma l-iktar ħaġa li titfa' lill-bniedem lura hija meta huwa jkollu esperjenza negattiva fil-ġewwieni tiegħu. Il-ġrajjiet tal-istorja u dak li ngħaddu minnu personalment, jgħallmuna li minkejja dak kollu li ngħaddu minnu rridu nħarsu 'l quddiem, nimxu u nagħmlu l-parti tagħna, bl-għajnuna li jagħtina l-Mulej. Fl-aħħar mill-aħħar qatt ma smajna b'xi ħadd li f'ħajtu kien dejjem ferħan, li f'ħajtu dejjem kellu r-riħ fil-qalgħa. Kif kien qal darba Prim Ministru Awstraljan, "Life was not meant to be easy".

Kif se nħarsu 'l quddiem? Kull bniedem jixtieq li jkun ferħan. Ġesù jgħidilna li hu jrid jagħtina l-ferħ. Il-ħajja, b'mod abbundanti. Allura, xħin inħarsu 'l quddiem, inqisu li nżommu lil Ġesù dejjem magħna. Ġesù jgħallimna nkunu ferhanin billi nħobbu. Ġesù jgħallimna li l-imħabba tirbaħ kull diffikultà. Ġesù huwa garanzija li min jimxi warajh ikun miexi sewwa.

Ejjew inħarsu 'l quddiem kif ħares Ġesù. Ġesù jwiegħed lid-dixxipli tiegħu li jiksbu l-kuraġġ bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu, li jkunu ħenjin jekk jgħixu l-Vanġelu u li, minkejja dan, l-inkwiet mhu se jonqos qatt! Allaħares nidħqu dejjem għax inkunu qisna boloh. U allaħares ma nidħqu qatt għax inkunu bħal Lascaris!

Nitolbu lill-Mulej li dejjem infittxu lilu u ngħixu billi nagħtu importanza lil dak li l-iktar jiswa. Darba minnhom, l-oratur imsemmi Grieg Demostene, kien qed ikellem lin-nies fuq l-imħabba lejn il-patrija. In-nies iddejqu jisimgħuh u ħafna bdew jitkellmu u jittewbu u xi wħud saħansitra raqdu bilqiegħda. Demostene intebaħ u beda jirrakkonta storja fuq ħmar u d-dell tiegħu. In-nies kollha fetħu għajnejhom u widnejhom u qagħdu attenti.

Ħbieb, jekk ma tatna kważi xejn pożittiv, l-esperjenza tal-Covid urietna x'inhuma l-affarijiet l-iktar essenzjali: il-valur tal-ħajja, l-importanza li ngħinu lil xulxin u l-mezzi differenti ta' kif nistgħu ngħixu l-ħajja tat-talb u r-rabta ma' Ġesù s-Salvatur tagħna.

Wara tant kumbattimenti li kellna, wara li nbidlu tant affarijiet fil-ħajja minħabba l-Covid u wkoll b'din il-gwerra, ejjew nidħlu fina nfusna u naraw il-kwalitajiet li tana Alla biex inħaddmuhom għall-ġid tal-komunità tagħna. Ejjew naċċettaw is-sitwazzjoni li għaddejna u nibnu mill-ġdid, infittxu toroq oħrajn, infasslu l-ħajja Nisranija dwar dak li rriflettejna fuqu f'dan iż-żmien tal-Covid.

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd. Minn hawn nirringrazzja lil dawk kollha li fil-festa u matul is-sena kollha jħabirku tant biex il-parroċċa tkun komunità li temmen, komunità li titlob, familja li tiċċelebra l-ħajja bil-ferħ, familja li tinġabar biex titgħallem u familja li twassal l-aħbar it-tajba lill-oħrajn.

Inħarsu 'l quddiem. U nimxu dejjem mal-Mulej Ġesù.

L-Arċipriet

Is-Sindku, Kunsillieri u Staff
tal-
**KUNSILL LOKALI TAN-NADUR**
jixtieq jawgura
l-***Festa tal-Imnarja t-Tajba***
lin-Nadurin kollha.

Made with Love

**Weddings, Holy Communions, Holy Confirmations, Graduations**

Whatever the occasion..
we can help you give that **MEMORABLE GIFT**

Contact us on 79592548

**Portelli Print**

Jawguraw il-festa t-tajba lin-Nadurin kollha



40, Ta' Said Street, Nadur, Gozo. Tel/Fax: 2155 8232
e-mail: portelliprint@gmail.com

# MESSAĠĠ TAS-SINDKU
# EDWARD SAID

## *Festa bil-kbir wara sentejn*

Bla ma qatt konna nimmaġinaw il-festa ta' din is-sena se tkun festa speċjali. Naturalment dan minħabba l-fatt li ser ikun ilna sentejn neqsin minn festa normali minħabba l-pandemija.



Il-Kunsill Lokali jara li kull sena jkun involut bis-sħiħ fil-festa tar-raħal tagħna, u dan nagħmluh għax minkejja l-attivitajiet l-oħrajn kollha li jkollna matul is-sena, għalina l-Festa tal-Imnarja tibqa' dejjem prijorità assoluta. Dan nagħmluh billi minn xhur qabel inkunu ppjanajna attivitajiet bħall-wirja agrarja u tal-artiġjanat, attività għat-tfal, rally għall-familja u tant attivitajiet oħra.

Iżda minbarra li jagħmel dawn l-attivitajiet kollha, il-Kunsill Lokali jikkollabora mal-għaqdiet kollha kif ukoll mal-parroċċa sabiex kull attività mill-bidu sal-aħħar tkun suċċess, jagħmilha min jagħmilha.

Hu propju għalhekk li l-Kunsill jinsab impenjat li jgħin b'kull riżorsa possibbli fl-attivitajiet ta' barra bħalma huma l-ikla tradizzjonali, l-attività taż-żgħażagħ, l-ispettakli tan-nar u dawk taż-żgħażagħ Imnarja u tant attivitajiet oħra. Iżda dan mhux biss għaliex il-Kunsill Lokali tagħna jgħin anke fil-ħruġ ta' permessi meħtieġa kif ukoll fl-indafa pubblika matul il-ġranet kollha tal-festa. Dan nagħmluh għax inħossu li huwa dmir tagħna li nkunu qrib il-parroċċa matul is-sena kollha, aħseb u ara fil-ġranet tal-Festa tal-Imnarja. Dan l-impenn kien, għadu u jibqa' l-wegħda tagħna bħala Kunsill Lokali.

F'ismi, il-kunsilliera u l-istaff kollu tal-Kunsill, nawguraw festa mill-aqwa lil kulħadd.



# KRONAKA TAL-PARROĊĊA

**DIĊEMBRU 2021 – ĠUNJU 2022**

## DIĊEMBRU



Nhar id-19 ta' Diċembru l-Kan. Teologu Ġużeppi Grech ġie elett bħala Mons. Onorarju tal-Katidral ta' Għawdex. Nifirħulu għal din il-kariga l-ġdida.

### Novena u Milied

Bejn il-15 u t-23 ta' Diċembru kien hemm in-novena tal-Milied. Din il-mixja liturġika u kateketika mhijiex biss għat-tfal imma għall-familja u għall-komunità kollha. Dan l-avveniment ikun mistenni minn bosta u t-tema ta' kull quddiesa tkun tiffoka fuq persunaġġi marbuta mal-ġrajja tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Fi tmiem il-quddiesa tad-disa' jum tan-novena dawk it-tfal preżenti ħadu l-barka b'Ġesù Sagramentat.



Lejlet il-Milied fil-11.30pm bdiet il-Quddiesa ta' Nofsilejl bil-kant tal-Matutin. Imbagħad f'Jum il-Milied fis-7.00pm ittella' l-programm tal-Milied mis-soċjetà tal-MUSEUM li kien jinkludi kant, poeżiji, *play* qasira u prietka tat-tifel. Dan ġie mxandar ukoll fuq il-mezzi soċjali. Din is-sena s-soċjetà tal-Museum iċċelebrat il-mitt sena meta ħarġet l-ewwel purċissjoni tal-Bambin f'lejlet il-Milied tas-sena 1921. Għal kuntrarju ta' dakinhar, din is-sena wkoll ma saritx il-purċissjoni fuq struzzjonijiet tad-Dipartiment tas-Saħħa.



### Kunċert tal-Milied bil-vjolin

Nhar l-Erbgħa 22 ta' Diċembru fis-7.15pm fil-knisja ttella' il-kunċert *Warmth of Christmas* minn Chelsea Xuereb bil-vjolin u akkumpanjata minn Amy Rapa fuq il-pjanu. Daqqew bosta siltiet tal-Milied kif ukoll siltiet ta' mużika klassika. Kulħadd kien mistieden.

### Laqgħat tal-Pjan Pastorali

Dawn il-laqgħat issoktaw matul ix-xahar ta' Diċembru u f'laqgħa li saret fis-17 ta' Diċembru kien hemm preżenti wkoll l-Isqof Anton Teuma.

### Is-6 Kartolina

Matul ix-xahar ta' Diċembru, ġiet ippubblikata s-sitt kartolina mis-sensiela 'Mill-Patrimonju Naduri'. Din turi r-Ritorn tas-Sagra Familja mill-Eġittu. Iktar 'l quddiem se jkun għall-bejgħ ukoll *album* biex fih tinżamm din il-kollezzjoni tal-kartolini.



## JANNAR

### Kwaranturi

Bħala komunità parrokkjali temmejna s-sena 2021 u lqajna s-sena 2022 bi tlett ijiem ta' adorazzjoni quddiem Ġesù fl-Ewkaristija. Fl-1 ta' Jannar fil-5.00pm sar l-għeluq tal-Kwaranturi b'konċelebrazzjoni solenni. Din tmexxiet mill-arċipriet Mons. Jimmy Xerri, bil-kant tal-Għasar integrat. Wara saret purċissjoni b'Ġesù Ewkaristija fil-knisja stess, li ntemmet bil-Barka Sagramentali.

### CD "L-Imħabba"

Iż-żgħażagħ taċ-Ċentru ħarġu CD bl-isem "L-Imħabba_". Dan is-CD fih kanzunetti sbieħ ta' tifħir lil Alla u tista' takkwistah miċ-Ċentru stess.

### Għaqda Armar Diċembru 13

Din is-sena l-Għaqda Armar Diċembru 13 tiċċelebra l-25 sena mit-twaqqif tagħha. Fost l-avvenimenti li se tagħmel, se jixxandru 5 programmi fuq FB kull 29 tax-xahar. Se jkunu qed jiltaqgħu ma' diversi Nadurin u naraw x'jgħidulna dwar San Pietru u San Pawl, id-devozzjoni lejhom fin-Nadur, il-kolleġġjata bażilka tagħna, l-Imnarja u l-25 sena tal-Għaqda.

## FRAR

Nhar il-Ħamis 3 ta' Frar festa ta' San Blas ġiet iċċelebrata quddiesa fil-bażilka bis-sehem tal-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri, Kan. Reuben Micallef u Mons. Salvu Pace. Waqt il-quddiesa sar feature qasir dwar dan il-qaddis u fl-aħħar tal-quddiesa sar it-tberik tal-grieżem lil dawk preżenti skont it-tradizzjoni. Għal kuntrarju ta' snin imgħoddija din is-sena wkoll, bħas-sena l-oħra, il-festa ma ġietx iċċelebrata fil-beraħ fl-inħawi ta' San Blas.





### Play dwar Dun Mikiel

Nhar is-16 ta' Frar fil-knisja parrokkjali ttellgħet play qasira dwar il-ħajja ta' Dun Mikiel Attard. Din il-play kienet miktuba minn Dun Ġwann Sultana u ħadu sehem fiha t-tfal mill-parroċċa taż-Żebbuġ Għawdex.



### Triq l-Imġarr

Wara kważi tliet snin u nofs magħluqa t-triq li min-Nadur tagħti għall-port tal-iMġarr infetħet. Din it-triq saret mill-ġdid. Interessanti ta' min jinnota li ittra miktuba lill-editur minn persuna C.P. li dehret fil-ġurnal 'Għawdex' tal-14 ta' Awwissu 1945 kienet titratta propju din it-triq. Dan C.P. qed jappella sabiex it-triq titwessgħa sewwa sew fil-punt tat-triq fuq l-arkata fejn hemm il-kisra. Isemmi żewġ inċidenti fejn bus li kienet sejra mgħobbija bin-nies għall-festa ta' Għajnsielem kienet għodda marret 'l isfel u ftit xhur wara bus oħra bit-tfal tal-iskola tefgħet il-kantuni isfel u r-roti ta' quddiem iddendlu għal ġor-raba'. Forsi għad hawn xi wħud mill-qarrejja li jiftakru dawn l-inċidenti!

## MARZU

Nhar it-3 ta' Marzu saret Assemblea Parrokkjali fil-knisja li għaliha kienu mistiedna l-membri tal-gruppi u l-għaqdiet kollha tal-parroċċa. Kien preżenti wkoll l-isqof Anton Teuma u matulha nqraw dawk is-suġġerimenti li ħarġu mil-laqgħat f'diversi kategoriji u gruppi. Din l-informazzjoni mbagħad ġiet mgħoddija lill-Isqof sabiex tkun tista' tiġi kkunsidrata fis-Sinodu tal-Isqfijiet li għaddej bħalissa.



### Play dwar Lonġinu

Nhar l-Erbgħa 30 ta' Marzu ttellgħet play qasira dwar is-suldat Lonġinu. It-tradizzjoni tgħid li s-suldat li nifed il-kustat ta' Ġesù kien jismu Lonġinu u wara din l-esperjenza jingħad li sar nisrani. Ir-ritratt juri mument waqt il-play. It-tfal li ħadu sehem kienu Gerard Camilleri li qara poeżija, Owen Saliba fil-parti ta' Lonġinu, Clyde Borg, Craig Borg u Luke Camilleri fil-parti ta' suldati u George Farrugia fil-parti ta' Binlehim. It-technician kien Keiren Borg.



## APRIL

### Żjara tal-Papa Franġisku f'Ta' Pinu

Fl-okkażjoni taż-żjara tal-Papa Franġisku f'Ta' Pinu nhar is-Sibt 2 ta' April, 2022, diversi parruċċani laqgħu l-istedina tal-parroċċa u tad-djoċesi ta' Għawdex u marru Ta' Pinu sabiex jagħtu merħba lill-Papa Franġisku waqt li ħadu sehem ukoll fiċ-ċelebrazzjoni ta' talb fuq iz-zuntier tas-Santwarju. Tfajjel min-Nadur, Gerald Camilleri, iltaqa' mal-Papa fil-ħin tal-offertorju waqt il-quddiesa li saret fuq il- fosos il-Furjana nhar il-Ħadd 3 ta' April, 2022. Kienet okkażjoni memorabbli.





### Ġimgħa Mqaddsa

Nhar il-Ġimgħa 8 ta' April ħabtet il-ġurnata ddedikata lil Marija Addolorata. Peress li ma saritx purċissjoni, minflok ittella' programm 'Via Matris' fil-knisja. Nhar Hadd il-Palm sar it-tberik tal-palm u friegħi taż-żebbuġ fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù. Wara saret mixja minn din il-knisja sal-knisja Bażilika bis-sehem tat-tfal u l-familji, fejn ġiet iċċelebrata quddiesa konventwali mmexxija minn Mons. Arċipriet.



Il-kunċert mill-banda Mnarja 'Mater Dolorosa' sar nhar it-Tnejn 11 ta' April fit-8.00pm fil-knisja. Filwaqt li l-għada it-Tlieta 12 ta' April, iż-żgħażagħ taċ-Ċentru organizzaw Via Sagra animata fil-knisja. Kulħadd kien mistieden jattendi għal din is-siegħa ta' riflessjoni u talb. Dan il-mument ġie konkluż bil-barka sagramentali.

Din is-sena wara l-funzjoni ta' Ħamis ix-Xirka fejn fiha sar il-ħasil tas-saqajn, wara li Ġesù Ewkaristija tpoġġa fl-artal tar-Ripożizzjoni, saru l-visti tas-7 knejjes ta' Ħamis ix-Xirka.



Nhar il-Ġimgħa l-Kbira saret il-funzjoni fil-knisja bl-adorazzjoni tas-Salib. Il-purċissjoni bil-vari tal-Ġimgha l-Kbira li kienet mistennija ssir ġiet imħassra minħabba li t-temp ma ppermettiex. Però nhar Ħadd il-Għid filgħodu wara l-funzjonijiet ta' Sibt il-Għid u Ħadd il-Għid, saret purċissjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt rebbieħ fuq id-dnub. Għalina l-insara din hi l-ikbar festa li niċċelebraw.





### Kartolina nr. 7

Fil-bidu ta' April ġiet ippubblikata s-seba' kartolina mill-kollezzjoni, li turi pittura antika ta' Ġesù fl-Ort tal-Ġetsemani. Din il-pittura tinsab fis-sagristija tal-knisja tagħna.



### Jum il-Parroċċa

Nhar il-Ħamis 28 ta' April, għall-okkażjoni ta' Jum il-Parroċċa saret konċelebrazzjoni fil-knisja fis-7.00pm. Din is-sena l-parroċċa fakkret it-334 sena minn mindu twaqqfet fis-sena 1688.

## MEJJU

### Rużarju fil-Beraħ

Matul ix-xahar ta' Mejju kull nhar ta' Ġimgħa ngħadet it-talba tar-rużarju f'żoni differenti tar-raħal fil-beraħ.

### Quddiesa f'ġieħ San Ġorġ Preca

Nhar it-Tnejn 9 ta' Mejju, il-membri tal-MUSEUM organizzaw il-quddiesa tas-7.00pm f'ġieħ San Ġorġ Preca. Kienu mħeġġin jattendu għal din il-quddiesa it-tfal, l-adolexxenti, iż-żgħażagħ, il-ġenituri u l-benefatturi kollha. Dun Ġorġ hu l-ewwel qaddis Malti li permezz tal-opra tiegħu għadna ngawdu l-ġid tal-formazzjoni Nisranija.





### Tabernaklu ġdid

Fil-*prayer room* ġie stallat tabernaklu ġdid li ħallsitu benefattriċi mill-parroċċa. Id-disinn tal-istruttura l-ġdida li saret fl-injam huwa tal-Kan. Reuben Micallef u ta' Mark Falzon. Dan tal-aħħar ħa ħsieb jaħdem l-opra kollha.





IL-PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL TAN-NADUR
TIFRAĦ U TIRRINGRAZZJA LIL ALLA FL-OKKAŻJONI

# TAL-50 ANNIVERSARJU

MILL-ORDINAZZJONI SAĊERDOTALI TA'

## MONSINJUR ĠUŻEPP ATTARD U MONSINJUR SALV GRIMA

Il-ħidma ta' dawn iż-żewġ saċerdoti mhux biss kienet iffukata fuq ħidma pastorali fil-parroċċa iżda kellha wkoll elementi missjunarji b'ħidma aktar wiesgħa li minnha bbenefikaw komunitajiet parrokkjali oħra kemm fid-djoċesi ta' Għawdex kif ukoll barra minn xtutna. Nifirħulhom u nkomplu nitolbu għalihom.



## Monsinjur Ġużepp Attard Stl.

Dun Ġużepp Attard, is-sitt wieħed fost 10 aħwa, twieled fis-7 ta' Mejju, 1946, iben Coronato u Anna neè Tabone min-Nadur. Beda l-iskola għand is-Sorijiet Franġiskani u mbagħad attenda l-iskola primarja tal-Gvern fl-istess raħal. Wara ffrekwenta l-iskola sekondarja tas-Seminarju Minuri, bħala border, u mbagħad kompla l-istudji fil-filosofija u t-teoloġija fl-istess Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù fir-Rabat Għawdex. Ġie ordnat qassis nhar l-24 ta' Ġunju, 1972 minn Mons. Nikol Ġ. Cauchi, fil-parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù ġewwa l-Fontana.

F'Settembru tal-istess sena beda l-ħidma tiegħu f'Ruma fil-Parroċċa ta' Santa Katerina ta' Siena u kontemporanjament kiseb liċenzjat fit-Teoloġija Pastorali mill-Università Lateranensi. Wara 3 snin ġie trasferit fil-parroċċa tan-Nativitá fejn qatta' 10 snin f'ħidma pastorali attiva u intensa.

F'Ottubru tal-1985 ġie maħtur kappillan tal-parroċċa ta' Sant'Injazju ta' Antijokja, b'popolazzjoni ta' madwar 10,000 ruħ, fejn dam għal 22 sena. Bil-ħidma fi ħdan din il-komunità, bi preżenza anke ta' diversi saċerdoti Għawdxin u Maltin, fosthom l-Isqof Anton Teuma, il-parroċċa saret punt ta' aggregazzjoni importanti fil-kwartier Appio Claudio, fuq Via Appia (fix-Xlokk ta' Ruma). L-azzjoni fundamentali pastorali tiegħu kienet tikkonsisti fil-Katekeżi għal kulħadd, mit-tfal għaż-żgħażagħ u l-adulti.

Fis-sena 1997 fl-okkażjoni tal-25 anniversarju tal-Ordinazzjoni tas-Saċerdozju gie moghti t-titlu ta' Monsinjur bħala rikonoxxenza għall-ħidma pastorali li wettaq fid-Djoċesi ta' Ruma. Għal xi zmien kien ukoll membru f'xi organi tad-djoċesi fosthom fil-Kunsill Presbiterali.

F'Settembu 2007 gie maħtur Arċipriet tal-Katidral ta' Għawdex. Hawnhekk kien irritorna fid-djoċesi ta' Għawdex, wara 35 sena ta' servizz pastorali fid-Djoċesi ta' Ruma. Dam kważi 10 snin fil-ħidma pastorali tiegħu fil-Katidral, fost diversi sfidi, imma fl-istess waqt kienet esperjenza pożittiva. Għadu Monsinjur effettiv fil-Kapitlu Katidrali.

Għal dawn l-aħħar 4 snin qiegħed jagħti servizz Pastorali bħala Rettur tal-Kappella ta' Kemmuna. Huwa wkoll Vigarju Episkopali għall-Katekeżi tal-Adulti. Fl-istess ħin jagħti servizz fil-parroċċa tan-Nadur fil-quddiesa ta' kuljum.

Dun Ġużepp qalilna li: ***"Fil-ħajja saċerdotali matul dawn il-50 sena dejjem għamilt dak li qatt ma kont nixtieq iżda wettaqt dak li s-superjuri xtaqu minni u għall-grazzja tal-Mulej dejjem sibt ruħi kuntent u sodisfatt ħafna fil-vokazzjoni saċerdotali tiegħi."***

# Monsinjur Salv Grima Stl.



Monsinjur Salv Grima twieled in-Nadur fit-13 ta' Ottubru, 1946 u kien l-ewwel wild ta' Ġużepp u Carmela neè Camilleri li warajh kellhom ħames ulied oħra, tliet subien u żewġ bniet. Trabba f'ambjent familjari fejn kulħadd kien jagħti daqqa t'id fil-ħidma fir-raba' u mal-bhejjem. Daħal is-seminarju minuri fir-Rabat Għawdex f'Ottubru tal-1959 u baqa' jistudja fis-seminarju maġġuri sakemm irċieva s-sagrament tal-ordinazzjoni fl-24 ta' Ġunju, 1972. Wara kompla bl-istudji tiegħu barra minn Malta u sal-1975 kiseb il-liċenzjat fit-Teoloġija Dommatika mill-Università ta' San Tumas (Angelicum) kif ukoll id-Diploma fl-Arkeoloġija Kristjana mill-Istitut Pontifiċju tal-Arkeoloġija Kristjana, it-tnejn ġewwa Ruma.

Lura Għawdex fl-1975 ingħata l-inkarigu ta' għalliem fis-seminarju minuri tal-Qalb ta' Ġesù, liema rwol baqa' jaqdi għal aktar minn għoxrin sena u fl-ewwel tliet snin kien ukoll l-assistent tas-surmast tal-iskola. Mill-1975 sal-lum ħadem u għadu jaħdem bħala lecturer fis-seminarju maġġuri u sal-2013 kien prefett tal-istudji. Dan ix-xogħol wettqu għal 34 sena u kien responsabbli mill-koordinazzjoni tal-programm tal-istudji, korsijiet, eżamijiet u tqassim ta' lectures matul iż-żewġ ċikli ta' studji li għalihom jattendu l-istudenti li jkunu qed jitħejjew għas-saċerdozju.

Monsinjur Grima kellu dejjem ix-xewqa li jagħraf aħjar il-ħajja tal-Knisja f'artijiet oħra, l-aktar f'artijiet missjunarji. Dan bil-għan li kemm jista' jkun ma jħossux saċerdot magħluq ġo gżira. B'rabta ma' dan segwa diversi inizjattivi relatati ma' pajjiżi oħra matul is-snin u kien ta' servizz u għajnuna fl-ambitu ta' ħidma b'risq il-missjonijiet partikolarment marbuta ma' missjunarji Għawdxin. Sa mill-ewwel snin tal-ħidma saċerdotali fil-parroċċa tan-Nadur ħadem fi ħdan il-Leġjun ta' Marija li dak iż-żmien kellu parteċipazzjoni qawwija kemm fil-gruppi tan-nisa u l-irġiel kif ukoll dak tat-tfal u żgħażagħ. Għal bosta snin kien ukoll ta' servizz u għajnuna għall-membri tal-MUSEUM fil-parroċċa u sa mill-2011 beda jservi bħala rettur tal-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù fin-Nadur, liema servizz għadu jaqdi sal-lum. Minbarra s-servizzi fil-knisja parrokkjali Mons. Grima wettaq ukoll servizzi f'parroċċi u knejjes oħra fid-Djoċesi ta' Għawdex fejn għadu jqaddes u jqarar b'mod regolari fil-parroċċa tal-Qala (mill-1976) u fil-knisja ta' San Pawl f'Marsalforn (mill-1989). Dan minbarra għajnuna oħra b'servizzi personali lill-morda u anzjani li ma jkunx għadhom jistgħu joħorġu minn djarhom.

Meta jħares lura lejn 50 sena ta' ħidma fl-għalqa tal-Mulej Mons. Grima jistqarr:
***"Dejjem nisimgħu jingħad li ż-żmien jaħrab u qisu ħolma. Radd ta' ħajr lil Alla għall-għajnuna kif ukoll għal dan il-pjan kollu li għoġbu jassenjani għalih u sakemm irid Hu nibqa' nwettqu mill-aħjar li nista' fil-limiti taċ-ċirkustanzi tal-ħajja."***

# AD MULTOS ANNOS!

# M.U.S.E.U.M. SUBIEN 75 sena

JOE CAMILLERI

**1947-2022 | 75 sena**
Museum tas-Subien fin-Nadur

**"...biex nagħrfuk u nħobbuk, Sinjur Alla."**
San Ġorġ Preca

## DAQSXEJN STORJA

75 sena mill-bidu uffiċjali tal-qasam tas-subien fin-Nadur. Kien hemm tentattivi sabiex jibda qabel. Teżisti kitba li b'xi forma l-qasam tas-subien kien hemm qabel l-1947 imma kienu tentattivi li ma tkomplewx. Il-qasam tal-bniet kien ilu sa mill-1915 fin-Nadur. Bejn Dun Ġorġ Preca u s-superjura Rakela Camilleri għaddew bosta ittri li b'xorti tajba s-superjura żammithom u f'waħda minnhom jgħidilha sabiex tgħin lill-qasam tas-subien. Imma kellha tkun it-Tieni Gwerra li b'effett tagħha bdiet il-fergħa tas-subien f'Għawdex. Emanuel Bianco kien jaħdem ta' compounder (iħallat il-mediċina) fi sptar tax-xjuħ u meta dawn ġew trasferiti għal Għawdex ġie magħhom. Ġie kontra qalbu għaliex il-fergħa tas-subien ma kinitx għadha bdiet uffiċjalment f'Għawdex. Dun Ġorġ ħeġġu sabiex jibda u hekk għamel. L-ewwel bdew ir-Rabat, imbagħad ix-Xewkija, il-Qala u mbagħad in-Nadur permezz tas-Superjur Salvu Buttigieg.

Uffiċjalment fir-raħal tagħna beda fl-1947 f'dar fi Sqaq il-Mitħna, illum Triq Papa Ljun XIII. Wara xi żmien għal dar fi Triq Ċimċem (fejn illum hemm ir-ristorant Al Capone) u mbagħad għal Triq Diċembru 13. Kien fl-1965 li l-qasam tagħna beda jopera mill-post fejn qegħdin illum. Ktibt post u mhux bini għaliex il-bini ħa żmien mhux ħażin sabiex inbena sa kif nafuh illum. Għall-bidu l-lezzjonijiet kienu jsiru fejn illum hemm il-kantini, imma sal-bidu tas-snin 70 anke t-tieni sular u l-ground kien tlesta. F'nofs is-snin tmenin kien sar il-proġett tal-faċċata, l-uffiċċju u l-kamra tal-ġenituri u s-sala ta' fuq. Fl-2001 id-disinn u l-attrezzar tas-sala, fl-2005 il-ground sar bit-turf u fl-2020 il-bini tal-lift u t-tkabbir tal-kmamar ta' fuq il-bejt.

U matul dawn il-75 sena l-qasam laqa' fi ħdanu ġenerazzjonijiet ta' subien. Kemm individwi, tul dawn is-snin kollha, taw ħinhom, ġidhom u t-talenti tagħhom sabiex jgħallmu lil ulied raħalna! Għandna tfal li jirrakkontawlek stejjer ta' meta nannuhom kien jattendi u jqabblu kemm il-qasam inbidel sabiex jirrifletti r-realtajiet li dejjem jinbidlu. Minn ground tat-torba, għal wieħed bil-konkos sakemm sar bit-turf. Lezzjonijiet biċ-charts – il-qasam tagħna minn dejjem emmen fl-awdjoviżwal u għandna librerija attrezzata ferm – għal dak permezz ta' laptops, projectors u monitors. Il-ground għalina huwa dak li jħajjar lit-tfal, adolexxenti u żgħażagħ sabiex wara partita football jidħlu jisimgħu lezzjoni sabiex Ġesù jsir dejjem aktar magħruf u maħbub. Dan kollu grazzi għalikom benefatturi li bqajtu dejjem issostnuna għax emmintu f'dak kollu li jsir fil-qasam.

U dan hu l-fini tal-qasam. Il-bini u l-attrezzar tiegħu, li dejjem imxew maż-żminijiet, isiru sabiex il-messaġġ Nisrani jibqa' dejjem frisk u attraenti. Għalhekk kuljum nilqgħu lil ulied ir-raħal. Għalhekk nippreparawlhom lezzjonijiet u attivitajiet interessanti. Għaliex permezz ta' dawn l-affarijiet inwassluhom lejn Kristu – iċ-ċentru tal-fidi tagħna. Jonqos biss il-ġenituri li jibqgħu jfakkru u jinkoraġġixxu lil uliedhom sabiex jattendu. Nafu li llum mhux faċli għaliex kulħadd għandu elf impenn. Imma bi ftit sforz l-attendenza tibqa' sabiħa anke wara li jkunu għamlu l-Griżma. Dun Ġorġ f'moħħu kellu formazzjoni għal ħajja u mhux sempliċement preparazzjoni prossima għas-sagramenti. Il-Museum huwa indirizzat għal wara l-Griżma tal-Isqof fejn iktar milli tingħata informazzjoni ssir il-formazzjoni.

## PROGRAMM

Qed nerġgħu nibdew Lobissajf kemm għat-tfal tal-Primarja kif ukoll l-adolexxenti u żgħażagħ tas-Sekondarja. Jekk binkom għadu ma nkitibx ħeġġuh ikellemna. Aktar ma nkunu dejjem aħjar. Aħjar jilgħab magħna fil-ground milli fuq l-internet.

Għaddejjin bi preparamenti sabiex nagħmlu Ġimgħa Museumina fit-tieni ġimgħa ta' Awwissu bejn is-Sibt 6 u l-Ġimgħa 12. Quddiesa u wara t-tberik tal-lift, Programm speċjali tal-ġrajja tal-qasam (feature sabiħ b'mijiet u mijiet ta' ritratti mill-albums tal-qasam b'uħud minnhom għandhom iktar minn 50 sena), Logħob għat-tfal, Adorazzjoni u play sabiħa u ġdida dwar Dun Mikiel Attard. Dun Mikiel kien wieħed li għen ħafna, b'kull mod li seta', lill-qasam tagħna. Kien għalhekk xieraq li f'dan l-anniversarju nagħmlu din il-play dwar dan il-qassis twajjeb li l-Knisja qed tistudja l-qdusija tiegħu sabiex tipproponihulna bħala mudell. Hija play differenti minn tas-soltu għax tittratta bniedem li nafuh u li għexna miegħu. Għandha tingħoġob. Nistednukom sabiex matul din il-ġimgħa tattendu bi ħġarkom għal dawn l-attivitajiet li qed inħejju għalikom. Aktar dettalji jingħataw fil-fuljett tal-Benefatturi ta' Awwissu li ġej.

Wara sentejn li ma stajniex norganizzaw attivitajiet minħabba l-imxija tal-Covid nixtiequ ferm li timlew il-ground tagħna u tifirħu magħna f'dan l-anniversarju sabiħ. Bħalma ħadna gost narawkom il-qasam meta ġejtu taraw iċ-Ċena tas-Sinjur, kontu magħna fil-viżti tas-Seba' Knejjes u l-programm Marjan fl-aħħar ta' Mejju nixtiqukom timlew il-ground tagħna sabiex nifirħu flimkien. Niċċelebraw il-75 sena li għaddew u nippreparaw għaż-żmien li ġej. Waħda mill-aktar sentenzi popolari ta' Dun Ġorġ hi 'it-tagħlim hu l-għajn ta' kull ġid' u din hija l-missjoni tal-Museum… li tgħallem sabiex Ġesù jkun dejjem aktar magħruf u maħbub.









# M.U.S.E.U.M. BNIET

## IS-SUPERJURA U MEMBRI

*“It-tagħlim huwa l-għajn ta' kull ġid.”*

Għaddiet sena oħra u għall-grazzja ta' Alla komplejna bit-tagħlim tat-tfal u tal-adolexxenti kemm fil-qasam kif ukoll b'mod virtwali, minkejja l-pandemija. Għalkemm ma tantx kellna ħafna attivitajiet matul is-sena li għaddiet, almenu stajna nwasslu t-tagħlim anke ma' dak li għandu x'jaqsam mal-liturġija bħalma hija preparazzjoni għar-Randan u l-Għid il-Kbir. Ma naqsux ukoll lezzjonijiet fuq il-vigarju ta' Kristu qabel il-miġja tal-Papa fostna u anke fuq it-tagħlim li wasslilna.

Preżentament mexjin b'mod normali u għalhekk issa jekk Alla jrid bdejna norganizzaw attivitajiet fil-qasam il-ġdid fejn għandna aktar spazju. Kull nhar ta' Sibt inlaqqgħu t-tfal minn Year 5 'l fuq għal xi attività u aktar 'l quddiem fis-sajf bi ħbsiebna nkomplu sejrin jekk Alla jrid. Infatti fl-1 ta' Mejju ħadna lill-adolexxenti ħarġa Malta flimkien mas-soċi fejn żorna wkoll il-kappella tal-Madonna mirakoluża fejn hemm il-fdalijiet ta' San Ġorġ Preca u postijiet oħrajn ta' interess. Inħeġġu lill-ġenituri sabiex meta jistgħu jibagħtu lill-uliedhom anke għal dawn l-attivitajiet matul is-sajf biex nedukawhom mhux biss fil-ħajja spiritwali tagħhom, billi nrawmu fihom prinċipji u valuri nsara, u hekk ikunu kapaċi jaffrontaw il-ħajja bil-problemi kollha li ġġib magħha.

## DEVOZZJONI TA' SAN ĠORĠ PRECA LEJN L-EWKARISTIJA

Peress li din hija l-ħarġa ta' Ġunju, nixtieq naqsam magħkom id-devozzjoni li San Ġorġ Preca kellu lejn l-Ewkaristija. Hawn ta' min isemmi l-fatt ta' meta Dun Ġorġ kien imsejjaħ mill-kappillan sabiex jiċċelebra l-quddiesa tal-Ewwel Tqarbina u l-fundatur aċċetta bil-qalb. Hu jirrakkonta li waqt it-Tqarbin, meta ġie biex iqarben il-ħames tifla, lemaħha tgħolli għajnejha lejn l-Ostja u titbissem lil Ġesù bħallikieku rat l-egħżeż ħabib ta' qalbha. Dun Ġorġ tant kien emozzjonat li jgħid li kważi ma felaħx iżomm fuq riġlejh u jqarben iżjed u biex kompla kellu jżomm mat-taraġ tal-artal. Hu jkompli jgħid li dakinhar baqa' miġbur fih innifsu l-ġurnata kollha għax fehem li l-fidi ta' dik it-tifla kienet xi ħaġa tal-għaġeb. U din il-ġrajja tant impressjonatu li baqa' jsemmiha għomru kollu.

Il-fatt li San Ġorġ kien jieħu ħin twil biex iqaddes il-quddiesa, anke meta kien żagħżugħ, juri li kellu devozzjoni profonda lejn Ġesù Ewkaristija. Kien iqaddes fl-Istitut ta' Fra Diegu u kienu jħalluh iqaddes waħdu. Fil-Ħdud u l-festi s-sorijiet kienu b'għaxqa ta' qalbhom, jitpaxxew bil-quddiesa tiegħu. Meta kiber beda jqaddes b'mod privat fid-dar tiegħu, u allura l-Quddiesa kienet tieħu parti sewwa min-nofstanhar ta' filgħodu.

Kien iħobb joqgħod waħdu fil-knisja wara li s-sagristan jagħlaq il-knisja u ġie li kien jintefa' minn tulu fl-art wiċċu 'l isfel jadura lil Ġesù Sagramentat.

Fost il-ħafna kitbiet tiegħu ma naqasx jinkludi kotba bit-temi fuq l-Ewkaristija bħal: "l-Ora Santa ta' San Gaetanu" u "Kwarta Quddiem Ġesù Sagramentat".

Anke l-ġakulatorja li ngħiduha ta' spiss: "Ġesù Ewkaristija kun Int il-ferħ u l-hena ta' ħajti kollha" nafuha lilu. Dan juri li mhux biss kien jistqarrha 'mma wkoll jgħixha.

Tkun ħaġa sabiħa li f'dan ix-xahar ta' Ġunju, fil-festa tal-Corpus Christi, inqajmu l-ħeġġa tagħna lejn Ġesù Ewkaristija billi nassistu b'aktar devozzjoni għall-Quddiesa u anke nsibu spazju biex ngħaddu ftit ħin fis-skiet quddiem Ġesù Sagramentat.

# L-EWWEL TQARBINA U L-GRIŻMA TAL-ISQOF



Għandna numru sabiħ ta' tfal u adolexxenti li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof rispettivament. Inħeġġu lill-ġenituri biex dawn ma jkunux biss okkażjonijiet li jgħaddu 'mma wkoll, li kemm huma kif ukoll uliedhom ikomplu jgħixuhom matul ħajjithom kollha. Hawn nixtiequ nagħmlu enfasi biex il-ġenituri jkomplu jħeġġu lil uliedhom, speċjalment lil dawk li jkunu għamlu l-Griżma, biex jibqgħu jattendu għat-tagħlim anke fil-qasam tagħna bħal studenti oħrajn. "Hija ħaġa neċessarja li inti titgħallem il-kliem tal-ħajja ta'dejjem."Hekk kien jgħid il-fundatur tagħna, Dun Ġorġ Preca. Infakkrukom ukoll li fis-sajf il-qasam jibqa' miftuħ għal uliedkhom kemm għat-tagħlim kif ukoll għall-attivitajiet.



Nawguraw lin-Nadurin kollha l-festa t-tajba mfassla fuq l-eżempji tal-padruni tagħna San Pietru u San Pawl.

Il-paċi magħkom.





# L-Iskola Primarja tan-Nadur Dun Salv Vella tagħlaq 90 sena

MARK AZZOPARDI

L-Iskola tagħna din is-sena qed tfakkar id-90 sena minn meta beda jintuża l-bini ġdid fi Triq it-Tiġrija. Kien eżattament l-4 ta' Jannar 1932 meta bdiet tintuża din l-iskola għat-tagħlim bħala skola elementari fin-Nadur. Imma dan ma kienx il-bidu tal-Edukazzjoni Primarja fin-Nadur. Fil-fatt l-ewwel skola fin-Nadur infetħet fis-sena 1842 bħala skola għas-Subien u kienet l-ewwel skola li nfetħet f'raħal wara dik tal-Belt Victoria. Din kienet fi Pjazza Dun Martin Camilleri, magħrufa aħjar bħala l-Pjazzetta, biswit il-knisja fejn illum hemm xi ħwienet. Fl-1848 imbagħad infetħet l-ewwel skola għall-bniet x'aktarx fi Triq San Ġwann. Maż-żmien dawn bdew jinħassu żgħar u mhux attrezzati biżżejjed. Jerġa' fl-1924 il-Gvern Malti kien ħareġ il-Compulsory Attendance Act li kienet tobbliga lit-tfal kollha li jattendu l-iskola sakemm jagħlqu t-tnax-il sena. Erba' snin wara dan l-obbligu tela' għal erbatax-il sena. Għalhekk kien inħass il-bżonn li tinbena skola ġdida li tilqa' lis-subien u lill-bniet fl-istess bini imma fi klassijiet differenti. Horace Mercieca li kien ħareġ ktejjeb fl-okkażjoni tal-75 sena mill-ftuħ tal-iskola fi Triq it-Tiġrija jikteb hekk:

***"Din kienet skola ġdida fjamanta u wara dik tar-Rabat, kienet l-ewwel skola f'Għawdex li ġiet mibnija apposta biex isservi bħala skola. Il-bennej tagħha kien is-Sur Lawrence Sciberras minn Sannat. Din infetħet uffiċjalment nhar l-4 ta' Jannar tal-1932. Skont il-log book tal-Iskola ta' dak iż-żmien, din ġiet imbierka mill-Arċipriet tan-Nadur, il-Kanonku Ġużeppi Cassar, fil-preżenza tal-Kapitlu, il-qassisin tar-raħal u ġemgħa kbira ta' nies. Kien hemm preżenti wkoll id-Direttur tal-Iskejjel Elementari, li ta n-nofstanhar ta' filgħaxija ta' dan il-jum bħala vaganza. Fil-bidu bdew jattendu s-subien biss, imma tliet snin wara, fl-10 ta' Mejju tal-1935, l-iskola ġdida bdiet tilqa' lill-bniet ukoll. L-ewwel żewġ kapijiet tal-iskola l-ġdida kienu Dun Mikiel Galea tal-iskola tas-subien u Ms Doris Vella tal-iskola tal-bniet."***


*L-okkażjoni tat-tberik tal-iskola*

Fl-arkivji tal-Uffiċċju Parrokkjali tal-Parroċċa nsibu wkoll ittra miktuba mid-Direttur tal-Edukazzjoni ta' dak iż-żmien Dr Albert V Laferla fejn huwa talab lill-Arċipriet tan-Nadur l-Kan Ġużepp Cassar biex ibierek l-iskola fl-4 ta' Jannar għall-ħabta tad-9.00 a.m. għar-raġuni li l-istess Direttur kellu impenn f'Malta waranofsinhar. Huwa talab ukoll lill-Arċipriet biex javża fil-Quddies biex in-Nadurin ikunu jistgħu jattendu bi ħġarhom għal dan il-ftuħ uffiċjali.

Fil-bidu l-iskola kienet biss b'sular wieħed. Meta faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija, l-Iskola tan-Nadur intgħażlet sabiex tkun il-kwartier Ġenerali tal-Armata Ingliża u wara tal-Armata Amerikana. Fil-fatt l-ewwel suldati Ingliżi waslu għall-bidu tas-sena 1941 u okkupaw parti sewwa mill-Iskola. Għalhekkk daħlet fis-seħħ is-sistema tal-half time fejn is-subien bdew jattendu l-iskola fin-nofstanhar ta' filgħodu filwaqt li l-bniet kienu jattendu l-iskola waranofsinhar.

F'Jannar tal-1942 sar ħbit mill-ajru intenzjonalment għal fuq l-Iskola, imma l-bombi waqgħu fuq djar fil-qrib. Kien għalhekk li xi klassijiet tal-iskola tħarrku lejn djar oħra fl-abitat li kellhom xi xelters maġenbhom. Għall-bidu tas-sena 1943 l-Iskola kellha tingħalaq għal madwar xahrejn minħabba li kienet faqqgħet l-epidemija tal-paraliżi infantili.

Kien imbagħad fl-1955 meta nbniet l-estensjoni tas-sular ta' fuq minħabba l-fatt li l-iskola kienet saret zgħira biex tilqa' lit-tfal kollha Nadurin. Ftit snin wara, fuq in-naħa ta' wara tal-Iskola, inbena workshop minn fejn kienet tinħadem ħafna għamara għall-iskejjel ta' Għawdex u s-Sala li fis-sena 2003 issemmiet għal Dr Joe Debono, li kien ukoll Assistent Direttur tal-Edukazzjoni u wild in-Nadur.

Fl-1975 infetħu l-ewwel klassijiet tal-kindergarten filwaqt li fil-bidu tas-sena skolastika 1977-1978 l-iskejjel tas-subien u tal-bniet ingħaqdu flimkien bħala skola waħda u l-iskola bdiet tissejjaħ Mixed Primary School Nadur fejn l-ewwel Kap ta' din l-iskola kienet Ms Mary Zerafa, li kienet diġà inkarigata mill-iskola tal-Bniet. Illum il-librerija hija msemmija għal din l-persuna li ħadmet bla heda għall-ġid ta' din l-istess skola.

Kien imbagħad fl-1992 meta inkitbet paġna oħra importanti fl-istorja tal-Iskola tagħna. Kumitat maħtur apposta ried ifakkar b'mod speċjali il-150 sena minn meta nfetħet l-ewwel skola Primarja fin-Nadur. Kien hawn li l-iskola ssemmiet għal Dun Salv Vella li għamel karriera twila bħala għalliem u wara surmast ta' din l-ewwel skola fin-Nadur. Inħadem ukoll monument ta' dan l-edukatur, xogħol l-istatwarju Michael Camilleri Cauchi, li jinsab fil-kantuniera tal-iskola bejn Triq it-Tiġrija u Triq F. S. Sciortino.

L-Iskola huwa post ħaj fejn l-istudenti, l-għalliema, il-Kapijiet, l-Assistenti kapijiet u l-ġenituri iħallu t-timbru tagħhom permezz tal-ħidma u l-parteċipazzjoni tagħhom. Ħajr imur lil dawk l-għalliema kollha li flimkien mal-kapijiet tal-iskola matul dawn id-disgħin sena ħadmu u taw kontribut kbir fl-iskola taghna. Ninsab kburi wkoll li f'dawn l-aħħar tletin sena flimkien ma' ħafna u ħafna oħrajn tajt ukoll il-kontribut tiegħi biex l-iskola tan-Nadur tkompli fil-missjoni tagħha li teduka b'mod ħolistiku lit-tfal li jattendu fiha.

## FID-DISGĦIN SENA

Żgur li d-disgħin sena tal-Iskola tagħna ma kinitx xi sena faċli. F'pandemija li messet ma' tliet snin skolastiċi kien hemm ħafna mewġ ta' problemi li laqtu l-klassijiet tagħna. Konna marbutin b'regoli li daħħluna f'normalità ġdida li qatt ma konna noħolmu qabel. Kellna tfal li kellhom jgħaddu ġranet sħaħ id-dar minħabba xi kwarantina li kienet tmisshom u dan għaddew minnu bosta għalliema wkoll. Prosit kbir imur lejn l-SMT (il-Kap u l-Assistenti kapijiet) li kellhom jamministraw l-iskola fi żmien ta' taqlib kbir. L-istess imur għal sħabi l-għalliema li kellhom ipoġġu quddiemhom prattiċi ġodda li kienu jinbidlu minn żmien għal żmien. U fl-aħħar u mhux l-inqas lill-ġenituri u lit-tfal li tant ikkoperaw magħna. Din l-aħħar sena skolastika bdejna naraw xi ftit tan-normalità għal dak li konna mdorrijin biha qabel. Reġgħu bdew isiru l-ħarġiet edukattivi kważi kif konna nafuhom qabel. Anke l-attivitajiet fl-iskola setgħu jiżdiedu wkoll. Issa li qrobna sew għall-bidu tal-vaganzi tas-sajf nawguraw lill-istudenti li jmorru tajjeb fl-eżamijiet, b'tama issa qawwija li f'Settembru nibdew sena skolastika ġdida kif konna nafuha qabel, jiġifieri mingħajr restrizzjonijiet.

U biex nagħlqu, nittamaw li dan is-sajf jibda x-xogħol tant bżonnjuż ta' refurbishment tal-iskola tagħna. Wara disgħin sena naħseb li issa ħaqqha biċċa xogħol ta' tisbiħ sewwa! Sewwa li jkollna ambjent akkoljenti li jixraq lil studenti tas-seklu wieħed u għoxrin. Fl-aħħar nett nieħu l-okkażjoni biex f'isem sħabi u s-Senior Management Team, nawgura l-Festa t-Tajba lin-Nadurin kollha. Viva San Pietru u San Pawl!









# IĊ-ĊIMA
ROOF GARDEN RESTAURANT

*Ikel mill-aqwa, atmosfera familjari u prezzijiet li jlaħħaq magħhom kulħadd*

St. Simon Street,
Xlendi - Gozo - Malta.
www.starwebmalta.com/cima.htm

Tel: 21558407
Fax: 21556737
Mob: 99558407
99877510

# FAMILY NEEDS

Boutique

Pjazza Arċ Martin Camilleri

Household goods

*Nadette Muscat*

# BERNANDY SUPERMARKET

Your Shop - Your Choice

**Pjazza Dan Martin Camilleri - Nadur - Gozo** **Tel: 2156 5546**

# M & J Garage



**Qortin Street, Nadur, Gozo. Tel: 2156 2771, Fax: 2156 4997**
**Mob: 9945 9772 / 9947 9590.**
*for Professional Painting, Colour Matching,*
*Panel Beating, Rust Reapir & Baking Spray*
**Car Rental**

# Garden of Eden
## Health and Beauty Salon

GUINOT
INSTITUT • PARIS

Eden M Galea
ITEC Diploma (U.K.) Specialised beauty therapist
"Garden of Eden", Hida Street, Nadur, Gozo Tel: 2155 8170 Mob: 7955 8170



# Skola taż-żgħar tas-Sorijiet Franġiskani










It-tfal tal-Kinder 1 u Kinder 2 tal-iskola taż-żgħar immexxija mis-sorijiet Franġiskani li għandna hawnhekk fin-Nadur, fis-26 ta' Mejju 2022 kellhom il-kunċert li fih ġie ċċelebrat Jum il-Gradwazzjoni. Swor Dorothea Mizzi u l-għalliema Anna Scicluna u Maureen Zerafa tellgħu programm mill-isbaħ għal numru kbir ta' ġenituri, qraba u ħbieb tat-tfal ċkejknin li din is-sena attendew din l-iskola. It-tfal kantaw u rreċtaw programm tassew imżewwaq. Is-serata għalqet bl-għotja taċ-ċertifikat u rigal lill-istudenti li ggradwaw għaliex issa se jkomplu l-mixja edukattiva tagħhom fl-iskola primarja.

**Nawguraw lil dawn it-tfal u oħrajn bħalhom mill-parroċċa tagħna u jalla l-esperjenza edukattiva tagħhom tkun waħda li toffrilhom futur ħieni.**

NADUR TEEN & YOUTH CENTRE

# X'toqogħdu tagħmlu hemm ġew?

Mhux darba jew tnejn niltaqa' ma' xi adolexxenti jew anke adulti li filwaqt li jirreferu għaċ-Ċentru Parrokkjali, jistaqsuni: "X'toqogħdu tagħmlu hemm ġew?"

Għalkemm hija mistoqsija sempliċi, xorta waħda jista' jkollha diversi tweġibiet differenti; jiddependi ħafna minn min ikun qed jistaqsiha. Però jekk ikunu adolexxenti li qegħdin jistaqsu, huwa ovvju li ser insemmilhom li nagħmlu l-laqgħat ta' kull ġimgħa, iżda ma noqgħodx lura anqas milli ngħidilhom li għandna wkoll spazju fejn jistgħu jgħaddu "siegħa relax" jew jilagħbu l-logħob favorit tagħhom fuq il-playstation 5, xi boardgame, it-table tennis jew it-table soccer.

Però minkejja dawn il-possibiltajiet ta' rikreazzjoni, l-għan tal-pastorali tagħna fi ħdan iċ-Ċentru huwa dan: li noħolqu spazju u esperjenzi li fihom, bil-mod il-mod, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ ikollhom ċans joqorbu lejn Ġesù u jagħmlu esperjenza tiegħu. Sabiex niġu aktar fil-konkret u nwieġeb għall-mistoqsija "x'noqogħdu nagħmlu" ċ-Ċentru, ser nispjegalkom l-itinerarji ta' tagħlim li segwejna matul din is-sena.





### Form 2s

Mal-iżgħar grupp qbadna t-tema tas-Sagramenti sabiex nerġgħu nfakkruhom dak li diġà għexu u tgħallmu dwaru, u sabiex jibdew japplikawhom aktar fil-ħajja ta' kuljum. Din is-sena, dan il-grupp kien wieħed imdaqqas u kienet esperjenza sabiħa li erġajna rajna gruppi relattivament numerużi wara s-sentejn tal-Covid. Fir-Randan kellna l-possibiltà li nagħmlu rtir sabiħ fuq l-istorja ta' Ġona u kien mument tassew sabiħ.

### Form 3s, 4s & 5s

Ma din il-faxxa ta' età din is-sena għażilna li naqbdu t-tema tal-frott tal-Ispirtu s-Santu. Irriflettejna fuqhom, waħda waħda, u rajna kif dawn jiġu applikati fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Mill-banda l-oħra elenkajna t-tentazzjonijiet li jista' jkollna u li jbegħduna milli nilqgħu l-frott tal-ispirtu s-santu. Fl-aħħar laqgħat, imbagħad, rajna kif l-ewwel komunità tal-Insara, immexxija mill-appostli, irnexxielhom jikbru fil-fidi bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Dawn l-aħħar laqgħat kienu providenzjali sabiex hekk kif qed toqrob il-Festa tal-Imnarja, stajna naraw il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu kemm f'San Pietru u kemm f'San Pawl. Tajjeb li nsemmu wkoll l-irtir sabiħ li kellna fi żmien ir-Randan u li kompla jgħin lill-adolexxenti jiltaqgħu ma' Ġesù.

## 6th form



Mas-sixth formers għażilna t-tema tal-mixja tal-ħajja u rriflettejna fuq iż-żgħażagħ f'relazzjoni mal-passat, mal-preżent u mal-futur. Iddiskutejna diversi temi li għandhom x'jaqsmu mar-relazzjonijiet tagħhom mal-ġenituri, mal-ħbieb, max-xogħol, it-tqassim tal-ħin, l-antenati tagħna u temi oħra li ħolqu diskussjonijiet sbieħ. Sfortunatament, waħda mill-isfidi ta' dan il-grupp kien, u għadu, in-numru ta' privatijiet u eżamijiet li jkollhom u li jtellfu mill-mixja kontinwa tal-laqgħat. Fl-istess ħin dan il-grupp kien involut fl-organizzazzjoni ta' diversi attivitajiet oħra, anke spiritwali, bħal Prayer spaces fl-Avvent, kif ukoll "il-Mixja tat-Tbatija" fi żmien ir-Randan.

## 18 plus

Maż-żgħażagħ, minkejja li ħafna minnhom ikunu Malta jistudjaw jew jaħdmu, żammejna l-appuntament ta' darba f'Ġimgħa u konna niltaqgħu f'Dar Manwel Magri, dar tal-Ġiżwiti, maġenb iċ-Chaplaincy tal-Università, Malta. Hemm qbadna diversi temi Kristoloġiċi u attwali, u kien hemm drabi wkoll meta ingħaqadna ma' żgħażagħ oħrajn sabiex nattendu għall-eżerċizzi jew laqgħat oħra organizzati mill-KDŻG. Ir-randan li għadda kien ukoll żmien speċjali li fih kellna kemm irtir u kemm eżerċizzi li żgur li għinuhom jgħixuh b'mod aktar qawwi. Lil dan il-grupp dejjem inħeġġuhom ħafna sabiex jipparteċipaw għall-kors tal-10 Kmandamenti li jsir mill-KDŻG għax nemmnu li jagħmlilhom ħafna ġid. Infatti numru sabiħ minnhom jattendi għalih.

## Prayer Group

Dan il-grupp huwa ffurmat minn żgħażagħ ta' 15-il sena 'il fuq li jixtiequ li jkollhom mumenti li fihom ikunu jistgħu jirriflettu aktar fuqhom infushom u fuq ir-relazzjoni tagħhom ma' Ġesù. Din is-sena għażilna t-tema tas-sejħat fl-iskrittura, u permezz ta' diversi persunaġġi mill-Bibbja rajna x'kienet il-missjoni tagħhom u kif għixuha.

## Animaturi

Fl-aħħar mill-aħħar u mhux b'inqas, ta' kull ġimgħa niltaqgħu l-animaturi flimkien sabiex nevalwaw l-attivitajiet li jkunu saru, inħarsu lejn il-preżent sabiex niddiskutu l-isfidi li nkunu għaddejjin minnhom, u nippjanaw il-futur għall-ġid tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ li jiffrekwentaw iċ-Ċentru. Il-mumenti ta' formazzjoni u mumenti spiritwali ma jonqsux. Anzi nħossuhom essenzjali sabiex kulħadd ikompli joffri sehmu minn qalbu.





Għalhekk, kif tistgħu taraw, il-ħidma hija kbira, iżda bil-għajnuna ta' Alla kollox hu possibbli. Qatt ma nieqfu wkoll nirringrazzjaw lill-benefatturi tagħna, kemm materjali u kemm spiritwali u nitolbukom iżżommu liż-żgħażagħ fit-talb tagħkom sabiex jagħrfu l-vokazzjoni tagħhom, u biex dawk li għandhom vokazzjoni saċerdotali jew reliġjuża, ma jibżgħux iwieġbu għas-sejħa ta' Alla.

Il-Bord Editorjali, flimkien mal-Arċipriet, Kapitlu, Kleru u Parruċċani jawguraw lil **FR MARK BONELLO** u **FR DANIEL GRECH** li f'dawn il-jiem iċċelebraw *10 snin Saċerdozju*. Nirringrazzjawhom tal-ħidma sfieqa tagħhom u nwiegħduhom it-talb tagħna.

AD MULTOS ANNOS!





# IL-BANDA MNARJA

JAMES BUTTIGIEG

Wara sentejn kważi weqfin minħabba l-pandemija tal-Covid 19 jidher li din is-sena l-festa ser issir bħas-snin ta' qabel il-pandemija. Kienu sentejn diffiċli ferm għall-Banda tagħna kif ukoll għas-soċjetà inġenerali. Il-Banda Mnarja waqfet tiltaqa' għal numru ta' xhur u anke s-sede tal-każin kienet magħluqa. Kien ta' wġigħ ta' qalb tgħaddi minn fejn il-każin ta' tarah magħluq.



Il-kumitat għamel li seta' biex ikompli t-tagħlim tal-aljievi b'mezzi elettroniċi imma kienet ferm aktar diffiċli u inqas effettiva. Il-fatt li ma tiltaqax kien ferm diffiċli u tellef ħafna mill-effett tat-tagħlim. Anke (Peress li..) l-inċentiv li joħorġu jdoqqu mal-Banda spiċċa u għalhekk huwa (sar) aktar diffiċli biex timmotiva lill-aljievi. Minn hawn nixtiequ nirringrazzjaw lill-aljievi tal-impenn u l-perseveranza biex komplew jitgħallmu f'ambjent daqshekk diffiċli. Grazzi wkoll lill-ġenituri tal-aljievi tal-ħidma tagħhom f'dan ir-rigward.

L-aħħar darba li l-Banda Mnarja daqqet bl-unuri kollha fil-purċissjoni tal-festa kien fl-2020. Fis-sena 2021 ippruvajna nagħmlu kunċert fi żmien l-Għid li twaqqaf tliet ġimgħat qabel minħabba restrizzjonijiet ġodda tal-pandemija. Il-Banda u l-każin bdew jieħdu r-ruħ f'Ottubru u Novembru li għaddew. F'Novembru tal-2021 organizzajna l-kunċert Mnarja Band in Concert lejlet San Koronatu fil-Bażilika tagħna. Kienet okkażjoni sabiħa ferm u kienet milqugħa b'entużjażmu kbir minn kulħadd. Għalina kienet raġġ ta' dawl biex bil-mod noħorgu minn dan il-perjodu ta' kriżi u ta' dwejjaq. Kien ukoll ta' sodisfazzjon li reġa' ntuża t-Teatru MBC għall-kunċert Best of Winds. Kienet okkażjoni sabiħa ferm għalina. Il-fatt li bdejna l-kunċerti u niltaqgħu kien ta soljiev għalina kemm kumitat, il-persuni li jiffrekwentaw il-Bottegin tas- Soċjeta kif ukoll għall-Bandisti infushom. Din is-sena rnexxielna nibdew il-provi għall-kunċert tal-Għid bl-isem Mater Dolorosa li ttella' fil-Bażilika tagħna li kien suċċess. Minn hawn nixtiequ nirringrazzjaw lill-bandisti u lis-Surmast għad-dedikazzjoni tagħhom għax ma kienx faċli li terġa taqbad ritmu wara daqshekk zmien weqfin. Grazzi wkoll tmur lil Ministeru għal Għawdex li ta l-għajnuna tiegħu biex dawn il-kunċerti setgħu jsiru, għax mingħajr attivitajiet ta' ġbir ta' flus li soltu konna norganizzaw ma tistax tagħmel dawn il-kunċerti.

Kien ta' dispjaċir li l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ma saritx minħabba l-maltemp imma ħadna sehem fil-purċissjoni sabiħa tal-Irxoxt. Kienet l-ewwel darba li ħarġet purċissjoni mill-Bażilika tagħna mill-festa tal-Imnarja tal-2020. Il-Banda ħarġet bl-unuri kollha u kien hemm attendenza tajba mill-bandisti tal-post, fatt li jawgura tajjeb għaż-żmien li ġej. Il-Banda Mnarja ħadet





sehem ukoll fiċ-ċelebrazzjonjiet tan-Nadur Youngsters fl-okkażjoni tar-rebħ tat-13-il titlu ta' Champions tal-Football Għawdxi. Anke f'dan il-każ il-Banda kienet armata sew u kollox mar sewwa. Il-Banda Mnarja qed tipprepara bis-sħieħ għall-festa ta' San Pietru u San Pawl f'Ġunju li ġej. Din is-sena l-preparamentti kellhom isiru f'qasir żmien u kollox bl-għaġla u anke b'nuqqas ta' fondi u ħsieb (...preparazzjoni). Però kollox jidher issettjat u nisperaw li dak li hemm ippreparat jirnexxi.

Il-kunċert annwali Big Band Adventures li jsir fil-pjazza ser isir nhar il-Ġimgħa 17 ta' Ġunju. Il-Banda qed tipprepara qatigħ għal dan il-kunċert li ser isir f'qasir żmien. Il-kunċerti għal dan il-programm bdew f'Mejju meta s-soltu jibdew isiru minn Ottubru tas-sena ta' qabel. Però fiduċjużi li dan jirnexxi wkoll. Dan ser isir bl-għajnuna qawwija mill-Ministeru għal Għawdex, kif wkoll minn entitatjiet oħra bħal J. Portelli Projects, Karkanja Property Development u l-Kunsill Lokali tan-Nadur.

Din is sena sibna numru ta' problemi meta stedinna l-baned għall-festa u kellna nibdlu b'mod radikali l-programm tal-festa però l-marċ ta' filgħodu ser isir bħas-snin l-imgħoddija minħabba li l-baned Maltin ġeddew l-impenn li kellhom għall-festa tal-2020 għal din is-sena. Kien ta' soljiev għalina li dan il-marċ popolari ser isir bħas snin l-imgħoddija.

Minn April bdejna bil-mod il-mod norganizzaw l-attivitajiet tal-fundraising u nisperaw li l-attendenza għalihom tkompli tiżdied biex is-sena li ġejja nkunu f'pożizzjoni aktar komda biex norganizzaw il-festa. Il-futur tal-Banda Mnarja jinsab f'idejkom. Dan il-għaliex il-Banda tiddependi mill-bandisti u għalhekk it-tagħlim tal-mużika jibqa' prijorità. Minn din il-paġna dejjem inħeġġu biex aktar persuni jitħajru jitgħallmu l-mużika u jagħtu is-sehem tagħhom lill-Banda tagħna bħala mużiċisti biex b'hekk il-Banda Mnarja tkun tista' tagħti s-servizz tagħha b'mod vijabbli.

Minn din il-paġna nawguraw l-Festa t-Tajba lin-Nadurin kollha.







# STAĠUN MEMORABBLI
## Kaxkarna kollox

CHARLIE GRECH

Fil-ħarġa ta' Diċembru ħallejna lin-Nadur Youngsters fil-quċċata tal-klassifika, 6 punti vantaġġ fuq Għajnsielem, fil-bidu tat-tieni round. Kien imiss partita tar-round preliminarju għall-FA Trophy tal-MFA, fit-8 ta' Diċembru, u hawn Nadur kellhom rebħa faċli ta' 7-0 fuq l-Oratory Youths. Il-goals waslu minn tripletta ta' Stefan Cassar fit-12, fil-50 u fil-61 minuta, Ederson Bruno Domingos fil-31, Marcelo Junior Barbosa fit-38 u doppjetta minn Jordi Parnis fit-53 u fid-90 minuta. Fit-18 ta' Diċembru tkompla l-kampjonat, u b'rebħa ta' 4-2 Nadur għelbu lil Victoria Hotspurs għat-tielet darba, fejn f'kull partita l-Youngsters kellhom player imkeċċi. Il-goals ta' Nadur ġew skurjati minn Judivan Flor Da Silva fit-22 u żewġ minuti fuq il-ħin regolari, Marcelo Junior Barbosa fl-24 minuta u Joseph Zammit fil-75. Fl-ewwel taqsima il-logħob kien maqsum, imma fit-tieni waħda l-Youngsters iddominaw. Din kienet il-75 rebħa ta' Nadur fil-kompetizzjonijiet kollha.

Fl-20 ta' Jannar, tħabbret il-mewt ta' Kevin Vella, ex-goalkeeper u membru fil-kumitat, kondoljanzi lill-familjari tiegħu. Kienet tajba u apprezzata ħafna d-deċiżjoni tal-kumitat li jiddedika dan l-istaġun ad unur ta' Kevin Vella. Il-memorja tiegħu mhix ser tintesa. Rebħa oħra faċli, il-50 waħda fil-kampjonat fuq Xewkija Tigers, meta fil-21 ta' Jannar kienu Marcelo Jr. Barbosa, b'doppjetta fl-20 u fid-39 minuta u Ederson Bruno Domingos fil-81 minuta li taw tliet punti oħra lil Youngsters fil-kampjonat. Fit-30 ta' Jannar, il-Youngsters kellhom logħba kwieta kontra Sannat Lions, fejn għalkemm iddominaw kisbu r-rebħa grazzi għal goal kull wieħed minn Joseph Zammit u Ederson Bruno Domingos fis-76 u minuta fuq il-ħin regolamentari rispettivament. Il-partita fl-4 ta' Frar kienet it-850 logħba fil-kampjonat għal Nadur Youngsters, u reġgħet kienet oħra fejn huma ddominaw u ħarġu rebbieħa 3-0. Il-goals ġew minn Judivan Flor da Silva fit-33, Marcelo Jr. Barbosa fit-53, u Lucas Moreira, bl-ewwel goal tiegħu bil-flokk tal-Youngsters, minuta fil-ħin miżjud.

Hawn tkompliet il-kompetizzjoni tal- FA Trophy tal-MFA u fit-8 ta' Frar, Nadur iltaqgħu kontra il-Hibernians, li bħal Youngsters kienu qed jiddominaw il-Kampjonat Premier f'Malta. Kienet partita li, għalkemm intilfet 0-2, il-partitarji Nadurin li attendew għaliha ħarġu b'rashom merfgħuha għax Nadur taw daqs kemm qalgħu. Hibs skurjaw iż-żewġ goals fit-tieni taqsima. Din kienet l-ewwel logħba fit-Tony Bezzina Stadium, il-ground tal-Hibs.

Waslet imbagħad il-partita uffiċjali numru 1200 għal Nadur Youngsters fl-14 ta' Frar kontra SK Victoria Wanderers. Partita li fiha Nadur, għalkemm iddominaw, ma kinux fil-vena tas-soltu. Huma tilfu ħafna ċansijiet ta' skor u ma kinitx sorpriża li sfaw minn taħt mas-siegħa logħob. Hawn l-istorja nqalbet u Nadur ġabu d-draw minn penalty ta' Marcelo Jr. Barbosa fit-63 minuta u kisbu r-rebħa b'goal ta' Lucas Moreira fit-80 minuta, li kien il-100 goal fil-kampjonat kontra SKVW, u wkoll l-2300 goal ta' Nadur f'logħob uffiċjali. Din kienet ukoll il-11-ir rebħa konsekuttiva fuq SKVW. Wara din il-partita tħabbar li l-coach Branco Nisevic ingħaqad ma' Ħamrun Spartans u Paul Camilleri, li kien l-assistent tiegħu, kompla bħala coach tal-Whites.

Fil-partita semi-finali tan-KO tal-Ewwel Diviżjoni, fit-23 ta' Frar, Nadur għelbu lil Kerċem Ajax 7-0, f'dik li kienet it-350 partita fil-kompetizzjonijiet għat-Tazzi. Dominju assolut fejn Judivan Flor Da Silva skorja doppjetta fil-21 u fil-35 minuta, Joseph Zammit fil-50 minuta (dan kien il-50 goal li Nadur skurjaw kontra Kerċem fit-Tazzi), doppjetta għal Lucas Moreira fid-69 u fis-77, Marcelo Jr. Barbosa fl-74 u għalaq Stefan Cassar bl-aħħar goal fis-87 minuta. Il-final ta' din il-kompetizzjoni ser issir f'April. Kerċem reġgħu kienu l-avversarji erbat ijiem wara meta fil-Kampjonat, il-Youngsters kisbu rebħa oħra, din d-darba 5-0. Kienu Jordi Parnis li fis-6 minuta fetaħ l-iskor, b'Nicholas Inguanez iwettaq auto goal fil-15, Marcelo Jr. Barbosa fl-20, Ederson Bruno Domingos fis-27 u Judivan Flor Da Silva fit-58 minuta jissiġilla r-rebħa u 3 punti oħra għal Nadur, li kabbru l-vantaġġ fl-ewwel post għal 13-il punt f'ras il-klassifika.

Fis-6 ta' Marzu beda t-tielet u l-aħħar round bil-partita kontra Għajnsielem, li kienu jinsabu fit-tieni post. Fl-ewwel taqsima l-logħob kien maqsum u ma rajna ebda goal. Mal-bidu tat-tieni waħda, Nadur kisbu l-vantaġġ

b'goal ta' Jordi Parnis fit-48 minuta. Reazzjoni qawwija u mmedjata minn Għajnsielem li dawru l-iskor favur tagħhom bi 3 goals (l-aħħar 1 minn penalty) sat-72 minuta. Marcelo Jr. Barbosa reġa' daħħal lil-Nadur fil-partita b'goal fil-81 minuta, biex minuta biss wara, l-Blacks kisbu u skurjaw t-tieni penalty. Fid-90 minuta, Għajnsielem skurjaw ukoll il-5 goal, biex b'goal ieħor Ederson Bruno Domingos, 4 minuti fuq il-ħin mogħti żejjed, għamel l-iskor aktar rispettabbli.

Ġimgħa wara, fit-13 ta' Marzu, Nadur irritornaw għar-rebħ meta għelbu lil-Victoria Hotspurs 2-0, b'goals minn Marcelo Jr. Barbosa fit-28 minuta u Stefan Cassar fil-75. Il-goal ta' Cassar kien il-200 goal li Nadur skurjaw kontra l-Hotspurs fil-Kampjonat.

Il-partita valida għas semi-finali tat-Tazza GFA, fis-16 ta' Marzu, Nadur għamlu ċert post fil-finali, meta għelbu lil Oratory Youths, bi 3 goals bla risposta, skurjati minn Joseph Zammit fl-44, Stefan Cassar fl-54 u penalty minn Marcelo Jr. Barbosa fis-60 minuta. Din kienet l-10 rebħa tal-Youngsters fuq il-Youths fit-Tazzi. Il-final jintlagħab wara li jintemm il-kampjonat.

Il-partita tal-20 ta' Marzu, rat lin-Nadur Youngsters jagħmlu ċert mir-rebħ tal-Kampjonat meta għelbu lil Xewkija Tigers 5-1. Champions meta kien fadal 4 partiti għal tmiem il-kampjonat. Nadur kellhom bidu tajjeb u Jordi Parnis sab ix-xibka fl-ewwel minuta. Wara li Xewkija kisbu d-draw fis-16-il minuta, Nadur skurjaw 4 goals oħra minn doppjetta ta' Judivan Flor Da Silva fis-27 u fid-59, Marcelo Jr. Barbosa fid-29 u Ederson Bruno Domingos fl-54 minuta minn penalty.

Iċ-Champions għelbu lil Sannat Lions 7-0 fl-1 ta' April, bil-goals jaslu minn doppjetta minn Stefan Cassar fis-6 u fis-57, Lucas Moreira fl-24, Marcelo Jr. Barbosa fis-36, Joseph Zammit fil-50, Ederson Bruno Domingos fit-52 u Joseph Xerri fit-80 minuta bl-ewwel goal tiegħu mal-Youngsters. It-tieni goal ta' Moreira kien il-150 goal skurjat minn Nadur kontra Sannat fil-kampjonat. Il-goal ta' Barbosa kien jaħbat l-1600 goal tal-Youngsters fil-kampjonat waqt li l-goal ta' Zammit kien l-200 goal skurjat minn Nadur kontra Sannat fil-kompetizzjonijiet kollha. Fl-10 ta' April, goals minn Joseph Zammit fil-31 minuta u Marcelo Jr. Barbosa fl-84 minuta kienu biżżejjed biex Nadur kisbu rebħa komda bla sforz żejjed fuq Oratory Youths biex komplew jiddominaw il-kampjonat.

Il-Final tan-KO tal-Ewwel Diviżjoni, fis-16 ta' April, laqgħet lil Nadur Youngsters kontra Għajnsielem. Ħafna ħasbu li ser tkun partita bilanċjata wara li ftit qabel Għajnsielem kienu għelbu lil Youngsters fil-kampjonat. Imma din il-final kienet storja oħra u Nadur ħarġu rebbieħa 3-0, bil-goals waslu minn Joseph Zammit fis-26 minuta u doppjetta minn Marcelo Jr. Barbosa fl-34 u fit-43 minuta. Kien xieraq il-ferħ u l-briju tal-partitarji Nadurin wara l-partita. Din il-partita kienet il-200 logħba tan-Nadur Youngsters fit-Tazzi. Din kienet it-tieni darba li Nadur rebħu dan l-unur.

Rebħa oħra ta' 3-0 fuq SK Victoria Wanderers fl-24 ta' April meta b'goals minn Jordi Parnis fl-14-il minuta, Marcelo Junior Barbosa minn penalty fit-28 minuta u Ederson Bruno Domingos fil-75 minuta, Nadur faċilment kisbu 3 punti oħra. Il-goal ta' Ederson kien il-100 goal skurjat dan l-istaġun fil-kompetizzjonijiet kollha. Fl-aħħar logħba tal-Kampjonat, fit-30 ta' April, Nadur niżlu armati sew, fi ground imżejjen kif jixraq, b'sapport bħas-soltu fenomenali, banda żżid il-briju kif ukoll kien hemm sorpriża lejn l-aħħar ħinijiet tal-logħba. Il-klan Naduri kien in a festive mood. Kerċem kienu determinati li jħassru xi ftit il-festeġġjamenti tal-Youngsters, ħaġa li jistgħu jgħidu li rnexxielhom, imma Nadur kellhom ideat oħra. Fis-70 minuta daħal jilgħab Joseph Portelli Said, ex-player, sponsor, u ex-President u President Onorarju tal-Youngsters. Għalkemm xi ftit batut (kien ilu ma jilgħab żmien) huwa sab okkażjoni, meta fid-79 minuta Nadur ingħataw penalty, skorja u tefa' lil kulħadd preżenti fil-ground f'dillirju ta' ferħ u briju. Kerċem ingħataw penalty ftit wara biex il-partita ntemmet fi draw. Kbar kienu l-festeġġjamenti fir-raħal tagħna, bil-banda, logħob tan-nar u street party li dam sa tard billejl. Dan kien it-13-il Kampjonat mirbugħ mill-Youngsters.

Fit-8 ta' Mejju wasal il-final tat-Tazza GFA, final ieħor bejn Għajnsielem u Nadur Youngsters. Erġajna rajna briju u sapport qawwi min-naħa tal-Youngsters. Il-partita kienet waħda sabiħa u akkanita li baqgħet inċerta sal-aħħar minuta. Għajnsielem dehru xi ftit aktar avventurużi, u bir-raġun, għax dan kien l-aħħar ċans tagħhom biex jirbħu xi ħaġa dan l-istaġun. Nadur mill-banda l-oħra riedu jagħalqu staġun li ddominaw billi jirbħu kollox. Nadur fetħu l-iskor fit-32 minuta minn Marcelo Jr. Barbosa. Għajnsielem ġabu d-draw minn penalty fil-50 minuta, u hawn ukoll tkeċċa Gennaro Hili tal-Youngsters. Bi player inqas, il-Youngsters komplew jilagħbu l-logħba tagħhom u reġgħu marru fil-vantaġġ meta fit-68 minuta Ederson Bruno Domingos sab ir-rokna tax-xibka b'xutt fil-baxx. Għajnsielem għal darba oħra ġabu d-draw fid-79 minuta. Il-partita issa saret xi ftit taħraq u r-referee kellu xogħolu aktar iebes. Mad-90 minuta, Nadur ingħataw penalty għal foul fuq Barbosa u mill-11-il metru, Marcelo Jr. Barbosa kiseb ir-rebħa b'xutt qawwi. Hawn l-istadium sploda bil-ferħ tal-partitarji. Din kienet il-25 rebħa fit-Tazzi u l-75 rebħa fil-kompetizzjonijiet kollha tan-Nadur Youngsters fuq Għajnsielem. Kollox ma' kollox kienet rebħa meritata biex issa Nadur Youngsters saħħew posthom fil-quċċata ta' Unuri mirbuħa, b'60 Unur prinċipali. Proset tassew lill-Kumitat immexxi minn Tristen Portelli, l-iżgħar President ta' Club f'Malta u probabbilment fid-dinja, lill-players kollha, sponsors u sapporters.

Aktar tard din is-sena mistenni jiġi ppubblikat it-tieni ktieb li jkopri l-istorja tal-Club glorjuż tagħna – Nadur Youngsters.

# KUMITAT FESTI ESTERNI

JOE MUSCAT

## IL-FESTA - LURA WARA NUQQAS TA' SENTEJN



Fi ħruġ Mejju, ta' kull sena, kull parruċċan Naduri jibda jimtela b'entużjażmu u ferħ għax ikun ifisser li qed toqrob il-festa tal-Imnarja. Iżda għal bosta żgħażagħ u nies voluntiera oħra miġbura taħt diversi kategoriji u għaqdiet, ix-xhur ta' Mejju u Ġunju jfissru iktar xogħol u huma tellieqa mal-ħin sabiex ilestu l-armar għat-toroq prinċipali tagħna. Dawn ikun ilhom minn ħafna xhur qabel jaħsbu għall-Festa tal-Imnarja għaliex kollha jikkontribwixxu fix-xogħol kollu involut fl-organizzazzjoni tal-Festa ad unur l-Patruni tagħna San Pietru u San Pawl. Bil-ħidma tagħhom ilkoll iridu jkomplu jsebbħu din il-Festa tal-Imnarja.

U din is-sena 2022, il-ħeġġa u ħerqa huma ferm akbar għaliex bħall-kumplament tal-Gżejjer Maltin kollha, ilna ma niċċelebraw il-festa parrokkjali, b'mod normali u kif imdorrijin, sa mill-2019. Dan għaliex minħabba l-pandemija Covid-19 iċ-ċelebrazzjonijiet esterni ġew ristretti mid-diversi direttivi tal-Awtoritajiet tas-saħħa sabiex tkun ikkontrollata l-pandemija.

Fil-fatt is-sena l-oħra fl-2021, il-festa tal-Imnarja ġiet iċċelebrata biss fil-knisja Bażilika tagħna bis-soltu ħruġ tal-istatwa titulari fil-korsija, in-Novena, it-Tridu, tranżlazzjoni fuq ġewwa u l-pontifikal ta' nhar il-festa. Iżda bħala festa esterna ma seta' jiġi organizzat xejn. Lanqas il-purċissjoni bl-istatwa titulari ma setgħet issir.

Madankollu sentejn ilu fl-2020, barra ċ-ċelebrazzjonijiet ġewwa l-knisja, il-Parroċċa tan-Nadur irnexxielha toħroġ ukoll il-purċissjoni bl-istatwa titulari tal-qaddisin patruni tagħna San Pietru u San Pawl. Kemm l-Arċipriet, kapitlu u kleru, kif ukoll il-Kumitat Festi Esterni, matul dawk il-ġimgħat ta' qabel l-Imnarja 2020 ħadmu u stinkaw sabiex din il-purċissjoni sseħħ. Inżammu diversi laqgħat mal-Awtoritajiet għal dan l-iskop. Iżda kważi sal-aħħar ġurnata l-Parroċċa kienet għadha bla risposta għat-talba tagħha sabiex it-Tnejn 29 ta' Ġunju toħroġ l-Istatwa titulari.

Kien il-Ħadd 28 ta' Ġunju, 2020, meta waqt il-quddiesa tal-11.00 a.m. ġie fejni l-Arċipriet Jimmy Xerri u għaddieli nota qasira fuq karta safra li kienet tgħid: "Illum fil 11.10 a.m. ġejt infurmat mis-Supretendent tal-Pulizija li għada 29 ta' Ġunju tista' toħroġ il-Purċissjoni bl-istatwa titulari." Din l-aħbar qanqlet warajha sensiela ta' preparamenti. Ġiet avviċinata l-Banda Mnarja, ir-reffiegħa u dawk li jżommu l-forċini, il-fratelli u l-Għaqda tan-nar San Pietru u San Pawl. Għalkemm kien hemm ħafna restrizzjoni sabiex toħroġ il-purċissjoni, iżda madankollu kulħadd għamel il-parti tiegħu u hekk nhar it-Tnejn 29 ta' Ġunju, 2020 l-istatwa artistika tal-Patruni San Pietru u San Pawl ħarġet mat-toroq prinċipali tan-Nadur għall-ħabta tas-7.00 p.m. u reġgħet lura fil-Knisja Parrokkjali madwar id-9.00 p.m.

Iżda llum is-sitwazzjoni hija differenti mis-sentejn li għaddew u allura ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Imnarja ser isiru bħal qabel, kemm ġewwa kif ukoll fuq barra. Għalhekk matul dawn il-ġimgħat ta' qabel il-festa l-għaqdiet membri fi ħdan il-Kumitat Festi Esterni għaddejjin bil-ħidma tagħhom ta' preparazzjoni għall-jiem tal-Festa. Dawn l-għaqdiet li jiffurmaw parti mill-Kumitat Festi Esterni huma l-Għaqda tan-Nar San Pietru u San Pawl, is-Soċjetà Filarmonika Mnarja, Għaqda Armar Triq il-Knisja, Għaqda Armar Pjazza San Pietru u San Pawl, Għaqda Armar Triq Diċembru 13, Għaqda Armar Triq San Ġwann, Għaqda Armar Triq Xandriku, Għaqda Armar Triq il-Kappillan u Għaqda Armar Triq Tramuntana kif ukoll is-sotto kumitat Żgħażagħ Mnarja.

Fin-Nadur għandna r-rikkezza li kull triq li tintrama għall-festa għandha l-grupp tal-armar tagħha u b'hekk ikun hemm iktar ħidma kkonċentrata. U dan l-aspett ta spunt pożittiv biex illum il-ġurnata kull triq u pjazza qed tagħmel l-isforzi possibbli kollha tagħha sabiex l-armar ikun jixraq, rikk u anke artistiku. Fil-fatt din is-sena wkoll ser naraw jiżżanżnu diversi opri ġodda f'uħud mit-toroq tagħna, li verament huma biċċiet ta' xogħol tal-arti li jinkludi żebgħa, irħamar, pittura u anke ħjata.

Il-kumitati tat-toroq kollha qed ikomplu jagħmlu l-almu tagħhom sabiex din is-sena wkoll, b'mod speċjali wara nuqqas ta' sentejn, il-Festa tal-Imnarja tkun isbaħ u aħjar. Anke matul iż-żmien tal-pandemija dawn l-għaqdiet kollha komplew bil-ħidma tagħhom biex jiġbru l-fondi u jkomplu jirranġaw, jirrestawraw u anke jibdlu, kif ukoll jippjanaw proġetti u ideat ġodda.

Anke fi ħdan il-Kumitat Festi Esterni, għal din is-sena ħarġet l-idea li tiġi organizzata attività ġdida, li sa issa qatt ma saret u li hija mmirata għat-tfal. Kienu bosta l-membri fi ħdan il-Kumitat Festi Esterni li matul iż-żmien esprimew ix-xewqa tagħhom li għandha tiġi organizzata okkażjoni speċjali għat-tfal sabiex jitrawmu fihom iktar ġibda u ħeġġa lejn il-patruni San Pietru u San Pawl.

Għalhekk din is-sena għall-ewwel darba ser issir manifestazzjoni bix-xbihat ta' San Pietru u San Pawl. Għal din l-attività li ser issir nhar is-Sibt 25 ta' Ġunju, 2022 filgħodu, it-tfal kollha Nadurin, subien u bniet, qed jiġu mistiedna biex jieħdu sehem għall-Quddiesa ċċelebrata minn Mons. Arċipriet Jimmy Xerri li se tkun animata mit-tfal stess bis-sehem ukoll tal-kor tat-tfal. Wara l-quddiesa jsir it-tberik tax-xbihat ta' San Pietru u San Pawl li jkunu ġabu magħhom it-tfal fil-knisja. Imbagħad issir manifestazzjoni bix-xbihat ta' San Pietru u San Pawl u bis-sehem tal-bandisti żgħar tal-Banda Mnarja, li tibda minn quddiem il-Knisja Parrokkjali u tgħaddi minn Pjazza 28 ta' April, 1688, Triq il-Kappillan, Triq Dun Bernard Haber, Pjazza San Pietru u San Pawl u Triq Diċembru 13.

Fit-tmiem ta' din il-manifestazzjoni jinżamm festin għat-tfal fis-sala ta' isfel tal-Każin tal-Banda Mnarja bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tan-Nadur u tingħata tifkira tal-okkażjoni lil kull tifel u tifla preżenti. Barra minn hekk diversi għaqdiet tal-armar tar-raħal qed joffru l-kollaborazzjoni tagħhom għal din l-attività għat-tfal.

Huwa opportun li f'isem in-Nadurin kollha ngħidu grazzi lil dawn l-għaqdiet kollha u l-membri tagħhom għax-xogħol dedikat u s-sagrifiċċji li jagħmlu matul is-sena. Il-ħidma ta' dawn l-għaqdiet kollha tal-parroċċa qed tissarraf ukoll sabiex flimkien qed niġbdu ħabel wieħed għall-festa isbaħ u aħjar. Din il-ħidma tagħtina kuraġġ sabiex inħarsu 'l quddiem biex inkomplu naħdmu u nagħmlu festa xierqa ad unur il-Patruni tagħna, San Pietru u San Pawl.

F'isem dawn l-għaqdiet kollha nixtiequ nawguraw lin-Nadurin kollha l-festa t-tajba, sabiħa, u mimlija ferħ qaddis kif żgur jixtiquha San Pietru u San Pawl.

**VIVA SAN PIETRU U SAN PAWL!**



# Kumitat Purċissjoni Ġimgħa Kbira Nadur

## ĦARSA ĠENERALI

Matul dawn l-aħħar sentejn 2020 u 2021 nistgħu ngħidu li l-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa prattikament ma sar xejn minnhom. Dan minħabba l-pandemija Covid-19 u r-restrizzjonijiet li ġew imposti minn żmien għal żmien mill-Awtoritajiet tas-Saħħa sabiex ikun ikkontrallat it-tixrid tagħha.

Għal din is-sena 2022, hekk kif kien jidher li diversi restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija kienu ser jitneħħew, il-Kumitat ħa diversi deċiżjonijiet sabiex kemm il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, kif ukoll dik tal-Irxoxt, joħorgu bħas-soltu. Għalhekk matul il-ġranet tar-Randan 2022 ġie mdendel bħas-soltu l-Kurċifiss artistiku u devot fuq l-artal maġġur, kif ukoll inħarġu l-għaxar statwi li jiffurmaw il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.



Iżda għalkemm kollox kien ippreparat sabiex din is-sena l-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tan-Nadur toħrog nhar il-Ġimgħa l-Kbira 2022 (mingħajr il-persunaġġi u t-tfal), l-elementi naturali ma' għamluhiex possibbli li dan iseħħ. Għalkemm il-jum tal-Ġimgħa l-Kbira kien wieħed karetterizzat minn riħ qawwi, il-kumitat flimkien mall-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri ħadna d-deċiżjoni li l-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira toħroġ forma ta' pellegrinaġġ penitenzjali, bl-istatwa tar-redentur biss u bis-sehem ta' dawk li jġorru l-ktajjen, il-fratelli u r-reffiegħa kollha tal-istatwi l-oħra u anke tal-Banda Mnarja. Anke r-rotta tal-Purċissjoni kellha tkun waħda ridotta u kennija mir-riħ u li tgħaddi minn Pjazza 28 ta' April, Triq il-Kappillan, Triq Dun Bernard Haber u Pjazza San Pietru u San Pawl. Iżda għalkemm kollox kien ippreparat u bil-Banda Mnarja skjerata fuq iz-zuntier, għall-ħabta tas-6.00 p.m. bdiet nieżla x-xita u għalhekk kontra qalbna kellna nikkanċellaw din il-purċissjoni penitenzjali għal darba oħra.

Mill-banda l-oħra l-purċissjoni bl-istatwa artistika ta' Kristu Rxott irnexxielha toħrog wara nuqqas ta' tliet snin. Kuntrarju għal ġurnata tal-Ġimgħa l-Kbira, fil-jum ta' Ħadd il-Għid ta' din is-sena kellna temp sabiħ, b'xemx tisreġ, allura kien possibbli li toħrog il-purċissjoni tal-Irxot bis-sehem tal-kleru, l-fratellanzi u l-marċi ferrieħa tal-Banda Mnarja. Din kienet ukoll l-ewwel darba li l-istatwa ta' Kristu Rxott ħarget fit-toroq prinċipali tan-Nadur wara li sar fuqha xogħol ta' restawr u saritilha wkoll induratura ġdida.

Barra dawn l-attivitajiet imsemmija hawn fuq, il-kumitat Purċissjoni Ġimgħa l-Kbira kien jiltaqa' regolarment biex jippjana u jiddeċiedi u b'hekk intefa' f'ħidma kontinwa biex din il-Purċissjoni tkompli miexja 'l quddiem, bl-iskop ukoll li barra li tkun attrazzjoni artistika u viżwali sservi bħala mezz ta' meditazzjoni fuq it-tbatija li ġarrab Sidna Ġesù Kristu għall-fidwa tagħna lkoll. Barra minn hekk matul ir-Randan gew organizzati diversi mumenti ta' riflessjoni fil-knisja għar-reffiegħa, dawk li jerfgħu l-forċini, fratelli, dawk li jġorru l-ktajjen u l-membri tal-kumitat. Dan bl-iskop li bħala grupp ta' persuni li lkoll aħna involuti fil-purċissjoni inħarsu lejn il-ħidma u l-parteċipazzjoni tagħna bħala talba u okkażjoni ta' ndiema.

Matul dawn ix-xhur li għaddew ġew organizzati wkoll diversi attivitajiet ta' fund raising fosthom ikliet u anke lotteriji, sabiex jinġabru fondi b'risq din il-purċissjoni.
Minbarra d-diversi laqgħat matul is-sena, il-membri tal-kumitat jiltaqgħu regolarment fil-maħżen tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira sabiex inaddfu, jirranġaw u jorganizzaw dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Bħalissa qed niffokaw fuq ħidma biex jiġi rranġat, irrestawrat u mibdul dak kollu li ġarrab ħsara jew li jeħtieġ li jsirlu xi xogħol biex b'hekk jiġi kkonservat il-patrimonju artistiku li ħallewlna ta' qabilna filwaqt



li naġġornaw u nkomplu nagħtu dehra aħjar lil din il-Purċissjoni. F'dan ir-rigward inbidel u nxtara r-rixx ġdid ta' 24 elmu tas-suldati Rumani, ta' kulur li issa jaqbel mal-mantelli l-ġodda. Saru interventi ta' restawr fuq l-istatwi ta' Lonġinu kif ukoll fuq dik tas-suldat tal-vara taċ-Ċaħda ta' Pietru. Dan ix-xogħol sar mill-istatwarju Michael Camilleri Cauchi.

Sar u qed isir xogħol sabiex nipproteġu kemm il-Vari kif ukoll l-aċċessorji tal-purċissjoni kemm mit-tkissir, umdità, brix u grif. Għal dawn l-għanijiet inħadmu 20 kaxxa tal-injam biex fihom qed jinġabru l-globi tal-vari kollha. Sar ukoll xkaffar tal-ħadid u l-injam fil-maħżen tal-Purċissjoni sabiex fuqu jinġabru l-elmijiet, kurazzi, sandlijiet tas-suldati u diversi aċċessorji oħra tal-purċissjoni. Ġie maħdum ukoll trolley tal-ħadid sabiex tiddendel fuqu l-bradella ta' Kristu Rxoxt u żewġ trolleys oħra; wieħed biex fuqu jiddendlu b'mod ordnat il-mantelli tal-persunaġġi kollha, u ieħor sabiex fuqu jiddendlu l-mantelli tas-suldati rumani. Ġew mibdula kemm is-salib bis-serpent għal Mosè u simbolu tat-tuffieħa li gew maħdumin mill-gdid fl-injam minn Mark Falzon.

Il-vestwarju tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tan-Nadur huwa wieħed rikk, numeruż u li sewa l-flus sabiex sar mill-prokuraturi li kienu inkarigati matul dawn l-aħħar 50 sena. Għalhekk giet irranġata w organizzata "Walk-in Wardrobe" fejn go fiha qed jinġabru u jiddendlu l-kostumi tal-persunaġġi kollha b'mod ordnat u enumerat. Hekk issa l-kostumi tal-persunaġġi u reffiegħa kollha huma enumerati b'tikketta li turi wkoll l-isem tal-persunaġġ. Biex jiddendlu b'mod iktar ordnat, inxtraw 350 spalliera ġdida tal-injam għal kostumi kollha tal-persunaġġi kif ukoll għall-konfratiji tar-reffiegħa.

Il-Kumitat ħadem ukoll sabiex assigura li l-maħżen ikollu arja ċirkulari, nadifa u mingħajr umdità żejda. Għalhekk ġiet installata sistema ta' estrazzjoni u bdil tal-arja fil-maħzen, filwaqt li l-istatwi li ma għandhomx niċċa fil-Knisja tqiegħdu fuq pallets tal-plastik sabiex tiġi skansata l-ħsara mill-umdità.

Għal din is-sena inħietu 30 barnuża ġdida għal fuq il-konfratiji li jilbsu dawk li jġorru l-ktajjen. Dawn il-barnużi ta' kulur vjola għandhom ukoll fuqhom l-istemma tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tan-Nadur.

Illum il-ġurnata l-ħidma tal-kumitat Purċissjoni Ġimgħa Kbira hija bbażata fil-garaxx fi Triq il-Kappillan Dun Bernard Haber, taħt iċ-Ċentru Parrokkjali. Minn hawnhekk barra li jinżammu l-laqgħat tkun għaddejja ħidma u xogħol sabiex il-Purċissjoni tkompli tkun mantnuta kif suppost. F'dan l-imkien ġdid qed inkomplu norganizzaw l-ispazju għad-dispożizzjoni tagħna, sabiex dak kollu li jifforma parti mill-purċissjoni jinġabar b'mod ordnat taħt saqaf wieħed, u mhux f'diversi postijiet. Għalhekk matul is-sena, ser inkomplu bil-ħidma sabiex fix-xhur li ġejjin inlestu dawn l-inizjattivi:

- Armarji ġodda għall-istatwi li m'għandhomx niċċa fil-knisja;
- Trolleys għall-bankuni tal-Vari;
- Sistema ta' arja ċirkulari fin-niċċa ta' Kristu Rxoxt;
- Bdil ta' kostumi b'disinn, drapp u ħjata mill-ġdid;
- Bdil tal-qrieq u żraben tal-persunaġġi Bibliċi;
- Konfratiji ġodda għal dawk tal-wegħdi (Ktajjen u Slaleb).

Ix-xogħol sabiex tigi organizzata purċissjoni komplessa bħal dik tal-Gimgħa l-Kbira huwa kbir u ma jieqaf qatt, iżda jkompli matul s-sena kollha. Il-ħidma tat-18-il membru tal-kumitat bl-għajnuna, inkoraġġiment u s-sostenn tal-poplu tan-Nadur, huma l-ingredjenti li jagħtu riżultati tajbin fl-objettivi tagħna biex il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira u ta' Kristu Rxott jibqgħu jkunu mezz ta' riflessjoni u ndiema komunitarja fi ħdan il-ħidma pastorali parrokkjali.

Andria
Cafetteria & Bar
Pjazza
San Pietru
u
San Pawl,
Nadur.



# MIR-REĠISTRI PARROKKJALI

MAGĦMUDIJIET | ŻWIĠIJIET | MWIET ■ 2021



MAGĦMUDIJIET

| DATA | ISEM IT-TARBIJA | MISSIER | OMM |
|---|---|---|---|
| **FRAR** | | | |
| 7 | Joe | Brian Meilak | Marice Mifsud |
| 12 | Matteo | Claudio Spiteri | Diane Vella |
| **MEJJU** | | | |
| 1 | Alison | Peter Sam Formosa | Graziella Borg |
| 9 | Rylan | Fabio Attard | Maria Vella |
| 15 | Valentina | Adam Debrincat | Naruemon Khamhaengphon |
| 23 | Enya | Yoseph Portelli | Angelle Marie Grima |
| **ĠUNJU** | | | |
| 5 | Luca-Giuseppe | Peter Vella | Angie Abela |
| 13 | Jacob | Valerio Rizzo-Gauci | Christine Hili |
| 20 | Dean | Stepfan Tabone | Melissa Camilleri |
| 20 | Gianluca | Antonello Camilleri | Jocelyn Borg |
| 20 | Francesco | Jason Joe Mizzi | Silvana Grech |
| 22 | Kian | Mario Lupi Spencer | Denise Vella |
| 27 | Matteo | John Xuereb | Gabrielle Cardona |
| **LULJU** | | | |
| 1 | Jordan | Thomas Zammit | Fabienne Portelli |
| 4 | Leli | Antoine Theuma | Anna Debono |
| **AWWISSU** | | | |
| 6 | Isaac | Andre Lupi | Laura Azzopardi |
| **OTTUBRU** | | | |
| 2 | Isabelle | Paul Muscat | Melissa Xuereb |
| 23 | Ben | Peter Paul Portelli | Chantelle Portelli |
| 23 | Kai | Peter Paul Portelli | Chantelle Portelli |
| 24 | Clara | Natnaniel Grima | Leeann Falzon |
| **DIĊEMBRU** | | | |
| 4 | Katrina | Kenneth Portelli | Angie Marie Portelli |



ŻWIĠIJIET

| DATA | GĦARUS | GĦARUSA |
|---|---|---|
| **MEJJU** | | |
| 22 | Gary Hili | Michaela Sciberras (Siġġiewi) |
| **ĠUNJU** | | |
| 12 | Kevin Shaun Vella (Sta. Venera) | Jessica-Marie Grech |
| 19 | William Vella (Xewkija) | Pat Marie Portelli |
| 20 | Marvic Gauci (Xagħra) | Maureen Azzopardi |
| 23 | Gerald Grech (Xagħra) | Analine Borg |
| 24 | Patrick James Meilak | Nicoleta Camilleri |
| 25 | Peter Paul Camilleri | Charlene Theuma |
| 26 | Nicholas Camilleri (Għajnsielem) | Charlene Buttigieg |
| **LULJU** | | |
| 31 | Carmel Muscat (Xagħra) | Doreen Azzopardi |
| **AWWISSU** | | |
| 15 | Valerio Rizzo Gauci (Naxxar) | Christine Hili |
| **DIĊEMBRU** | | |
| 5 | Mark Muscat | Sharon Hili (Naxxar) |
| 19 | Steve Borg (Mellieħa) | Sarah-Marie Said |

# I M W I E T



| DATA | ISEM | ETÁ |
|---|---|---|
| **JANNAR** | | |
| 3 | Doreanne Fava | 38 |
| 3 | Josephine Cardona | 82 |
| 9 | Peter Paul Attard | 84 |
| 24 | Carmela Sultana | 101 |
| 27 | Margerita Muscat | 88 |
| 28 | Josephine Mary Powell | 53 |
| **FRAR** | | |
| 4 | Anne Louise Drew | 70 |
| 10 | Michele Falzon | 89 |
| 12 | Ġużeppa Buttigieg | 76 |
| 17 | Ġużeppi Grima | 87 |
| 22 | Ġużeppa Cauchi | 83 |
| 25 | Josephine Farrugia | 86 |
| 27 | Suor Maria Angela Camilleri | 82 (Italja) |
| **MARZU** | | |
| 8 | Massimo Bajada | Tarbija |
| 11 | Joseph Bigeni | 70 |
| 11 | Angelo Curmi | 82 |
| 12 | Joseph Zerafa | 81 |
| 13 | Salvina Attard | 80 |
| 23 | John Borg | 78 |
| **APRIL** | | |
| 21 | Leslie Newlyn Thirkle | 71 |
| 25 | John Attard | 72 |
| **MEJJU** | | |
| 18 | Anġela Sammut | 96 |
| 24 | Salvina Camilleri | 95 |
| **ĠUNJU** | | |
| 5 | Dun Ġużepp Rapa | 83 |
| 10 | Emanuel Anthony Grech | 58 |
| 17 | Conċetta Coronata Camilleri | 85 |
| 18 | Joseph Grima | 69 |
| 19 | Carmena Grech | 89 |
| 28 | Josephine Mercieca | 88 |
| **LULJU** | | |
| 9 | Charles Farrugia | 58 |
| 14 | Joseph Falzon | 90 |
| 21 | Toni Said | 73 |
| 25 | Gusman Said | 79 |
| 27 | Carmena Pisani | 87 |
| 29 | Maria Portelli | 91 |
| **AWWISSU** | | |
| 3 | Joseph Muscat | 90 |
| 9 | Margarita Camilleri | 86 |
| 12 | Joseph Muscat | 93 |
| 16 | Kan Pietru Sammut | 77 |
| 29 | Joseph Xerri | 59 |
| **SETTEMBRU** | | |
| 6 | Michael Camilleri | 81 |
| 11 | Damjan Said | 81 |
| 13 | Michael Cassar | 72 |
| 21 | Coronata Portelli | 92 |
| 29 | Mary Farrugia | 80 |
| **OTTUBRU** | | |
| 10 | Carmela Mifsud | 79 |
| 11 | Brian Warburton | 78 |
| 15 | Ġanna Cassar | 82 |
| 15 | Rose Muscat | 80 |
| 21 | Carmela Grima | 90 |
| 23 | Emmanuela Sammut | 84 |
| 29 | John Said | 77 |
| 31 | Heinz Sleuwen | 85 |
| **NOVEMBRU** | | |
| 16 | Salvu Gauci | 85 |
| 19 | Anna Meilak | 88 |
| 21 | Emanuel Curmi | 76 |
| 22 | Marlene Muscat | 61 |
| 28 | Carmena Muscat | 83 |
| 28 | Frank Grima | 60 |
| **DIĊEMBRU** | | |
| 3 | Angelo Buttigieg | 73 |
| 20 | Sylvia Vella | 66 |
| 20 | Peter Sammut | 91 |
| 29 | Joseph Galea | 78 |

**RABOKK PIZZA**

*Snack Bar*

*Pjazza San Pietru u San Pawl, Nadur Għawdex.*

Tel: 21558337 Mob: 99802491/ 99478629

**ANTHONY'S FURNITURE**

**Għal kull xorta ta' xogħol fl-injam**

*Jawgura l-festa t-tajba lin-Nadurin kollha.*

Phone: 2155 2251
Mobile: 9944 6107

"Mater Dolorosa"
Triq Ta' Grunju,
Nadur, Għawdex

**EĦILSU MILL-QILLA TAX-XEMX**

American Style

**Gozo Verticals, Blinds & Shades**

TA' TONY CAMILLERI

Fejn issibu varjetà kbira ta' Blinds u Shades ta' materjal bħal Aluminium, Plastic, eċċ

Għal aktar dettalji u stima b'xejn
Ċemplu 2155 3352/2156 2211
jew irrikorru:
N.B. TRIQ COCCO PALMERI
NADUR - GĦAWDEX

FREEWAY PLUS

- GIFT SHOP
- STATIONARY
- PHOTOCOPING
- SCANNING
- PASSPORT PHOTOS
- WOOL / KNITTING SUPPLIES

# Memorja KOLLETTIVA

PARTI V

ANTONIA SAMMUT

Iz-zija Rosa (Roża) kienet waħda mill-persuni li bqajt niftakar għomri kollu. Minn meta kont żgħira kont inħobb nismagħha tirrakkonta iżda dak li kien jaffaxxinani kien it-talb! Kienet taf tgħid għexiren ta' kurunelli u talb sabiħ ħafna drabi miktub forma ta' poeżija bir-rima. Ma nafx kif kellha ħila tiftakru kollu bl-amment!

F'din il-parti xtaqt naqsam mal-qarrejja l-memorja kollettiva ta' oħrajn li bħaz-zija Roża rreċitawli talb li kienu tgħallmu meta kienu żgħar u li kien mgħoddi lilhom minn anzjani ta' qabilhom!

Grazia Sammut min-Nadur li twieldet fl-1913 u ħalliet din id-dinja fl-1995 kienet qaltli din it-talba ħelwa:

*Imbierek Ġesù Bambin*
*Ġewwa l-ġuf tal-Verġni Ommu*
*Kemm henninha kemm ferraħha,*
*B'dak il-kliem tal-ħelu fommu!*

*Imbierek dak il-ġuf*
*Li rabba' s-Sultan tas-Sewwa,*
*Imbierek dak is-sider*
*Li minnu ħareġ il-ħlewwa.*



*Iz-zija Roża (1890 – 1981)*

Iz-zija Roża (Rosa Mercieca min-Nadur li twieldet fl-1890 u għexet 91 sena) kienet tfisser il-misteri tar-rużarju mqaddes b'mod aktar twil u dettaljat minn dak kif ngħiduh illum. F'din il-ħarġa se nirriproduċi l-Misteri tal-Ferħ.

1. Marija dejjem miġbura f'Alla
   Kienet titlob meta l-anġlu mar iħabbrilha
   Sejħilha mimlija bil-grazzja
   Din it-tislima wisq ikkonfondietha
   Għarrafha l-misteru tal-inkarnazzjoni
   U żguraha li kellha tibqa' Verġni.
   Weġbitu "Jiena serva ta' Alla"
   Uriet bi kliemha kbira umiltà
   Nisslet lil Ġesù fil-ġuf
   Maria veru Omm Alla.

2. Maria żżurha bil-għaġġla
   Ferħet malli ltaqgħet magħha
   Mlitilha darha bil-ġid
   Ġovanni tqaddes fil-ġuf
   Qagħdet magħha tliet xhur
   Servietha bi kbira umiltà
   Urietha f'din iż-żjara, kbira mħabba.
   Sejħitilha mbierka fost in-nisa.
   Maria għallmitna nħobbu lill-proxxmu
   Reġgħet lura għal darha.

3. Maria dehret fi kbira kontemplazzjoni
   Mwieled minnha Ġesù Bambin
   Nxteħtet fl-art u aduratu.
   Kellu sodda bi ftit tiben
   Batiet wisq meta ratu jsofri l-bard.
   L-anġli nstemgħu jkantaw,
   Ir-rgħajja ġew jadurawh.
   Maria għallmitna ngħożżu l-faqar
   Dan il-misteru skola ta' mħabba.

4. Maria obdiet il-liġi ta' Mosè
   Daħlet fit-tempju mal-ommijiet l-oħra
   Offriet fqira żewġ gamimiet.
   Simeuni laqa' f'dirgħajh lil Ġesù
   Ukoll Maria offrietu lill-Missier Etern
   Mas-sagrifiċċju ta' Binha għamlet id-dawl ta' qalbha
   Dan is-sagrifiċċju ta unur kbir lil Alla.
   Simeuni qallha kemm kellha tbati,
   Kliem ix-xiħ ma nsietu qatt.
   Maria minn dakinhar Reġina tal-martri.

5. Maria ma kellhiex ħtija f'din it-telfa
   Lilha u lil Ġużeppi swiethom kbar pwieni
   Ma straħet qatt f'dawk it-tlett ijiem
   Ħasset l-imrar tar-ruħ li tħobb lil Alla u titilfu.
   Ferħ ta' Maria u Ġużeppi meta sabuh!
   Ġesù baqa' Ġerusalemm ġewwa t-tempju
   Wera għerf kbir lid-dutturi tal-liġi
   Ċanfritu bil-ħlewwa talli ntilfilhom
   Reġgħu ferħanin għal darhom.
   Maria u Ġużeppi mudell tal-ubbidjenza.

IKOMPLI

# Pietru fil-Gżira ta' Pawlu

L-ARĊIPRIET JIMMY XERRI

Dis-sena kellna x-xorti li jżurna Pietru ġewwa l-gżira ta' Pawlu. U nhar is-Sibt 2 ta' April, il-Papa Franġisku kien fostna hawnhekk ġewwa Għawdex. Għal ħafna l-fatt li raw lill-Papa mill-qrib, diġà kienet xi ħaġa kbira għalihom. Ħassejna l-ferħ tal-papa stess għax kien fostna.



Il-laqgħa kienet waħda sabiħa, li involviet ħidma ta' ħafna nies. Iż-żjara tal-Papa kienet esperjenza emottiva. Barra li kienet esperjenza mimlija emozzjonijiet, Franġisku jridna naħdmu u niffaċċjaw problemi u realtajiet li ngħixu fil-kuntest Malti. Se nillimita ruħi li naqsam magħkom xi ħsibijiet li tana l-papa f'Għawdex.

Għal seba' darbiet fil-misraħ tas-santwarju ta' Pinu, il-Papa qalilna kemm hija ħaġa sabiħa li naqsmu l-ferħ tal-Vanġelu.

Biex inġeddu l-fidi tagħna għandna mmorru lura u naraw kif il-Knisja twieldet taħt is-salib, f'Marija u Ġwanni. Aħna wkoll irridu mmorru għal dawn l-għeruq, tenna l-Papa. Dan iseħħ billi niskopru mill-ġdid dak li huwa l-essenzjal tal-fidi, "nirkupraw l-ispirtu tal-ewwel komunitá". Il-qalba tal-fidi għaliha kienet ir-relazzjoni ma' Ġesù u t-tħabbira tal-Vanġelu lid-dinja kollha. Inkunu bħall-Appostli li ta' kuljum kienu jgħallmu u jxandru bla waqfien li Ġesù huwa l-Messija. Il-preokkupazzjoni prinċipali tad-dixxipli ta' Ġesù kienet li huma jxandru u jkunu xhieda tal-Vanġelu.

"Għalina ma tistax tkun biżżejjed fidi magħmula minn drawwiet li ġew mgħoddija lilna, minn ċelebrazzjonijiet solenni. Għandna bżonn ta' fidi li tinbena u tiġġedded fil-laqgħa personali ma' Kristu", qalilna l-Papa. Nimmaturaw bħala Nsara billi nħallu l-Kelma ta' Alla ddawwalna u billi nieħdu sehem attiv fil-ħajja tal-Knisja. Fuq kollox irrdu nkunu Knisja li toħroġ tiltaqa' ma' kulħadd bil-musbieħ tal-Vanġelu.

Il-Papa qalilna, "Tibżgħux taqbdu toroq ġodda, forsi wkoll riskjużi, ta' evanġelizzazzjoni u ta' tħabbira, li jmissu l-Knisja". Li mmorru lura għall-bidu jfisser ukoll li niżviluppaw l-arti tal-akkoljenza. Biex tkun taf kemm il-Knisja hija effettivament mimlija bl-ispirtu tal-Vanġelu, ara kemm il-membri tal-Knisja jilqgħu lill-oħrajn. "Fil-wiċċ ta' dawn il-foqra li jaslu fuq ix-xtut tagħkom huwa Kristu nnifsu li qed jiġi għandkom".



Ġejja l-festa ta' San Pietru u San Pawl. Ejjew nieħdu l-okkażjoni biex nagħmlu esperjenza ta' laqgħa ma' Kristu. Ejjew noħolmu toroq ġodda u modi ġodda ta' kif inkunu Knisja! Fil-parroċċa kellna lil Dun Mikiel Attard li ħolom ħafna inizjattivi pastorali ġodda. Dun Mikiel kien jgħix f'laqgħa personali ma' Kristu. Għex l-akkoljenza b'mod erojku, tant li għalih l-iktar persuna importanti kienet tkun dik li tkun quddiemu.

Ejjew nimitaw lill-qaddisin patruni tagħna wkoll. Huma kolonni tal-Knisja għax il-Vanġelu kien kollox għalihom. Għax ħaddnu f'ħajjithom il-konsegwenzi ta' Fidi ġenwina. Sal-martirju.
Il-festa t-tajba lil kulħadd!


IL-PAPA
FRANĠISKU
F'MALTA
"Gabu ruhhom maghna bi hlewwa liema bhalha" Atti 28,2
2-3 ta' April 2022





# MUMENTI *mill-qrib*







**FL-OKKAŻJONI TAS-SOLENNITÀ TAL-FESTA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL TAS-SENA 2021, IL-QDUSIJA TIEGĦU PAPA FRANĠISKU GĦAMEL RIFLESSJONI DWAR KIF IL-LAQGĦA TA' DAWN IŻ-ŻEWĠ APPOSTLI MA' KRISTU WASSLET BIEX TIBDLILHOM ĦAJJITHOM:**

*"Huma ġarrbu esperjenza ta' mħabba li fejqithom u ħelsithom. Huma mbagħad saru appostli li wasslu wkoll il-ħelsien lill-oħrajn."*

# Solemnity of Saint Peter & Saint Paul
## 29th June 2021
## HOMILY BY POPE FRANCIS

Two great Apostles of the Gospel and two pillars of the Church: Peter and Paul. Today we celebrate their memory. Let us take a closer look at these two witnesses of faith. At the heart of their story is not their own gifts and abilities; at the centre is the encounter with Christ that changed their lives. They experienced a love that healed them and set them free. They then became apostles and ministers of freedom for others. *Peter and Paul were free because they were set free.* Let us reflect on this central point.

***Peter***, the fisherman from Galilee, was set free above all from his sense of inadequacy and his bitter experience of failure, thanks to the unconditional love of Jesus. Although a skilled fisher, many times, in the heart of the night, he tasted the bitterness of frustration at having caught nothing (cf. *Lk* 5:5; *Jn* 21:5) and, seeing his empty nets, was tempted to pull up his oars. Though strong and impetuous, Peter often yielded to fear (cf. *Mt* 14:30). Albeit a fervent disciple of the Lord, he continued to think by worldly standards, and thus failed to understand and accept the meaning of Christ's cross (cf. *Mt* 16:22). Even after saying that he was ready to give his life for Jesus, the mere suspicion that he was one of Christ's disciples led him in fright to deny the Master (cf. *Mk* 14:66-72).

Jesus nonetheless loved Peter and was willing to take a risk on him. He encouraged Peter not to give up, to lower his nets once more, to walk on water, to find the strength to accept his own frailty, to follow him on the way of the cross, to give his life for his brothers and sisters, to shepherd his flock. In this way, Jesus set Peter free from fear, from calculations based solely on worldly concerns. He gave him the courage to risk everything and the joy of becoming a fisher of men. It was Peter whom Jesus called to strengthen his brothers in faith (cf. *Lk* 22:32). He gave him – as we heard in the Gospel – the keys to open the doors leading to an encounter with the Lord and the power to bind and loose: to bind his brothers and sisters to Christ and to loosen the knots and chains in their lives (cf. *Mt* 16:19).

All that was possible only because – as we heard in the first reading – Peter himself had been set free. The chains that held him prisoner were shattered and, as on the night when the Israelites were set free from bondage in Egypt, he was told to arise in haste, fasten his belt and put on his sandals in order to go forth. The Lord then opened the doors before him (cf. *Acts* 12:7-10). Here we see a new history of opening, liberation, broken chains, exodus from the house of bondage. *Peter had a Passover experience: the Lord set him free.*

The Apostle ***Paul*** also experienced the freedom brought by Christ. He was set free from the most oppressive form of slavery, which is slavery to self. From Saul, the name of the first king of Israel, he became Paul, which means "small". He was also set free from the religious fervour that had made him a zealous defender of his ancestral traditions (cf. *Gal* 1:14) and a cruel persecutor of Christians. Set free. Formal religious observance and the intransigent defence of tradition, rather than making him open to the love of God and of his brothers and sisters, had hardened him: he was a fundamentalist. God set him free from this, yet he did

not spare him the frailties and hardships that rendered his mission of evangelization more fruitful: the strain of the apostolate, physical infirmity (cf. *Gal* 4:13-14); violence and persecution, shipwreck, hunger and thirst, and, as he himself tells us, a painful thorn in the flesh (cf. *2 Cor* 12:7-10).

Paul thus came to realize that "God chose what is weak in the world to shame the strong" (*1 Cor* 1:27), that we can do all things through him who strengthens us (cf. *Phil* 4:13), and that nothing can ever separate us from his love (cf. *Rom* 8:35-39). For this reason, at the end of his life – as we heard in the second reading – Paul was able to say: "the Lord stood by me" and "he will rescue me from every evil attack" (*2 Tim* 4:17). *Paul had a Passover experience: the Lord set him free.*

Dear brothers and sisters, the Church looks to these two giants of faith and sees two Apostles who set free the power of the Gospel in our world, only because first they themselves had been set free by their encounter with Christ. Jesus did not judge them or humiliate them. Instead, he shared their life with affection and closeness. He supported them by his prayer, and even at times reproached them to make them change. To Peter, Jesus gently says: "I have prayed for you that your own faith may not fail" (*Lk* 22:32). And to Paul: "Saul, Saul, why do you persecute me?" (*Acts* 9:4). He does the same with us: he assures us of his closeness by praying and interceding for us before the Father, and gently reproaching us whenever we go astray, so that we can find the strength to arise and resume the journey.

We too have been touched by the Lord; we too have been set free. Yet we need to be set free time and time again, for only a free Church is a credible Church. Like Peter, we are called to be set free from a sense of failure before our occasionally disastrous fishing. To be set free from the fear that paralyzes us, makes us seek refuge in our own securities, and robs us of the courage of prophecy. Like Paul, we are called to be set free from hypocritical outward show, free from the temptation to present ourselves with worldly power rather than with the weakness that makes space for God, free from a religiosity that makes us rigid and inflexible; free from dubious associations with power and from the fear of being misunderstood and attacked.

Peter and Paul bequeath to us the image of a Church entrusted to our hands, yet guided by the Lord with fidelity and tender love, for it is he who guides the Church. A Church that is weak, yet finds strength in the presence of God. The image of a Church set free and capable of offering the world the freedom that the world by itself cannot give: freedom from sin and death, from resignation, and from the sense of injustice and the loss of hope that dehumanizes the lives of the women and men of our time.

Let us ask, today in this celebration but afterwards as well: to what extent do our cities, our societies and our world need freedom? How many chains must be shattered and how many doors long shut must be opened! We can help bring this freedom, but only if we first let ourselves be set free by the newness of Jesus, and walk in the freedom of the Holy Spirit.

Today our brother Archbishops receive the pallium. This sign of unity with Peter recalls the mission of the shepherd who gives his life for the flock. It is in giving his life that the shepherd, himself set free, becomes a means of bringing freedom to his brothers and sisters. Today, too, we are joined by a Delegation from the Ecumenical Patriarchate, sent for this occasion by our dear brother Bartholomew. Your welcome presence is a precious sign of unity on our journey of freedom from the distances that scandalously separate believers in Christ. Thank you for your presence.

We pray for you, for all Pastors, for the Church and for all of us: that, *set free* by Christ, we may be *apostles of freedom* throughout the world.





# Omelija fis-Solennità ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur

Bażilika ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur • It-Tlieta 29 ta' Ġunju 2021

L-E.T. MONS. ANTON TEUMA, ISQOF TA' GĦAWDEX

## IL-LAQGĦA TA' PIETRU U PAWLU MA' ĠESÙ

Qatt ġralek illi tagħmel il-ħila tiegħek kollha biex titlob lil Alla, biex tmur il-quddiesa l-Ħadd, biex tgħallem lil uliedek il-valuri Nsara, u tipprova timxi sew ma' kulħadd, imbagħad tiġri xi ħaġa fil-ħajja tiegħek, u titlob lil Alla u tgħidlu: 'Fejn int? M'intix tismagħni'? Qatt ippruvajt tagħmel f'ħajtek dak kollu li hu possibbli għal uliedek, taħdem u tistinka, mis-sebħ sa billejl; qatt ippruvajt tistudja, tirrifletti, titgħallem, biex dak li tagħmel kemm fuq ix-xogħol tiegħek, kemm fil-familja, tagħmlu mill-aħjar li tista', b'mod perfett, u kellek ukoll is-sensazzjoni li kollox miexi b'mod perfett; sakemm imbagħad ġrat xi ħaġa u waqqgħetek fi kriżi? U bdejt taħseb: Imma jien veru rabbejthom sew lil uliedi? Imma jien veru għamilt xogħli sewwa? Għamilt dak kollu li hu possibbli biex nimxi b'mod tajjeb fir-relazzjoni? Kien mingħalija ma hawn ħadd fid-dinja li jħobb iktar milli nħobb jien, jew kif inħobb jien. Għaliex dik jew dawk ittradewni? Qatt għaddejna minn esperjenzi bħal dawn?

Kemm nifirħu fil-Festa, u bir-raġun, hekk għandu jkun! Kemm nagħmlulhom festa kbira, u hekk għandha tkun! Imma mbagħad allaħares jiġrilna xi ħaġa żgħira milli ġratilhom huma. Allaħares naħbat difri, allaħares xi ħadd jgħajjarni, allaħares xi ħadd jippersegwitani! Imma fl-inkonxju tagħna hawn xi ħaġa li tgħidilna: Isma' t-triq tagħhom, dik hi t-Triq! Kif għamlu huma, hekk sewwa, mhux kif naħseb jien u kif niddeċiedi jien b'mod konxju: nevita kull tip ta' tbatija, nipprova naħrab kull tip ta' kritika, u kull tip ta' negattività fil-ħajja. Hemm xi ħaġa fl-inkoxju li tgħidli: Għandhom raġun dawk. Għalhekk qegħdin hawn dalgħodu, għax fil-fond tal-fond tal-qalb tagħna, għalkemm ma naqblux mat-triq li mxew – ħadd minna ma jaqbel mat-tbatija li batew huma, ħadd minna ma jaqbel mal-persekuzzjoni li gawdew huma – imma qegħdin hawn. Għaliex? Għax fil-fond ta' qalbna hemm xi ħaġa li tgħidilna: Dik hi t-triq, għandhom raġun!

Intom tafu li dawn kienu l-esperjenzi ta' Pietru u Pawlu? Intom tafu li dawn kienu l-esperjenzi li laqqgħu lil Pietru u lil Pawlu ma' Ġesù Kristu? Intom tafu li l-esperjenza ta' Pietru u ta' Pawlu ngħixuha jien u int illum? Kemm inħobbuhom lil Pietru u Pawlu, kemm huma kbar!

Intom tafu li Alla lil Pietru u lil Pawlu kellimhom permezz ta' kriżi, it-tnejn li huma? Intom tafu li l-kriżijiet tagħna, jekk neħduhom b'mod tajjeb, jistgħu jkunu t-tarġa, il-mezz, illi permezz tagħhom inkunu nistgħu niltaqgħu ma' Alla aktar mill-qrib, u l-ħajja tagħna tagħmel iktar sens?

Ħa nibdew minn Pietru. Pietru kien bniedem reliġjuż, imur is-sinagoga, jemmen f'Alla. U kien jemmen f'Alla li ħafna drabi nemmen fih jien u li nemmnu fih aħna… tas-supermarket. Kien jemmen f'Alla li, jekk ikollok bżonn xi ħaġa, trid titolbu u ħażin għalih jekk ma jaqlagħlekx, jekk ma jagħtikx. Kien jemmen f'Alla li jekk tagħmilha miegħu, issir potenti. Ara taħsbu li Pietru ħalla l-mara, it-tfal, id-dgħajsa, ix-xogħol, għalxejn. Għalfejn ħalliehom dawn Pietru? Għax kien jaħseb li se jkun aħjar, imma aħjar bil-mod ta' moħħu, bil-mod tiegħu. Iktar potenti… tagħmilha ma' dak li se jeqred lill-Imperu Ruman, tagħmilha ma' dak li minn hawn u ftit ieħor ser ikun hu li jmexxi d-dinja ta' dak iż-żmien. Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla… tagħmilha ma' dak. Imma bil-mod il-mod Pietru, bi kriżi waħda wara l-oħra, kellu jibda jitgħallem li kellu idea żbaljata ħafna ta' Ġesù Kristu u ta' Alla. U jista' jkun li din l-idea żbaljata hija tiegħi u tiegħek ukoll.

U kif beda jinduna li dan Alla mhux Alla tal-poter, mhux dak li jista' kollox, li kemm tfaqqa' subgħajk hekk u jġiblek kollox kif trid int? Kemm kien kuntent meta kien ikun fid-dar tiegħu, f'Kafarnahum – li ma ninsewx li kienet saret id-dar ta' Ġesù – u jara d-dar tiegħu mimlija bin-nies u Ġesù jagħmel il-mirakli! U żgur, min jaf kif kien iħossu Pietru! Min jaf kif inħossni jien meta qed nagħmilha ma' dan il-bniedem Alla, Ġesù, illi għandu din is-setgħa kollha! Imma bil-mod il-mod Ġesù beda jżarmalu u jħottlu l-idea li kellu tiegħu. U kif?

L-ewwel waħda. Qallu: 'Isma', timliex rasek li jien sejjer Ġerusalemm, nirkeb fuq xi żiemel, nikkmanda, u kulħadd jinżel għarkupptejh quddiemi. Le, jien mhux għalhekk sejjer Ġerusalemm. Jien sejjer Ġerusalemm biex inlaqqat taptipa kbira. Jien sejjer Ġerusalemm biex lili l-kbarat, is-saċerdoti, ir-Rumani, il-Fariżej, dawk li jmexxu, jaħkmuni, joqtluni; imbagħad inqum'. Imma l-aħħar biċċa Pietru ma fehemhiex. Semagħha, imma ma fehemhiex. X'jgħidlu Pietru lil Ġesù? "Ma jkun qatt li dan jgħaddi minn għalik!" (Mt 16:22). Fi kliem ieħor, x'inhu jgħidlu lil Ġesù? 'Dan ma jkun qatt li jgħaddi minn għalik, u lanqas minn għalija. Ara taħseb li jien ser niġi warajk jekk inti hekk! Ara taħseb li ser nibqa' nagħmilha miegħek jekk tibda turi d-dgħufija, li m'intix potenti daqshekk'.

Imbagħad ikompli jżarmah iktar, u iktar malajr, fl-Aħħar Ċena. "Wieħed minnkom ser jittradini" (Mt 26:21). 'Żgur li mhux jien, żgur li mhux jien'. "Qabel ma jidden is-serduk, int tkun ġa ċħadtni tliet darbiet" (v. 34). 'Jien, lest li niġi miegħek il-ħabs'. "Lest li mmut miegħek" (v. 35). Interessanti li Pietru jispiċċa jħossu d-difensur ta' Ġesù. Għaliex? Għax ma jistax jippermetti li Ġesù jkun dgħajjef; għax f'moħħu immaġina li Ġesù hu tant b'saħħtu li ser jegħleb lil kulħadd, ser jikkmanda kollox, ser imexxi kollox, ser jgħix f'dinja tal-maġija, dinja tal-poter. U dik id-dinja ta' poter u ta' ħolm Pietru ma riedx joħroġ minnha. Kif jien u int, ħafna drabi, meta jkollna kollox taħt kontroll, meta minn għalina qed immexxu kollox aħna, allaħares xi ħadd ifettillu jmissilna dik il-bużżieqa. Hekk jagħmel Pietru.

U jkompli fil-Ġnien taż-Żebbuġ. X'jagħmel meta jara lill-Imgħallem tiegħu f'dipressjoni? Ġesù kien f'dipressjoni kbira fil-Ġnien taż-Żebbuġ. U żgur, kellu fuqu l-piż, it-toqol tad-dnub tal-umanità kollha. Mhux biss, imma kien qiegħed iħoss f'qalbu, hu li kien Alla u bniedem, id-distanza, il-kunflitt enormi bejn il-bnedmin u Alla. Din seta' jħossha Ġesù biss: dan il-kunflitt enormi, dan il-bogħod enormi, li hemm bejni u bejn Alla, bejna u bejn Alla. U Pietru ma jiflaħx jarah f'dak l-istat lil Ġesù, u x'jagħmel? Jaħrab. Tista' taħrab b'elf mod. Huwa raqad. Jaħrab mill-għarfien tiegħu, jaħrab b'moħħu. Ġesù jmur iqajmu: "Pietru, mela ma flaħtux tishru siegħa waħda miegħi?" (Mt 26:40). 'Piet, jien għadni l-istess wieħed ta' qabel'. X'jiġri? Jiġu biex jaqbdu lil Ġesù. Pietru jkompli fl-idea tiegħu ta' 'Superman', li qed jagħmilha ma' Ġesù, u allura lil Ġesù hemm bżonn iqajmu minn hemm, minnagħsa tiegħu, għax Ġesù kapaċi, jaf li għandu s-setgħa, li jista' jeqred lil dawk li ġew għalih. X'jagħmel? "Ħareġ idu u silet is-sejf" (v. 51), u beda jagħti bih. U Ġesù jerġa' jaħsdu lil Pietru: "Erġa' daħħal sejfek f'postu, għax kull min jaqbad is-sejf, bis-sejf jinqered" (v. 52). 'Kieku rrid jien… imma ma rridx'. Dak il-ħin Pietru jitħawwad u jitgerfex… 'Imma min hu Ġesù? Ġesù hu dak l-imperatur li jien kont nimmaġina Ġerusalemm? Min hu Alla tiegħi? Alla potenti, li jekk nitolbu jaqlagħli? Alla li, jekk infittxu, suppost qiegħed hemm lest għalija?', kif ħafna drabi tkun l-idea f'moħħi u f'moħħna. Le, Alla tagħna mhux hekk. U din hi l-konverżjoni l-kbira ta' min diġà jemmen, ta' min diġà huwa reliġjuż. Din hi l-konverżjoni kbira li jitlob minna Ġesù permezz ta' Pietru, imbagħad ukoll permezz ta' Pawlu, li naraw iktar 'il quddiem.

Pietru bir-raġun jidħol fil-palazz ta' Kajfa, wara d-dixxiplu l-ieħor, u jgħid: "Jien ma nafux lil dan il-bniedem!" (Mt 26:72). U bir-raġun kollu Pietru ma kienx jafu lil Ġesù. Ma kienx qed jigdeb Pietru meta jgħid: "Jien ma nafux" (v. 72). Lanqas naf lili nnifsi, lanqas naf min huma l-oħrajn. Kriżi papali – hux Pietru kien il-Papa! – kriżi sewda kellu dak il-ħin Pietru. "U l-Mulej dar u ħares lejn Pietru" (Lq 22:61). U dak il-ħin Pietru jħoss xi ħaġa, tferfira kbira ma' ġismu kollu, għax induna li dawk l-għajnejn qed iħarsu lejh bi mħabba, induna li ċaħdu lil Ġesù, induna li kellu jagħmel xi ħaġa li ma kellux jagħmilha, induna li ttradixxa l-ħbiberija li kellu ma' Ġesù, induna li m'għadux jaf min hu Ġesù. Imma baqa' jħobbu lil Ġesù. Dak il-ħin Pietru beda jibki, jgħidilna l-Evanġelju ta' San Luqa: "U ħareġ 'il barra jibki b'qalbu maqsuma" (v. 62). Għalfejn beda jibki Pietru? Għax qal: 'Ara x'għamilt jien, ittradejt lill-Imgħallem tiegħi; ara x'għamilt jien, ara

kemm m'iniex raġel'? Mhux għalhekk beda jibki Pietru, imma għax qal: 'Dan ir-raġel lili kemm-il darba qalli li ser nilagħbu, li ser nittradih; kemm-il darba qalli li jien mhux ser inkun raġel miegħu. Kien jaf min jien; kien jaf li jien dgħajjef; kien jaf li ma jien xejn. U tliet snin ilu, minkejja dan kollu, lili għażilni biex inkun ħabib tiegħu, jew aħjar, biex inkun l-ikbar ħabib tiegħu'.

Pietru bil-mod il-mod jibda jifhem min hu Ġesù. Mela Ġesù jibbaża l-persuna tiegħu mhux fuq il-poter, mhux fuq il-qawwa, imma fuq l-imħabba gratwita. Pietru beda jifhem min hu Ġesù: 'Mela Ġesù hu dak li jħobbni b'xejn lili. Mela Alla tiegħi mhux Alla setgħan, mhux Alla qiegħed hemm biex jien infittxu meta jkolli bżonn. Imma Alla tiegħi huwa Alla li kontinwament qiegħed miegħi, tliet snin iħobbni u jaf li ser nittradih. Kontinwament qiegħed miegħi dan Alla tiegħi, kontinwament iħobbni, mhux biss meta niftakar fih jien, mhux biss meta jien għandi bżonnu. Dan Alla tiegħi kontinwament iħobbni bi mħabba kbira'. U Pietru jifhem xi ħaġa iktar minn Ġesù. Jgħidilna l-Evanġelju: "U ħareġ 'il barra jibki b'qalbu maqsuma" (Lq 22:62).

Pietru jisparixxi mix-xena tal-Passjoni. U jerġa' jitfaċċa wara, b'mod tassew sabiħ, bl-istess tislima tal-Aħħar Ċena. Id-dixxipli kienu qegħdin flimkien fuq l-Għadira tal-Galilija, jixwu l-ħut; fi kliem ieħor, kienu qed jagħmlu Ewkaristija. U Ġesù, l-ewwel darba li jaffaċċja direttament lil Pietru waħdu, wara l-Passjoni, wara li ttradieh, jgħidlu: 'Isma' 'l hawn'. Dak jgħidlek: 'Ġejja tiegħi llum!'. Għax jekk inti għandek f'moħħok li Alla hu setgħan, potenti, jikkastiga lil min ħaqqu, inti x'taħseb meta jgħajjatlek dak li tkun ittradejtu tliet darbiet? X'timmaġina? Ġejja tiegħi! Ġesù nneħħielu t-titlu, il-blata, li kien tah fil-bidu tal-Evanġelju, u jmur direttament għall-persuna tiegħu. Jiġi fuqek jgħidlek: 'Marija, Ġużeppi'; kieku lili jiġi jgħidli: 'Toni, Toni', mingħajr l-ebda titlu. U jgħidlu: "Xmun bin Ġwanni, tħobbni int aktar minn dawn?" (Ġw 21:15). Il-kelma li juża Ġesù hija kelma tqila: *"Agapas me"*. 'Tħobbni hekk li lest tagħti ħajtek għalija?', jgħidlu lil Pietru. Tistgħu taħsbu kif kien Pietru! Jgħidlek: 'Fakkarhieli dan'. Għaliex? Għax Pietru kien qallu: 'Jien lest li nagħti ħajti għalik'; "jien lest li mmut miegħek" (Mt 26:35). *"Agapas me"* – il-kelma *agape* bil-Grieg tfisser imħabba, għotja; imħabba li lesta li tmut għal min tħobb. Pietru lil Ġesù jgħidlu: *"Phileõ se"*. 'Jien inħobbok, imma mhux bl-imħabba li qed titkellem dwarha int, dik li lesta tagħti lilha nnifisha, le mhux dik; imma nħobbok bl-imħabba ta' ħbieb, bl-imħabba *philea*'. Pietru issa sinċier, issa veru Pietru. Issa jneħħi l-muskoli Pietru, issa ma jħossux iktar potenti, li rebaħ id-dinja; imma ltaqa' mal-limiti tiegħu, għamel l-esperjenza tal-kriżi; u fil-kriżi sewda li kellu, induna li kellu l-esperjenza tal-imħabba b'xejn, gratwita, li Ġesù kellu għalih. Allura jħossu liberu Pietru. Lil Ġesù jgħidlu: 'Ma nħobbokx kif qed tgħidli inti, imma nħobbok bi mħabba iktar limitata' – *"Phileõ se"*. Reġa' Ġesù: *"Agapas me"* – 'Tħobbni bi mħabba li lesta tagħti lilha nnifisha?'. Pietru jerġa' jgħidlu: 'Għaliex qed terġa' tgħidli?', *"Phileõ se"*; 'Jiena nħobbok bi mħabba ta' ħbieb'.

Imbagħad l-Evanġelju ta' San Ġwann jgħidilna: "Għat-tielet darba staqsieh" (21:17). Din id-darba Ġesù ma jistaqsihx: *"Agapas me"*, imma jgħidlu: *"Phileõ me"*; 'Lest li tħobbni bi mħabba ta' ħbieb, bi mħabba li hija inqas minn dik ta' qabel?'. L-Evanġelju jgħidilna: "Pietru ħass għafsa ta' qalb" (v. 17) meta sema' lil Ġesù jistaqsih għat-tielet darba, b'dan il-mod issa; mhux iktar *"Agapas me"*, imma *"Phileõ me"*. U żgur li jħoss għafsa ta' qalb Pietru. Ġesù baxxielu t-tir, baxxielu l-mira, biex ikun jista' jilħaq. U Pietru jgħidlu: 'Inti taf, Mulej, inti taf li daqshekk nista' nħobbok; li b'din tip ta' mħabba nista' nħobbok'. "Qallu Ġesù: 'Irgħa n-nagħaġ tiegħi'" (v. 17). U hawnhekk Pietru jagħmel esperjenza ta' min hu verament Ġesù. Din l-esperjenza jien u int ukoll imsejħin biex nagħmluha fil-kriżijiet tagħna. Imsejħin biex aħna wkoll, bil-mod il-mod, inbiddlu, nikkonvertu fl-idea tagħna li għandna ta' Alla. Qatt ma jista' jkollna idea ċara, mija fil-mija preċiża ta' Alla; u allura għandna bżonn li nibqgħu nikbru f'dan l-għarfien, jew aħjar, inħallu lil Alla fil-ħajja tagħna jedukalna l-perċezzjoni, l-idea u l-emozzjonijiet tagħna dwaru. Għandna bżonnha din, inkella r-reliġjon m'għandniex bżonnha. M'għandniex bżonn ta' prattiċi reliġjużi, m'għandniex bżonn ta' ritwali u ritwaliżmu, jekk ma nħallux lil Alla jmiss iċ-ċirkustanzi, is-sitwazzjonijiet konkreti u prattiċi tal-ħajja tagħna ta' kuljum.

Kelma żgħira fuq Pawlu. Anki Pawlu jsir jaf lil Ġesù fi kriżi, u kriżi sewda. 'Il Pawlu nistgħu nxebbhuh ma' dak il-bniedem li t-Taljani jgħidulu '*tutto fare*', awtosuffiċjenti. Bniedem effiċjentissmu, kapaċissmu, intelliġentissmu. Bniedem li m'għandu bżonn ta' ħadd. Fil-fatt ħafna psikologi lil Pawlu jagħtuh l-attitudni ta' bniedem narċisista. Jien, jien, jien, imbagħad jien. Għax kien bniedem kapaċi. U nafu kemm kien bniedem kapaċi, u nafu wkoll li kien bniedem kuraġġjuż. Kont qiegħed nisma' dokumentarju fuq San Pawl u qal li lanqas l-Amerikan medju tal-lum ma jivvjaġġa l-vjaġġi li Pawlu għamel fi żmienu. Mhux ċajta tafux!

Kien bniedem kuraġġjuż jew le? Kien bniedem kapaċi jew le? Kien bniedem kapaċi jikkomunika, għalkemm hu jgħid: "Jien ma ninqalax fil-kliem" (2 Kor 11:6), jew le? Kien kapaċi jikkomunika, u forsi żżejjed; tant li Pietru, fit-Tieni Ittra tiegħu jgħid: "Dawn l-ittri fihom xi ħwejjeġ li huma tqal biex wieħed jifhimhom" (2 Piet 3:16); hekk jgħid Pietru fuq sieħbu Pawlu. Pawlu kien jibbaża kollox fuq il-kapaċitajiet tiegħu, kemm kien bniedem perfett. Tant kien perfett li kien iħoss li l-liġi ta' Alla – in-*nomos*, il-liġi ta' Alla – bħala Fariżew kien jobdiha, mhux mill-bidu

sal-aħħar, imma minn tarf għall-ieħor, kollha kemm hi. Tant li kien jaħseb li hu ġust u li hu tajjeb, għax dak li hu jagħmel tajjeb, hu ġust u perfett. U kemm tiġrilna din fil-ħajja. Kemm inħoss jien: M'hawnx qassis ieħor tajjeb bħali! Kemm inħossha fil-fond ta' qalbi! Kemm tħossha int fil-fond ta' qalbek: M'hawnx ġenitur ieħor bħali! M'hawnx għalliem ieħor bħali! Imbagħad tiġri xi ħaġa u tispiċċa fid-dlam. Mingħalik li inti l-aħjar raġel li jista' jeżisti fid-dinja, imbagħad issib il-mara qed taqlibhielek. Jaqagħlek kollox. Il-kastell li kont bnejt f'moħħok jaqa' kollu. Minn fejn ser tibda?

Din hi l-kriżi li għex Pawlu. Dan hu d-dlam li hu ra fit-triq ta' Damasku. Din kienet id-dalma li kien qed jgħix Pawlu. Induna fit-triq ta' Damasku, għaraf li dik il-liġi li hu kien iħares u li kien jiġġieled għaliha, waqt li kien qed jobdiha, hu u jagħmilha, kien qed imur kontra tagħha. Għaliex il-liġi tgħid: "La toqtolx" (Eż 20:13), la tagħmilx inġustizzja; u hu fl-istess waqt kien qiegħed jagħmel inġustizzja, kien qiegħed joqtol. U allura dak li ħass li kien qed jibbaża fuqu, waqagħlu kollu. U jiltaqa' mal-persuna ta' Ġesù, li jgħidlu: "Għaliex qiegħed tippersegwitani?" (Atti 9:4). Imma mhux biss. Lil Pawlu Ġesù jgħidlu: 'Serraħ rasek, jekk inti bniedem tajjeb, dan mhux bl-għemil tiegħek'. 'Jekk inti taħseb li inti ġenitur tajjeb, jew raġel tajjeb, jew mara tajba, dan mhux bil-qawwa tiegħek, imma bis-saħħa tiegħi, bl-għajnuna tiegħi, imma bil-qawwa li nista' nagħtik jien, imma bl-għajnuna li nista' nagħtik jien, jekk tagħmilha miegħi, jekk tkun miegħi'. U Pawlu nduna li l-ġustifikazzjoni, id-*"dikaiosyne"*, li nsibuha kemm-il darba fl-ittri tiegħu, ma tiddependix mit-tjubija personali, imma minn Ġesù msallab, minn Ġesù li miet għalih, minn Ġesù li jmut għalina.

U xi ġralu Pawlu? Jiddeċentra, fi kliem ieħor, iċ-ċentru tal-persuna tiegħu ma jibqax hu, imma jsir Ġesù. Kif Pietru ċ-ċentru tal-persuna tiegħu ma jibqax Alla potenti, imma jsir l-imħabba infinita u inkundizzjonata ta' Alla, hekk Pawlu jagħraf li mhux l-għemil tiegħu, mhux il-volontariżmu tiegħu, mhux l-isforzi tiegħu, mhux il-kapaċitajiet tiegħu, imma hi l-grazzja ta' Alla. Il-kelma *"sarx"* li hu juża tfisser il-ġisem – il-ġisem mhux fis-sens ta' senswalità jew tas-sesswalità, imma l-ġisem b'mod ġenerali li għalih kien l-għajn tal-ħażen. U żgur! Biex tkun perfett trid tikkontrolla kollox. Kif jista' jkun nikkontrollaw għalkollox lilna nfusna? X'ma taqax fl-iskrupli! X'ma tħallihiex il-fidi, jekk timmaġinaha b'dan il-mod. Regoli, regoli, regoli, kif kien jimmaġinaha Pawlu. Għax mingħalih li r-regoli ser jiġġustifikaw lill-persuna.

X'jagħmel Pawlu? Iħalli kollox f'idejn Alla, Alla li jsalvah. Għax iltaqa' ma' Ġesù, iltaqa' ma' Ġesù msallab. Jgħidilhom lill-Griegi: 'Dak li għalikom hu għerf, għal Alla hu bluha'; u lil Lhud jgħidilhom: 'Dak li għalikom hu bluha, għal Alla hija intelliġenza'. Għax is-salib ta' Ġesù huwa l-milja tal-imħabba, hu l-qofol tal-imħabba ta' Alla. Jekk aħna nagħmlu esperjenza ta' Ġesù, kif iltaqa' miegħu Pietru, kif iltaqa' miegħu Pawlu, aħna nħossuna liberi, naċċettaw lilna nfusna bid-dgħufijiet tagħna. Ma nibqgħux nibżgħu minna nfusna, lanqas mill-agħar esperjenzi, jew mill-agħar ħsibijiet li jistgħu jiġuna, jew mill-agħar sentimenti li nistgħu nħossu. Jekk inti maħbub, jekk tħossok maħbub minn Ġesù msallab, li miet saħansitra għad-dnub tiegħek, għall-ħażen tiegħek, allura għandek il-permess li tħobb lilek innifsek b'mod san; li tħobb lill-oħrajn, lil ħutek, li għalihom miet Ġesù, bħalma miet għalik.

Ejjew nitolbu lil Pietru u lil Pawlu biex ma nibżgħux mill-kriżijiet tagħna. Ejjew nitolbuhom, aħna lkoll kemm aħna, li llum jew għada, forsi llum stess, għaddejjin minn xi diffikultà, minn xi problema, minn xi kriżi. Aħna nimmaġinaw li Alla qiegħed hawn u l-kriżijiet qegħdin in-naħa l-oħra. Imma mhuwiex hekk. Aħna nimmaġinaw li fejn hemm il-kriżijiet m'hemmx Alla, anzi Alla nsieni. Mhux hekk! Alla qiegħed xi mkien ġol-kriżi, anzi, Alla qiegħed ikellimni permezz tal-kriżi. Il-problema mhix huwiex hemm jew le. Il-problema hi kif ser ninduna bih, fejn ser insibu, kif ser nagħrfu. Tinsewx li biex Pawlu għarfu fil-kriżi kellu jfittex lil Ħananija. Mhux hekk biss; mar għamel iktar minn sena "fid-deżert tal-Għarabja, u mbagħad erġajt lura lejn Damasku", jgħidilna fl-Ittra tiegħu lill-Galatin (1:17)… biex jifhem, biex jagħraf.

Aħna msejħin għal affarijiet sbieħ. Aħna msejħin biex saħansitra d-dgħufija tagħna, it-tbatija tagħna, isservina biex nindunaw kemm Alla jħobbna. Aħna msejħin għal dan, għal affarijiet sbieħ. Ejjew ma nirrassenjawx ruħna għal ftit. Ejjew ma nippruvawx nimlew il-qalb tagħna b'dak li jimla l-istonku, jew b'dak li jifga lill-għajnejn. Ikolli ħafna flus, jifgaw l-għajnejn; mela jien ħa nsib daqshekk u nkun kuntent. Le jaħasra! Niekol ikla tajba biex inkun kuntent. Anzi, wara juġgħek l-istonku! Tippruvax timla qalbek b'dak li jimla l-istonku. Tippruvax timla qalbek b'dak li jimla l-għajnejn. Aħna msejħin għal affarijiet isbaħ, għal affarijiet ikbar.

Ejjew nitolbu lil dawn iż-żewġ Appostli biex ikollna l-umiltà. Ara kemm huma kbar – għax kienu veru umli! Ikollna l-umiltà li ngħidu: F'din it-tbatija, f'din il-kriżi, Alla qiegħed hemm. Xi jrid jgħidli? Fejn hu qiegħed? Ibqgħu ċerti li ser insibuh, iħalli lilu nnifsu jidher fil-ħajja tagħna. U meta tiltaqa' miegħu fid-diffikultà, meta tiltaqa' miegħu fil-problema, ibqa' ċert li ma tħallihx, ibqa' ċert li jeħel miegħek, u teħel miegħu. Ibqa' ċert li mbagħad b'xi mod, bil-mod il-mod, naslu wkoll biex ngħidu: 'Iva, jiswa li tagħti ħajtek għal bniedem bħal dan, jiswa li tagħti ħajtek għal Ġesù'.



# IS-SEJĦA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL U DIK TAGĦNA

ANGELO XUEREB

Fid-29 ta' Ġunju l-Knisja tiċċelebra l-martirju ta' San Pietru u San Pawl. Ikun xieraq li f'dan il-jum nirriflettu wkoll fuq is-sejħa speċjali tagħna u kif din għandha tkun mudell għalina.

**Is-Sejħa ta' San Pietru**

Biex nifhmu s-sejħa ta' Pietru rridu nżommu f'moħħna li Kristu bena l-Knisja tiegħu fuq it-tnax-il Appostlu kif il-poplu ta' Iżrael kien mibni wkoll fuq tnax-il tribù. In-numru tnax ta' dan il-kulleġġ appostoliku tant kien importanti li wara t-Tlugħ fis-Sema tal-Mulej, San Pietru li kien il-kap tal-Knisja, indirizza laqgħa ta' mija u għoxrin ruħ biex jagħżlu Appostlu flok Ġuda. U ntagħżel Mattija.

Kristu nnifsu għażel lil Pietru biex ikun kap tat-tnax minkejja li ċaħdu tliet darbiet. Il-missjoni tiegħu kienet waħda eċċeżżjonali. Huwa kellu jkun l-ewwel kap tal-Knisja li kienet għadha titwieled, għex għal tliet snin ma' Kristu, u kien ukoll xhud tal-qawmien Tiegħu. L-għażla ta' Pietru kienet ċara. Dejjem jidher l-ewwel fil-lista tal-Appostli u fil-Ġdid Testment ma nsibu lil ħadd li ħadha kontra l-awtorità tiegħu.

Ma rridux nitqarrqu li naħsbu li l-missjoni ta' San Pietru kienet waħda faċli. Il-Knisja li kienet għadha qiegħda titwieled kellha l-problemi tagħha filwaqt li kellha tiffaċċja xi persekuzzjonijiet. Iżda Kristu baqa' miegħu u tah il-qawwa meħtieġa għal din il-missjoni saħansitra li kellu l-qawwa li jagħmel il-mirakli u jieħu deċiżjonijiet dwar toroq ġodda li l-Knisja bikrija kellha taqbad.

**San Pawl**

San Pawl irċieva wkoll missjoni kbira għalkemm ma kienx wieħed mill-kulleġġ tat-tnax. Iżda hu xorta waħda kien Appostlu li ġie magħżul minn Kristu nnifsu fit-triq ta' Damasku waqt li kien sejjer jippersegwita lill-insara. Fl-ewwel Ittra lill-Korintin huwa jistqarr b'umiltà: "Għax jien l-iżgħar fost l-Appostli, li ma jistħoqqlix nissejjaħ Appostlu, għax ippersegwitajt il-Knisja ta' Alla" (15,9). Iżda jistqarr ukoll ftit wara: "iżda tħabatt aktar minnhom kollha; mhux jien, imma l-grazzja ta' Alla miegħi" (1 Kor 15 10 b).

Jekk naqraw l-Atti tal-Appostli naraw il-persekuzzjonijiet u d-diffikultajiet li ħabbat wiċċu magħhom dan l-Appostlu. Huwa stess jistqarr t-tbatijiet li għadda minnhom biex ixandar lil Kristu. Din is-silta hija verament sabiħa : "Mil-Lhud ħames darbiet ħadt l-erbgħin daqqa tas-swat neqsin waħda; tliet darbiet kont imsawwat bil-virgi; darba mħaġġar; tliet darbiet rajt il-għarqa; għamilt lejl u nhar f'nofs ta' baħar. Safar bil-mixi bla għadd, perikli tax-xmajjar, perikli tal-ħallelin, perikli mill-popli tiegħi, perikli mill-pagani, perikli fil-belt, perikli fid-deżert, perikli fil-baħar, perikli fl-aħwa qarrieqa, xogħol u taħbit, sahriet ta' sikwit, ġuħ u għatx, sawm bla għadd, bard u għera" (2 Kor 11, 24-28).

San Pawl emmen fi Kristu u ħabbu b'mod mill-aktar intimu tant li wasal biex kiteb: "Jien imsallab ma' Kristu, ngħix imma mhux aktar jien, imma jgħix fija Kristu" (Gal 2, 19b-20a). Il-missjoni ta' San Pawl narawha imsieħba wkoll mal-mirakli.

**Is-sejħa tagħna**

Quddiem il-missjoni ta' dawn iż-żewġ Appostli nistgħu nirraġunaw li fejnhom m'aħna xejn u dak li qegħdin nagħmlu f'ħajjitna huwa ta' ftit valur. Il-Kardinal John Henry Newman, illum qaddis, f'talba jesprimi li kulħadd għandu missjoni jew xi biċċa xogħol li jwettaq li ħaddieħor ma jistax jagħmilha. Jgħidilna: "Alla ħalaqni biex nagħmel servizz definit. Huwa tani xogħol xi nwettaq li ma jistax jagħmlu ħaddieħor. Jien għandi l-missjoni tiegħi. Jista' jkun li ma nkunx nafha f'din id-dinja, imma tiġi murija lili fid-dinja l-oħra."

Kulma nagħmlu għandu jkun għall-glorja ta' Alla anki l-aktar ħwejjeġ ta' bla importanza u li jidhru ordinarji. San Pawl stess jgħidilna: "Mela sewwa jekk tieklu, sewwa jekk tixorbu, sewwa jekk tagħmlu xi ħaġa oħra agħmlu kollox għall-glorja ta' Alla." (1 Kor 10, 31)

Niftakru li matul il-ħajja ta' dawn iż-żewġ appostli ħajjithom ma kinitx straordinarja l-ħin kollu. San Pietru ċaħad lil Kristu tliet darbiet filwaqt li San Pawl kien persekutur tal-insara. Iżda l-qawwa ta' Kristu bidlithom fi bnedmin ġodda. L-istess Kristu llum għadu jsejħilna biex ninbidlu, nittamaw fih filwaqt li nxandruh anki billi nkunu sempliċement xhieda tal-Vanġelu.

Ma ninsewx li Alla jitlob minn kulħadd xi ħaġa, kif jgħidilna Santu Wistin: "Dak li ħalqek mingħajrek ma jsalvakx mingħajrek."



# DUN MIKIEL ATTARD



**Fil-jum tal-Ħamis 27 ta' Jannar ta' din is-sena (2022) saret ir-rikonjizzjoni tal-fdalijiet ta' Dun Mikiel Attard, fiċ-ċimiterju tad-Duluri f'Ta' Kenuna. Fost l-oħrajn kien hemm preżenti l-Isqof ta' Għawdex Anton Teuma, membri tal-familja ta' Dun Mikiel, u persuni oħrajn.**

**Illum se nġibulkom xi sentenzi minn dak li kien jgħid u minn dak li kiteb dan is-saċerdot qaddis, li 'l quddiem il-fdalijiet tiegħu se jittieħdu fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu.**

- "Tbissima toħloq atmosfera smewwija iktar minn geddum imdendel."
- "Ħobb lil min isallbek."
- "Jekk ma nħaddnux l-għuda tas-salib bħal Ġesù, ma' Ġesù u għal Ġesù, ikollna nħaddnu l-għuda ta' Ġuda meta nċedu għall-passjonijiet ħżiena, passjonijiet ta' korla, ta' żina u l-bqija. Jekk nagħżlu t-tieni għuda qalbna tkun vojta, il-kuxjenza tagħna tturmentata u ħajjitna tispiċċa bla ebda sens u skop. Dejjem ngħixu f'tensjoni li twassal għad-disperazzjoni u l-infern minn din l-art stess."
- "For the pure everything is pure."
- "Prayers always work but in His time, His way, His speed."
- "Prayers always work, in a way or another."
- "X'hemm f'qalbek jgħodd u mhux dak li jaħsbu n-nies."
- "Il-Kelma ta' Alla hija time bomb għax tolqotna xħin u kif irid Alla."
- "Meta tkun titratta ma' xi bniedem diffiċli trid tidħol b'tiegħu u toħroġ b'tiegħek". B'dan Dun Mikiel kien irid jgħid li trid issemmi xi ħaġa li togħġob lilu u mbagħad tagħti tagħlima jew korrezzjoni li jkollu bżonn.
- "Fejn żbaljajt agħmel fullstop u mbagħad ibda fresh line."
  Meta kien marid kien jgħid "Li jrid Alla, irridu jien."
- "Il-Mulej ikellimna kullimkien, sakemm aħna lesti nisimgħuh."
- "O Ġesù Rxoxt ħaj u attiv, agħmel li nibqa' żagħżugħ, jiġifieri ottimist, bi tbissima fuq fommi, attiv u moħħi miftuħ fis-servizz tiegħek."
- "Kemm hu veru li altru paroli u altru fatti. Waqt il-mard ħassejt umiljazzjoni. Kemm sibtha bi tqila li ngħix il-paroli li kont ngħid."



# Esperjenza fil-
# CAMINO DE SANTIAGO
## jew
# THE WAY OF ST JAMES

Is-Sinjura Mary Gurr, membru fil-komunità parrokkjali tan-Nadur, dan l-aħħar għaddiet minn esperjenza differenti li tmur lura sa żmien il-medjuevu. Dik li hija magħrufa bħala l-**Camino de Santiago** jew bl-Ingliż **The Way of St James** hija numru ta' rotot differenti li kienu jwasslu lil bosta pellegrini minn madwar l-Ewropa biex jaslu fil-Katidral ta' Santiago de Compostela ġewwa Spanja, fejn it-tradizzjoni tgħid li huma meqjuma l-fdalijiet ta' San Ġakbu l-Kbir. Wara li l-ħeġġa għal dawn il-pellegrinaġġi bdiet tintesa' maż-żmien, lejn l-aħħar tas-seklu għoxrin l-interess reġa' beda jqum anke jekk forsi mhux minn lat purament reliġjuż kif kien fl-antik. Iżda dawk li għadhom jissejħu 'pellegrini' jħossu wkoll element spiritwali f'dik li fil-bidu tista' tkun avventura jew vjaġġ turistiku differenti.

Rajt il-film "The Way" u mill-ewwel mort infittex l-informazzjoni fuq il-Camino de Santiago. Ma domtx naħsibha u ddeċidejt li rrid nagħmel il-Camino jew Mixja. Dejjem kont inħobb l-isfidi u li nġebbed l-limiti tiegħi sat-tarf! Ħafna, kif għamilt jien, ma jagħmluhiex biss bħala pellegrinaġġ, imma finalment tirriżulta bħala tali. Int u timxi tul mogħdijiet twal f'nofs l-imsaġar, bil-ħsejjes tal-ilma ġieri jidwu f'widnejk, għasafar jgħannu, taqsam pontijiet u tgawdi minn xenarju naturali mill-isbaħ, il-fatt li tkun 'l bogħod mill-ġenn tal-ħajja ta' kuljum iġiegħlek timxi fis-silenzju biex tkun tista' tgawdi kollox u ma titlef xejn. Jiena għażilt li nimxi r-rotta li tieħu 12-il ġurnata b'tul ta' madwar 260 km, iżda hemm rotot oħra li huma iqsar u jieħdu anqas tul ta' żmien imma kollha jwasslu għal Santiago. Tul it-triq tibda tapprezza aktar in-natura u lill-Kreatur tagħha. Fl-aħħar mill-aħħar tirriżulta f'aktar minn avventura.

Kull min għandu aktar minn sbatax-il sena jista' jagħmel din il-mixja, kemm waħdu kif ukoll fi grupp. Hija ideali għaż-żgħażagħ għaliex tagħtik opportunità li toħroġ mir-rutina mgħaġġla ta' kuljum u tiltaqa' ma' pellegrini oħra, kif aħna magħrufin, minn madwar id-dinja kollha, u titgħallem ħafna dwar kulturi oħrajn.

Bosta pellegrini jfiġġilhom id-dmugħ f'għajnejhom hekk kif jaslu Santiago u jsibu ruħhom faċċata ta' dak il-katidral imponenti. "Irnexxieli nagħmliha" huwa l-ewwel ħsieb li jiġi f'moħħ kull min jagħmel dan il-pellegrinaġġ u s-sodisfazzjon li wieħed iħoss meta jidħol fil-katidral meraviljuż huwa wieħed kbir ferm!

Nixtieq nerġa' ngħaddi minn din l-esperjenza!

Tħajjar!

Veru ta' min jagħmilha!

Il-mixja t-tajba.

*I watched the movie,"The Way" and immediately I looked up Camino de Santiago and decided instantly to do the Camino. I like a challenge and pushing boundaries. Many, like me, don't do it only as a pilgrimage, but it becomes one. Walking along wooded lanes, hearing water flowing, birds singing, crossing bridges, enjoying beautiful landscapes, being away from the rat race makes one want to walk in silence in order to take it all in. I opted to walk 12 days covering around 260km, but one can walk less days but all end in Santiago. One gets to appreciate nature and its Creator. It becomes more than just an adventure.*

*Anyone over 17, alone or with a group can do the Camino. Ideal for youngsters as it's a chance to step out of a fast routine and meet pilgrims, as we're called, from all over the world, make friends, and learn so much about other cultures.*

*Reaching Santiago and standing facing the magnificent cathedral brings tears to the eyes of most pilgrims. "I did it" is the common feeling and entering the awesome cathedral is so rewarding!!*

*I'd do it again! Go for it. It's worth it.*
*Buen Camino.*









# L-UKRAJNA X'inhu jiġri?

DUN LORETO TABONE



## L-UKRAJNA U R-RUSSJA – ĠIRIEN – PARTI MILL-UNJONI SOVJETIKA

X'wassal għal din is-sitwazzjoni? Sena ilu konna f'nofs il-pandemija u konna ħsibna dakinhar li ma jista' jiġri xejn agħar mill-biża' li ġabet magħha. Imma hekk kif bdejna ngħixu magħha u biha, ir-Russja, pajjiż kbir u potenti, invadiet l-Ukrajna fi Frar 2022 u ppruvat terġa teħodha bħala parti mir-Russja. Kien hemm żmien meta l-Ukrajna kienet tifforma parti mill-Unjoni Sovjetika. Ħafna għadhom jiftakru lil Nikita Kruschev, President tal-Unjoni Sovjetika. Dak kien mill-Ukrajna. Meta l-president Gorbachev ta l-libertà lill-pajjiżi satelliti tar-Russja, l-Ukrajna saret pajjiż indipendenti.

Lill-Vladimir Putin, il-president tar-Russja tal-lum, dan ma jogħġbu xejn. Lanqas ma jogħġbu li l-Ukrajna hija mxaqilba lejn il-politika tal-Punent (l-Ewropa u l-Amerika). Bl-iskuża tal-biża li l-Ukrajna tingħaqad man-NATO, u allura l-forzi tal-pajjiżi tal-Punent ikunu fuq l-għatba tiegħu, iddeċieda, għax għandu l-qawwa, li jieħu l-Ukrajna f'idejh u jpoġġi hemm gvern li jkun favur il-politika tiegħu.

Imma hemm min jgħid li din hija biss skuża. Ex-ġurnalist Ingliż, li ħadem ma' Gorbachev biex iwaqqaf stampa ħielsa fil-pajjiż, dan l-aħħar kiteb hekk "Vlad (Putin) jibża' min-NATO, imma l-inkwiet tiegħu hi d-demokrazija tal-Ukrajna. Li jara lill-Ukrajna, li qabel kienet tagħmel parti mir-Russja, tiddiskuti l-affarijiet

## IT-TAJJEB MILL-ĦAŻIN

Għal dawn l-aħħar xhur, il-parroċċa qed tgħin familja mill-Ukrajna. Omm b'żewgt itfal u ommha. Ir-raġel u missierha baqgħu f'pajjiżhom biex jagħtu sehemhom fil-gwerra. F'Għawdex hawn parroċċi u gruppi oħrajn li qed jagħmlu l-istess. F'Malta, raġel u ħutu li wirtu residenza, tawha biex jospitaw familja mill-Ukrajna. Ħbieb u oħrajn li semgħu pprovdew kull ma kienu jinħtieġu. NGOs ipprovdew flettijiet għal familji mill-Ukrajna. Dawn huma ftit mill-każijiet li smajna bihom. Kollha huma effett pożittiv tal-gwerra fl-Ukrajna. Sitwazzjonijiet fejn it-tajjeb joħroġ mill-ħażin. Dnub li ħafna drabi rridu nħabbtu wiċċna ma' sitwazzjonijiet kefrin bħal dawn qabel ma nagħtu l-għajnuna. Anke Papa Franġisku semmiehom. "Minkejja l-uġigħ tal-gwerra", qal il-Papa, "huwa inkoraġġanti li tara refuġjati mill-Ukrajna jiġu milqugħin". U qal ukoll li jittama "li dawn l-atti numerużi ta' karità, ikunu ta' barka għas-soċjetajiet tagħna, li xi drabi jitbaxxew b'egoiżmu u individwaliżmu".

tagħha mal-Unjoni Ewropea u tiddeċiedi waħedha u b'hekk din se tkun ostaklu għall-pjan tiegħu li jerġa' jqajjem l-Imperu Russu. Ir-Russja hi l-ikbar pajjiż fid-dinja li tinkludi ħdax-il time zone differenti. Putin hu tal-fehma li r-Russja għandha terġa' tinkludi l-miljuni ta' ex-ċittadini li ngħataw il-libertà li jiggvernaw lilhom infushom minn Gorbachev fl-1991.

Din il-gwerra proprjament ilha sejra mill-2014 meta r-Russja bdiet azzjoni militari biex tgħaqqad magħha l-Krimea u d-Donbas, it-tnejn meqjusin bħala reġjuni tal-Ukrajna. Il-ġlied fir-reġjun tad-Donbas għadu sejjer sal-lum. Fl-24 ta' Frar 2022 ir-Russja bdiet tinvadi lill-Ukrajna. Għalkemm l-Ukrajna u r-Russja huma t-tnejn pajjiżi Slaviċi u għandhom ħafna rabtiet ta' familji, imma fl-istess ħin jeżisti ċertu disprezz. L-għeruq tiegħu jinsabu f'li r-Russja tikkonsidra lilha nnifisha bħal l-oħt il-kbira tal-Ukrajna li hija tqis bħala r-Russja ż-Żgħira.

L-attakk fuq l-Ukrajna mhux l-ewwel wieħed. Kien hemm dak fuq il-Georgia fl-2008, u ieħor fuq il-Krimea fl-2014. Hemm ukoll ir-ribeljoni fin-nofsinhar-Lvant tal-Ukrajna fejn twieldu żewġ repubbliki f'Donetsk u Luhansk bl-għajnuna tar-Russja. Dan kollu jidher li hu pjan tar-Russja taħt Putin, li trid terġa' tibni l-imperu tagħha. U ħafna osservaturi jaħsbu li dan lanqas mhu se jkun l-aħħar wieħed. Diġà qed tissemma' l-possibbiltà li r-Russja ma ddumx ma tieħu l-Moldova, pajjiż ieħor li kien parti mill-Unjoni Sovjetika. Mill-Moldova tkun tista' tikkontrolla aktar lill-Ukrajna. Dawn il-ġrajjiet u l-politika tar-Russja aktar qed jikkonvinċu lill-Ukrajna li l-futur tagħha hu mal-pajjiżi tal-Punent. Anke l-awtoritajiet reliġjużi tal-Knisja fl-Ukrajna (Ortodossa), talbu lill-Patrijarka Bartolomew fl-2018 biex jagħti lill-Knisja Ortodossa fl-Ukrajna l-indipendenza mill-Knisja Ortodossa Russa. Sa mis-seklu sbatax, il-Patrijarka ta' Moska kien jaħtar il-kap tal-Knisja Ortodossa ġewwa Kiev (fl-Ukrajna).

## IR-RELIĠJON FL-UKRAJNA

L-Ukrajna nistgħu ngħidu li hu pajjiż nisrani. Kważi 70% tal-popolazzjoni huma membri tal-Knisja Ortodossa. Huma nsara bħalna imma l-Kap tagħhom hu l-Patrijarka. Sal-2008 l-Patrijarka Kap kien il-Patrijarka ta' Moska (Russja) imma kif semmejt iktar 'il fuq, l-Ukreni kienu talbu li jkunu indipendenti mill-Knisja Ortodossa Russa. Hemm ukoll xi Lhud. Il-President tal-Ukrajna Volodymyr Zelensky fil-fatt hu ta' reliġjon Lhudija. Il-Kattoliċi li jqisu lill-Papa bħala Kap tal-Knisja huma xi 2.5% tal-popolazzjoni Ukrena.



## GĦALIEX ALLA JĦALLI LI TIBQA' SEJRA DIN IL-GWERRA?

Ħafna jistaqsu din il-mistoqsija. U mhix xi mistoqsija ġdida. Nistgħu ngħidu li hi mistoqsija qadima daqskemm hu qadim il-bniedem. Naqraw fl-iskrittura li Alla ħalaq kollox sewwa u ra li kien kollox sewwa. Saħansitra ħalaq il-bniedem xbieha tiegħu. Imma meta Alla ħalaq il-bniedem, tah ukoll il-libertà tal-għażla. Imma l-bniedem għażel li jmur kontra r-rieda ta' Alla.



Kellmitni waħda parruċċana u semmiet li xi ħbieb tagħha saħansitra taw tort lil Alla. Hi weġbithom "Alla jtik. Imbagħad f'idejk kif tużah". Naħseb li din hi l-aħjar risposta. U hekk hu. Lil Adam u Eva, Alla tahom il-ġenna tal-art, u ma kenux kuntenti. Fuq il-Kalvarju kien hemm Ġuda, wieħed mit-Tnax. Fl-istess Ġenna, tfaċċa Luċifru. Ħafna teoloġi u filosfi ppruvaw ifissru din il-problema u ma rnexxewx.

Quddiem din il-mistoqsija jrid ikollna fidi qawwija. Bil-limiti tagħna bħala bnedmin ma nistgħux infissru kollox. Anke Papa Franġisku fil-barka tiegħu 'Urbi et Orbi' nhar Ħadd il-Għid stqarr "Il-gwerra fl-Ewropa tagħmilha diffiċli temmen li Ġesù qam tassew. Imma le: li Ġesù qam mhix illużjoni. Illum aktar minn qatt qabel, nisimgħu l-għajta "Kristu qam! Kristu qam tassew!" Meta Alla qal lil Adam u Eva "Tiklux mis-siġra tan-nofs" wera li kien tahom il-libertà tal-għażla. Alla wriehom x'ried minnhom u li ma jinsewx li huma ħolqien tiegħu, iżda huma waqgħu għat-tentazzjoni li jkunu allat huma wkoll, u jagħżlu indipendentament minn dak li ried Alla. U dan għadu jsir sal-lum. Il-bnedmin jinjoraw ir-rieda ta' Alla u fit-tentazzjoni jagħżlu li jagħmlu dak li jkun attraenti għalihom dak il-ħin.

Dwar din il-problema Papa Benedittu XVI jgħid hekk fil-ktieb "God and the World":

- Fl-iskrittura, mhux mill-ewwel iżda bil-mod, jibda jidher ċar li hemm spirti ħżiena li jidħlu fid-dinja u fil-bniedem (p.124);
- Alla ma ħalaqx l-ispirtu ħażin. Il-punt tal-istorja tal-waqgħa ta' Luċifru – mhix storja fl-iskrittura imma ġiet żviluppata minn testi varji matul iż-żmien - hija din: Alla ma ħalaqx lil Luċifru u s-setgħat ħżiena. Alla ħalaq biss dak li hu tajjeb. Il-ħażin mhux realtà indipendenti. Il-ħażin hu n-nuqqas ta' xi ħaġa li hi tajba;
- Dwar Hitler jikkummenta li jidher li hemm xi setgħa satanika li tqis dak li hu ħmerija bħala xi ħaġa kbira u tagħmilha perikoluża;
- Alla ma ħalaqx alla alternattiv, alla tal-ħażin. Imma ħalaq il-libertà u f'dan l-istat il-ġudizzju tagħna ħafna drabi ma jżommx sħiħ bil-pressjoni ta' din il-libertà.

Papa Franġisku dwar il-gwerra fl-Ukrajna:

- F'intervista mal-gazzetta Corriere Della Sera Papa Franġisku qal li kellem lill-Patrijarka Kirill ta' Moska u l-Papa qallu hekk: "aħna m'aħniex kleru tal-istat, ma nistgħux nitkellmu bil-lingwa tal-politika imma bil-lingwa ta' Ġesù. Aħna rgħajja tal-istess poplu qaddis ta' Alla. Għalhekk għandna nfittxu triqat ta' paċi."
- Fl-istess intervista qal ukoll li offra li jiltaqa' mal-president Putin f'Moska imma l-Kremlin kien għadu ma rrispondiex.
- Mar ikellem lill-ambaxxatur tar-Russja għall-Vatikan. Ma bagħatx għalih kif soltu jsir, mar hu stess u mingħand l-ambaxxatur kellem lil Putin.
- Is-Segreterija tal-Istat tal-Vatikan offriet li l-Vatikan jagħmilha ta' medjatur biex tinstab soluzzjoni.
- Nhar Ħadd il-Għid Papa Franġisku qal "il-futur tal-umanità jinsab f'riskju jekk id-dinja ma tirrinunzjax għall-gwerra. Ejjew ma nidrawx bil-gwerra ħalli nikkommettu rwieħna biex ninsistu fuq il-paċi tagħna. Il-paċi hi possibbli, il-paċi hija dmir, il-paċi hi responsabbiltà ta' kulħadd.

## IL-FIDI TAT-TFAL

Darba Ġesù qal: "Tassew ngħidilkom, li jekk intom ma terġgħux issiru bħat-tfal iż-żgħar, żgur li ma tidħlux fis-Saltna tas-Smewwiet." It-tfal, żgħar, jafdaw kompletament f'dawk li jħobbuhom. Ma jifhmux x'inhu jiġri 'mma fil-preżenza ta' min iħobbhom jafu li huma sikuri minn kull periklu.

Fil-ħajja mhux dejjem nifhmu x'inhu jiġri. U lanqas nistgħu nifhmu l-ħsibijiet ta' Alla u t-triqat tiegħu. Importanti li nibqgħu nemmnu li Alla jħobbna u nibqgħu nafdaw fih, u minkejja l-kuntrarju ta' madwarna nibqgħu nemmnu li hu in charge u fiż-żmien li jrid, jgħinna fit-tbatija li nkunu għaddejjin minnha. Fidi qawwija mela, u talb imqanqal minn din il-fidi u akkumpanjat minn penitenza u sagrifiċċju.

# SERVEJ IMPORTANTI



Xhur ilu Mark Lawrence Zammit flimkien ma' grupp ta' saċerdoti u żgħażagħ għamlu servej fost dawk il-persuni li huma b'xi mod involuti fil-ħidma tal-Knisja. Is-servej kien dwar il-Knisja u l-modi ta' kif hi tikkomunika l-messaġġ tagħha. Fl-istudju l-persuni intervistati sarulhom mistoqsijiet dwar x'jaħsbu fuq il-bullettin tal-Ħadd, l-omelija, ir-rivisti tal-parroċċi, ir-rivista djoċesana Il-Ħajja f'Għawdex, ir-radjijiet komunitarji, in-noticeboards tal-parroċċi u l-facebook. Minn dan is-servej li sar ma' persuni minn Għawdex kollu ħarġet din l-informazzjoni interessanti:



- Is-servej sar fost 396 persuna, li 44% minnhom għandhom inqas minn 35 sena;
- 70.1% qalu li dak li jgħidu l-qassisin u l-Isqof ma jaffetwahomx ħafna;
- 74% qalu li l-avviżi ta' waqt l-quddies huma l-aktar effettivi;
- 73% qalu li n-naħa ta' ġew tal-bullettin huwa t-tieni l-iktar effettiv;
- 34.1% jgħidu li l-facebook tal-parroċċa huwa r-raba' l-iktar effettiv mill-mezzi tal-komunikazzjoni li hawn f'Għawdex;
- mis-servej jirriżulta wkoll li aktar ma nikbru fl-età iktar nagħtu importanza lit-tagħlim tal-Knisja;
- 34.4% qalu li fil-parroċċa ma jsibu l-ebda grupp li jappella għalihom jew inkella jħossu li ma għandhomx bżonn imorru għal-laqgħat organizzati għalihom;
- 44% iddikkjaraw li dak li jgħid l-Isqof jaffetwahom ħafna.





# L-GĦARQA TAL-S.S. ASHBURY

## (L-AĦĦAR PARTI)

KENNETH GRIMA

Fl-artiklu ta' qabel dan, kellna introduzzjoni dwar il-vapur Ingliż tal-istim **Ashbury**. Sirna nafu li għandu konnessjoni mar-raħal tagħna permezz ta' erba' Nadurin li abbord kienu jaħdmu bħala Firemen and Trimmers – dawn kienu Ġużepp Vella **tal-Bekkis**, Koronatu Grima **tal-Parsotta**, Franġisku Muscat **ta' Ċulu** u Karmenu Cassar **ta' Brajġu**. Tajna dettalji u informazzjoni dwar l-ekwipaġġ, spjegajna liema portijiet żar l-**Ashbury** u anki t-tip ta' merkanzija li ġarr fl-aħħar vjaġġ tiegħu. Iżda sirna nafu wkoll li l-vapur żviluppawlu ħsarat fil-condenser, u li kawża ta' hekk kellu jitla' Newcastle għat-tiswija. Inkomplu naraw.

### IT-TRAĠEDJA

Wara li telaq minn Workington fl-Ingilterra, l-**Ashbury** wasal Loch Ewe fl-Iskozja fit-2 ta' Jannar 1945 fejn għamel erbat ijiem sas-6 ta' Jannar[1]. Il-vapur, fuq l-ankra u mhux marbut ma' moll, kien qed jistenna li jinġabru l-bqija tal-vapuri l-oħra sabiex isalpaw kollha kemm huma f'konvoj bi skorta navali magħhom. Iżda hawn l-ekwipaġġ inqalgħulhom il-problemi.

Beda ġej il-maltemp u baqa' jiżdied fis-saħħa sal-punt li l-vapur fuq l-ankra ma baqax kontrollabbli. Hekk il-Kaptan ordna li tintefa t-tieni ankra filwaqt li hu beda jaqdef bil-magna ħalli l-piż tal-vapur ma jkunx kollu kemm hu fuq il-ktajjen taż-żewġ ankri. Iżda dawn ir-rimedji ma kinux biżżejjed! Il-Kaptan Morris kompla biex talab l-għajnuna ta' lanċa tal-irmonk (*tugboat*) sabiex tkun fil-viċinanzi tiegħu; hawn intbagħtet il-lanċa Ingliża 'Empire Ivy'[2].

Xorta waħda l-piż tal-**Ashbury** fuq il-ktajjen tal-ankri kien wisq, tant li katina minnhom inqatgħet! Issa l-vapur ġie b'ankra nieqsa![2] Hawnhekk sibt illi fl-4 ta' Jannar 1945, f'Loch Ewe, id-Deck Boy Samuel Bache ta' 21 sena, tniżżel minn fuq il-vapur peress li weġġa' għax kien involut f'inċident[3]. Tgħid weġġa' xħin inqatgħet il-katina tal-ankra? Id-dokumenti tal-**Ashbury** mill-Arkivju Nazzjonali tal-Ingilterra ma jagħtu l-ebda dettall.

Sadattant minn Loch Ewe l-konvoj ried jibda jipproċedi lejn in-naħa ta' Newcastle, ir rotta tiegħu tgħaddi min-naħa ta' fuq tal-Iskozja, minn Pentland Firth. Il-konvoj kien magħruf bil-kodiċi WN.667 u kien jikkonsisti f'erba' vapuri merkantili. Dawn kienu l-vapuri Ingliżi **S.S. Ashbury**, *S.S. British Chancellor*, *S.S. Inger Toft*, u l-vapur Norveġiż *S.S. Bestik*[4]. Pentland Firth hija lokalità fejn hemm ammont ta' gżejjer, ħafna kurrenti b'saħħithom u possibbiltà ta' ħafna maltemp aħrax, speċjalment f'dak iż-żmien tas-sena, f'Jannar.

Jidher fiċ-ċar li qabel telqu minn Loch Ewe l-maltemp ma kienx naqas, u l-vapur salpa b'ankra waħda, apparti



*Il-lanċa tal-irmonk Empire Ivy, li marret għall-assistenza tal-Ashbury f'Loch Ewe.*

l-ħsarat tal-condenser li diġà kellu. Anzi, il-maltemp kompla jikber għal forza 9 mit-Tramuntana, il-borra bdiet nieżla u l-viżibbiltà marret għall-agħar[2].

Fil-vjaġġ tagħhom huma u jduru man-naħa ta' fuq tal-Iskozja, l-ekwipaġġ tal-**Ashbury** kompla jesperjenza l-problemi. L-**Ashbury** u l-'*Bestik*' waqgħu lura mill-bqija tal-konvoj, u r-riħ u ċ-ċaqlieq beda jitfagħhom iktar qrib il-kosta! Hekk, l-għada li telqu minn Loch Ewe, fis-7 ta' Jannar għall-ħabta tal-10:20 ta' filgħaxija l-Kaptan Morris bagħat messaġġ wireless jinforma bl-emerġenza li kien fiha u li kellu bżonn lanċa tal-irmonk għall-assistenza. F'dan il ħin il-pożizzjoni tal-**Ashbury** kienet għoxrin mil fil-punent ta' Dunnet Head, l-iktar ponta tal kosta Skoċċiża li qiegħda fit-Tramuntana[2].

Iż-żewġ vapuri komplew jaqgħu qrib l-art u sal-ħabta ta' nofsillejl kienu tefgħu l-ankri tagħhom, il-'*Bestik*' it-tnejn li kellu u l-**Ashbury** l-ankra l-waħda li kien baqagħlu! Apparti ż żewġ ankri li tefa', il-vapur Norveġiż uża l-magna sabiex il-piż ma jkunx kollu fuq il-ktajjen; huwa kien qed jaqdef Full Speed Ahead, jiġifieri s-saħħa tal-magna kien qed jużaha kollha kemm hi, u xorta baqa' jaffaċċja l-problemi biex iżomm il-pożizzjoni tiegħu![2] Nistgħu naraw fiċ-ċar f'liema maltempata kienu qegħdin u x'sitwazzjoni kiefra ħabbtu wiċċhom dawn il-baħrin taż-żewġ vapuri!

Il-frejgata navali Kanadiża 'HMCS Ste Therese', taħt il-Kmandant (*A/Cdr*) James Evelyn Mitchell[5], waslet fuq il-post għall-għajnuna tal-**Ashbury**. F'dak il-lejl bejn is-02:00 u l-04:00 ta' filgħodu dan il-vapur għamel kemm-il tentattiv sabiex jgħaddi ċima jew wire tal irmonk lill-**Ashbury**. Iżda kien kollu ta' xejn, kien wisq maltemp; iċ-ċaqlieq kompla jitfa' lill-**Ashbury** qrib il-blat u f'baħar iktar baxx, filwaqt li l-Kmandant Mitchell ried jieħu ħsieb li ma jkunx hu stess li jinkalja! Niftakru li manuvra perikoluża mmens bħal din kienet qed issir fi dlam ċappa!

Wara dan il-punt ħadd aktar ma jaf x'ġara eżatt abbord l-**Ashbury**. Fit-3:17 ta' filgħodu tat-8 ta' Jannar, il-Coastguard Station ta' Melness irrappurtat dawl li hu maħsub li kien minn xi dgħajsa tas-salvataġġ jew xi liferaft tal-vapur. Fit-3:19 ta' filgħodu Wick Radio għajjat lill-**Ashbury** iżda ma rċieva l-ebda risposta – xejn aktar ma nstema' mill-**Ashbury**. Il frejgata 'Ste Therese' baqgħet standby fl-inħawi sas-06:00 ta' filgħodu, iżda fit-08:39 il-Coastguard Station ta' Melness irrappurtat xi iġsma ta' nies fil-baħar max-xtajta, u iktar tard bċejjeċ u fdalijiet mill-vapur[2].

L-**S.S. Ashbury** għereq fil-bokka ta' Talmine Bay 'il barra mill-kosta fin-naħa ta' fuq tal-Iskozja f'xi ħin bejn it-03:00 u l-04:00 ta' filgħodu tat-8 ta' Jannar, 1945. Ħadd ma rnexxielu jsalva minn ekwipaġġ ta' 42, inkluż l-erba' Nadurin.

## L-INKJESTA

Fit-22 u fit-23 ta' Lulju tal-1947 saret inkjesta quddiem l-Imħallef Alexander James Louttit Laing, assistit mill-Kaptan H. A. Moore u l-Professur L. C. Burrill, dwar l-għarqa tal-**S.S. Ashbury** u t-telfa tal-ekwipaġġ sħiħ tiegħu, dak ta' 42 persuna. Din l-inkjesta identifikat il-kundizzjoni li kien fiha l-vapur qabel ma telaq minn Loch Ewe u d-diversi fatturi li wasslu għal din it-traġedja.

L-ewwel wieħed hu l-fatt li kellu ankra nieqsa. It-tieni hu li l-vapur kien vojt, ballast condition, allura kien ħafif u ma kienx imrażżan fl-ilma. Hekk ir-riħ iktar seta' faċilment jagħmel mal-ġenb tal-vapur. U peress li l-vapur kien għoli fuq l-ilma, l-iskrun ma kienx mgħarraq kollu taħt l-ilma; it-tarf tal-paletti tiegħu kellhom tliet piedi u nofs mikxufin. Ir-rapport tal-inkjesta jsemmi wkoll li l-**Ashbury** kellu l-ħsarat fil-condenser. Iżda jkompli billi jgħid li dan ma tqiesx ta' detriment għas-sigurtà tal-vapur. Dan jista' jkun minħabba li l-vapur kien qiegħed fil-klima u l-ibħra kesħin tal-Iskozja u f'Jannar, allura dik il-kesħa kienet qed tikkumpensa għas-sħana żejda tal-magna.

Il-kawża finali tal-għarqa u t-telfa tal-**S.S. Ashbury** kienet il-maltempata mhux normali li għadda minnha l-konvoj, u li minħabba fiha l-vapur ma setax iżomm il-veloċità u l-pożizzjoni tiegħu 'l barra mill-kosta. Ir-rapport tal-inkjesta kompla jgħid li l-vapur kien taħt Ordnijiet tal Ammiraljat fi żminijiet ta' gwerra u ġie sfurzat li jitlaq mal-bqija tal-konvoj fuq rotta min-naħa ta' fuq tal-Iskozja, rotta li normalment ma tiġix attentata fil-qilla tax-xitwa. Li kieku ma kienx l-istat ta' emerġenza tal-gwerra li kienet fiha l-Ingilterra l-vapur ma kienx jitħalla jitlaq minn Loch Ewe.

Fl-aħħar mill-aħħar l-inkjesta wriet li t-telfa tal-vapur u l-ekwipaġġ kollu ma kienet bl ebda mod it-tort tas-sidien tal-vapur u wisq anqas tal-Kaptan David Morris, kaptan ta' esperjenza fuq il-baħar.

## KONKLUŻJONI

Kif jgħid il-Malti, "li kieku u li kien qatt ma ltaqgħu flimkien"! Għalxejn l-inkjesta rrappurtat li kieku mhux għax minħabba l-gwerra l-vapur ma kienx ibaħħar, ħadd minn dawn il-baħrin ma mar lura d-dar. L-għarqa tal-**Ashbury** setgħet tiġi evitata.

Niftakar lin-nannu tiegħi, Wiġi Grima, jirrakkontali kif darba minnhom fi żmien il-gwerra meta hu u sħabu kienu għad-duttrina jidħol raġel ikellem lill-qassis li kien qed jgħallimhom. Dan ma kien ħadd ħlief Franġisku Muscat, **Ta'** Ċulu. Dan qallu storja u xtaq li l-qassis jgħidha lil dawn it-tfal fid-duttrina, ġrajja li għadda minnha hu stess fuq il-baħar.

L-istorja tgħid hekk. Darba fit-Tieni Gwerra Franġisk kien xogħol fuq vapur ieħor. Fis-siegħa u l-ħin, fil-watch tiegħu sakemm kien xogħol hu, il-vapur jintlaqat minn torpedo!

Ma ninsewx li xogħol Franġisk kien ta' Fireman and Trimmer fid-dipartiment tal-magna, jiġifieri fuq ġewwa tal-vapur u li tista' tgħid taħt il-livell tal-ilma.

Il-vapur, milqut, beda jegħreq! L-ilma beda dieħel fejn kien Franġisk u hu prova jżomm fil-wiċċ. Għaċ-ċirkolazzjoni tal-arja, l-engine-room u l-boiler-room tal-vapur dejjem ikollhom ventilaturi; dak iż-żmien kienu jużaw aktar ċirkolazzjoni naturali milli ventilation fans jitfgħu l-arja 'l ġewwa. Kif hawn fir-ritratt, dawn kienu jkunu ventilaturi kbar u wisgħin iżda fit-tarf tagħhom, skont nannuwi, normalment kien ikollhom żewġ ħadidiet f'forma ta' 'X'.



Sakemm Franġisku kien qed jitħabat ħalli jżomm f'wiċċ l-ilma fil-boiler-room fejn kien qiegħed, isib ruħu ġo ventilatur bħal dawn! U f'kemm trodd salib Franġisk ikun barra jgħum fil-baħar! Il-ventilatur li nzerta daħal ġo fih ma kellux dak il-ħadid fit-tarf tiegħu u ħeles l-għarqa ħafif! Mur għidlu minn fejn kellu jgħaddi ftit taż-żmien wara!

1 TNA (The National Archives, UK), BT389/2/126
2 Board of Trade Wreck Report No. 7945 – S.S. Ashbury – Report of Court
3 TNA, BT381/3409 O.N. 148865 **S.S. Ashbury**
4 http://www.convoyweb.org.uk/wn/index.html?wn.php?convoy=667!~wnmain
5 http://www.forposterityssake.ca/Navy/HMCS_STE_THERESE_K366_309.htm



# GIRGOR BUTTIGIEG
## PERSUNAĠĠ NADURI

JOE MUSCAT

L-istoriku Għawdxi, il-Kanonku Ġann Piet Franġisk Agius de Soldanis (1712-1770), li ommu Valenzia neè Sultana, kienet min-Nadur, fil-manuskritt tiegħu *"Il Gozo Antico e Moderno Sacro e Profano"* li ġie tradott għall-Malti minn Monsinjur Ġużeppi Farrugia, fl-aħħar kapitlu tat-tieni volum, jagħtina tagħrif fuq xi Għawdxin li kienu kbar fil-qdusija u fil-għerf. Wieħed minnhom huwa Girgor Buttigieg, minn Nadur, li kien magħruf ukoll bħala Grejgel.

Fit-traduzzjoni, Mons Farrugia kiteb hekk: "Imwieled in-Nadur ta' Għawdex; bniedem bla skola, miżżewweġ, imrobbi fl-għelieqi, imma mżejjen b'ħajja hekk safja u bla tebgħa u mixgħul b'tant imħabba lejn Alla u lejn il-Madonna, li kellu l-grazzja tal-ħajja magħquda magħhom u tal-perfezzjoni, b'għaġeb ta' niesu u ta' min kien jafu".

Ikompli: "Mela kienet is-sena 1688 u n-nies tan-Nadur bil-kappillan magħhom kienu ħosbenin fejn jibdew iwaqqfu l-knisja parrokkjali tagħhom. Huma ħallew f'idejn Girgor biex jgħidilhom hu l-post għat-twaqqif tal-knisja, bħala bniedem mogħti għar-ruħ u miżmum b'għaref. Girgor, bi tweġiba, rama l-ħmara li kellu, għabbieha bil-ġebel li kien diġá maqtugħ għall-bini tal-knisja u bagħatha weħidha. Din, ma nafx kif, xħin waslet fil-post fejn hemm il-knisja llum, waqfet u ma reditx timxi iżjed. Xħin flew il-post, in-nies raw li dak kien il-post waħdieni u ewlieni tar-raħal, u għalkemm xi wħud qalu li hu mwarrab mid-djar li kienu weqfin f'dak iż-żmien, deher imma llum li dan kien l-aħjar post għall-knisja magħżul minn Alla, billi hu jinsab f'nofs ir-raħal".

Jingħad ukoll li Girgor mexa jitlob wara l-ħmara tiegħu.

Ma nafux eżatt meta twieled Girgor, iben Gerenomo Buttigieg u Valenzia. Iżda minn Ċensiment / Status Animarum tal-Knisja Matriċi li sar fl-1667, b'rabta mat-twaqqif tal-Kolleġġjata tal-Assunta, Girgor hu mniżżel bħala l-kap ta' familja fqira, li kellu 28 sena u flimkien ma' martu Lorenza ta' 25 sena u żewġ uliedhom Gratio ta' 5 snin u Paulica ta' 3 snin kienu jgħixu fl-inħawi ta' "Nadur el Cala". Wieħed jassumi li Girgor twieled qrib is-sena 1639. F'dak iż-żmien, dan it-territorju kien jaqa' taħt il-parroċċa tal-Matriċi tal-Assunta. Iżda din id-data tidher li mhix korretta għax Girgor (kif ser naraw)



***Il-Wied ta' Grejgel***

iżżewweġ fl-1654 u hekk jiġi li kellu biss 13-il sena, etá żgħira biex ikun kap ta' familja, għalkemm ġieli tfajliet kienu jżewġuhom ta' sittax jew sbatax-il sena f'dawk iż-żminijiet ta' faqar. B'xorti tajba sibna ż-żwieġ ta' Girgor ma' Lorenza, bint Alberto Theuma u Caterinuzza li hu rreġistrat fir-Reġistru taż-żwiġijiet tal-Matriċi li sar nhar is-27 ta' Ġunju 1654. Iżda dan iż-żwieġ ġie ċċelebrat fil-knisja / kappella tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-Qala minn Dun Andrea Grima. Ix-xhieda kienu Marcello Frendo u s-Sinjur Gio:Maria Cardona. Għalhekk nassumi li Girgor twieled xi snin qabel l-1639.

Fir-Reġistru tal-Magħmudija tal-Katidral niltaqgħu ma' magħmudija ta' ħu Girgor, li twieled fid-29 ta' Ottubru 1642 u ġie mgħammed fl-istess jum minn Dun Domenico Apap, il-vici Arċipriet tal-Matriċi u li ngħata l-isem ta' Clementio.

Ma nafux eżatt kemm kellhom ulied Girgor u Lorenza, barra dawk iż-żewġ ulied imsemmija fiċ-Ċensiment, iżda mir-Reġistru taż-Żwiġijiet tal-Parroċċa tan-Nadur niltaqgħu ma' dawn li ġejjin:

1. 26 ta' Ġunju 1689: Gioseppe Buttigieg iżżewweġ lil Gratia Cremona, bint Carolo u Dominichella fil-knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni tal-Qala, li proviżorjament serviet ta' parroċċa sakemm inbniet il-knisja parrokkjali ġdida fuq l-għolja Ta' Nadur. Ta' min jinnota li l-ewwel mit-tliet tnidijiet ta' dan iż-żwieġ saret fid-9 ta' Ġunju 1689, minn Dun Bernard Haber (1689-1705), tlett ijiem biss wara li ġie maħtur kappillan ta' din il-parroċċa ġdida fil-Lvant ta' Għawdex b'territorju parrokkjali tant kbir li kien jibda mill-bajja tar-Ramla, jitla' mal-Wied tar-Ramla, għal Ta' Xħajma sa Tal-Barmil u minn hemm jibqa' sejjer mal-limiti tal-parroċċa tax-Xewkija, għall-Imġarr u jiġbor fih dak li llum hu n-Nadur, il-Qala, Għajnsielem, l-Imġarr u l-gżira ta' Kemmuna. F'dan iż-żwieġ hemm imniżżel li omm l-għarus kienet mietet. Għalhekk Girgor kien diġá armel meta bdiet tiffunzjona l-parroċċa. Lorenza, mart Girgor, mietet fit-2 ta' Settembru 1687 u ġiet midfuna fil-knisja matriċi.
2. 26 ta' Lulju 1689: eżatt xahar wara, bint Girgor u l-mejta Lorenza, Margarita, iżżewġet lil Domenico Gauci mir-Rabat, iben Alessandro u Gratiulla. Dan iż-żwieġ sar fil-knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-Qala fil-preżenza tal-kappillan Dun Bernard Haber u x-xhieda Aloisio Borg u Luca Portelli.

3. 10 ta' Settembru 1690: Agostino Baijada, iben Domenico u Gratiulla mill-parroċċa ta' Sant'Antonio (tax-Xagħra) iżżewweġ lil Marija Buttigieg, bint Girgor u l-mejta Lorenza fil-knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-Qala fil-preżenza tal-kappillan Dun Bernard Haber. Ix-xhieda kienu Pierino Meilach u Luca Portelli.

4. 13 ta' Settembru 1694: Bint oħra ta' Girgor u l-mejta martu Lorenza, bl-isem ta' Barbara, iżżewġet lil Domenico Caruana, iben Paolo u Teresa li kien mill-Matriċi. Żewwiġhom il-kappillan Dun Bernard Haber fil-knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni tal-Qala fil-preżenza tax-xhieda Gioanne Azzopardi u Salvatore Mercieca.

Milli jidher dawn it-tliet ulied bniet ta' Girgor wara li żżewġu marru jgħixu mal-irġiel tagħhom ir-Rabat u x-Xagħra għax l-ebda wild tagħhom ma hu mniżżel li ġie mgħammed fil-parroċċa tan-Nadur. Mir-riċerka li għamilt, jidher li Girgor u martu Lorenza kellhom sitt ulied.



*Kitba ta' De Soldanis dwar Girgor Buttigieg*

Dwar Girgor Buttigieg, De Soldanis kiteb fit-tul, għax ħass u emmen li dan il-bniedem kien tassew ħabib u qaddej ta' Alla u tal-Madonna, għaliex wiżen u għarbel il-grazzji tiegħu. L-informazzjoni li ġabar mix-xniegħat fuqu u li kienet għadha sejra f'dawk li kienu jafuh, ġiet imwettqa lilu minn iben Girgor u neputih: "Ħafna drabi ra lill-Madonna, li kien wisq devot tagħha, biex tikkonsolah. Kien imur kuljum iżurha fil-knisja tagħha tal-Qala, ukoll jekk ikun bogħod minn hemm minħabba xi xogħol jew ħtieġa oħra. Jekk kien jara li l-lampa tagħha kien naqasha ż-żejt, kien isib minn hawn jew minn hemm mill-faqar tiegħu minn fejn iġibilha ż-żejt. Ta' sikwit kien jiddobbalha mhux biss żejt u xemgħa biex jixgħelilha, imma wkoll kien idabbar xi palju minn tat-tiġrija għall-ħtieġa tal-knisja tagħha. Tant kienet kbira fih it-tama li kellu fil-Madonna tal-Qala, li kien iwiegħed l-ewwel premju lis-sidien taż-żwiemel, jekk dawn kienu jwegħduh li jagħtuhulu għall-Madonna. U l-wegħda tiegħu ma naqset qatt, tant jekk it-tiġrija kienet issir hawn Għawdex, tant jekk kienet issir Malta. Minn fuq, jekk kienet issir Malta, kien ikun jaf dak il-ħin stess tat-tiġrija, min ikun ħa l-ewwel, b'għaġeb kbir tas-sidien taż-żwiemel li żgurawni fuq din il-ħaġa".

"Darba waqt li kien ġej lejn id-dar mill-knisja tal-Madonna tal-Qala, ħosbien għax kien jaf li d-dar ma kellu xejn x'jiekol la hu u lanqas in-nies tiegħu, malli

rafa' l-moħħ tiegħu lejn Sidtna Marija u fada fiha, din dehritlu taħt xbieha ta' mara u tatu ħobża f'sarvetta, li mbagħad din is-sarvetta, malli daħal id-dar ma dehritx iżjed".

"Ta' sikwit kien ikun imġarrab mid-demonji li kienu jidhrulu taħt kull għamla, tant meta jkun id-dar, tant meta jkun fil-għalqa. Imma dawn qatt ma setgħu jġarrfuh, għax bis-saħħa tal-Madonna kien ikeċċihom u jmaqdarhom."

Girgor Buttigieg, flimkien mal-Kanonku tal-knisja Kolleġġjata u Matriċi Dun Gio. Maria Vella (1638-1699) ġie maħtur prokuratur tal-knisja parrokkjali ġdida li kellha tinbena fin-Nadur. Girgor kellu x-xorti li jara din l-ewwel knisja, li ġiet iddedikata lill-Appostli San Pietru u San Pawl titlesta u tibda tintuża bħala l-knisja parrokkjali.

Iżda Girgor ma kellux ix-xorti li meta miet jindifen f'din il-knisja, peress li meta marad, inġabar għand waħda minn uliedu bniet, Margarita, li kif semmejt iżżewġet lil Duminku Gauci mir-Rabat, u li wara li żżewġet marret toqgħod ir-Rabat. De Soldanis jgħidilna li: "Kien hawn ir-Rabat, meta l-Madonna bagħtitlu marda qalila u twila li hu sofrieha b'paċenzja ta' Ġobb għall-imħabba tagħha".



*Reġistrazzjoni tal-mewt fir-Reġistru tal-Mejtin tal-Parroċċa ta' San Ġorġ tar-Rabat Għawdex*

Toni Calleja, mill-Għasri, kittieb, studjuż u riċerkatur, f'artiklu mill-iktar interessanti, li kiteb fl-"Imnarja 2008", pubblikazzjoni tas-Soċjetá Filarmonika Mnarja, bit-titlu "Għaliex Girgor Buttigieg indifen San Ġorġ u mhux in-Nadur?" jikteb li Dumink Gauci, ħaten Girgor kien ħaddiem, armat bir-raba' u li xi snin wara li żżewweġ ħa b'enfitewsi, qbiela fit-tul, biċċa raba' mdaqqsa fil-kuntrada tal-Vajrinġa, ir-Rabat. Duminku Gauci u martu Marija kellhom tmien (8) ulied li kollha tgħammdu r-Rabat. Meta Girgor kiber fl-etá, u ma baqax ta' waħdu, bintu Margarita ħasbet li tiġbru magħha r-Rabat. Minħabba l-kobor tal-familja, u x'aktarx ukoll minħabba dik id-daqqa t'id li riedet tagħti lil żewġha fir-raba' u fit-trobbija tal-bhejjem, ma setgħetx toqgħod tiela' u nieżla n-Nadur, tara 'l missierha. Għalhekk qatgħuha li jiġbruh magħhom ir-Rabat. B'dan il-mod, meta miet tqies parruċċan tal-Arċipriet tal-Matriċi, u tar-Rabat kollu, inzerta joqgħod fit-territorju tal-parroċċa ta' San Ġorġ, u b'hekk indifen fit-tali knisja skont in-norma ta' dak iż-żmien.

Girgor Buttigieg miet nhar is-26 ta' Jannar 1717, fl-għomor ta' madwar 90 sena u jingħad fuqu li, wara li miet, "ġismu dam ifuħ għal bosta jiem, kif qal min difnu".

Fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Jannar 1943, insibu isem ta' Triq Girgor, li bit-Taljan dehret bħala "Strada Palma" u bl-Ingliż *"Gregory Street"*. Din kienet triq żgħira ħdejn salib it-toroq ta' ħdejn l-imtieħen tar-riħ, Nadur-Qala-Għajnsielem, fil-bidu nett tat-triq li minn hawnhekk tagħti għall-Triq l-Imġarr, in-Nadur. Illum, dawn l-inħawi jagħmlu parti minn Għajnsielem.

Fl-inħawi ħdejn it-Torri ta' Kenuna hemm imsemmija triq għalih, "Triq Girgor Buttigieg". Dak il-Wied ħadrani li mill-Buskett tan-Nadur jibqa' sejjer sal-bajja ta' Daħlet Qorrot iġib l-isem ta' "Il-Wied ta' Grejger". Daħla f'nofs Triq Daħlet Qorrot, parallela ma' dan il-wied, ġiet mogħtija l-isem ta' "Daħla ta' Wied ta' Grejger". Dan il-wied jifred il-limiti parrokkjali bejn il-parroċċi tan-Nadur u l-Qala min-naħa tat-Tramuntana.




*Plakka li turi l-isem tat-triq imsemmija għalih fin-Nadur*

Aktar Qari:
Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu miġjub għall-Malti minn Mons Dun Ġużepp Farrugia; it-Tieni ktieb, l-aħħar taqsima, paġni 152-154.
Bonnici Alexander: "In-Nadur", Vol. 1, paġni 126-129.
Calleja Toni: L-Imnarja 2008, "Għaliex Girgor Buttigieg indifen San Ġorġ u mhux in-Nadur?"; publikazzjoni tas-Soċjetá Filarmonica Mnarja, paġni 99-100.
Galea Victor: Luminaria, Ħarġa Nru. 81, Ġunju 2005; "Grejger ir-Raj", Rivista tal-Parroċċa tan-Nadur; paġni 18-21.

Ringrazzjament speċjali lis-Sur Twanny Mifsud (Uffiċċju Parrokkjali, Knisja Katidrali, Għawdex) u lis-Sur Francesco Pio Attard (sezzjoni tal-Arkivju, Bibljoteka, Triq Vajrinġa, Għawdex).

# IL-MITĦNA TAR-RIĦ PRIVATA tal-Familja Xicluna

## FIN-NADUR, GĦAWDEX

JOSEPH SCICLUNA

Għal aktar minn mitejn sena, jiġifieri matul is-sekli sbatax u tmintax taħt il-ħakma tal- Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann u mbagħad għal kważi ħamsin sena oħra fil-bidu tal- ħakma Ingliża, l-imtieħen tar-riħ li kienu jintużaw għat-tħin tal-qamħ kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex kienu kollha kemm huma proprjetà pubblika. Il-maġġoranza tagħhom inbnew minn Fondazzjonijiet imwaqqfa minn diversi Grammastri tal-Ordni u kienu jinkrew lit-taħħan b'kera li ħafna drabi t-taħħan ma kienx ilaħħaq magħha u b'xi kundizzjonijiet oħra msejħa '*karnaġġi*'. Din is-sitwazzjoni ta' monopolju pubbliku nbidlet fis-sena 1838 meta l-awtoritajiet Ingliżi lliberizzaw is-suq u b'Notifika fil- Gazzetta tal-Gvern ħabbru li,

> '*any person who may be disposed to undertake their (i.e. the graim windmills) construction for their own profit or advantage may do so.*'



*Il-Bieb Prinċipali tal-Mitħna Privata*

Din id-deċiżjoni jidher li ntlaqgħet tajjeb, għax fil-ħamsin sena ta' wara, nbnew ħafna mtieħen ġodda madwar Malta u Għawdex. Kien f'dan il-kuntest li Ġużeppi Xicluna, li kien diġà taħħan stabbilit u li kien ġej minn familja magħrufa ta' taħħana, bena mitħna privata f'dak li kien sqaq privat fin-Nadur, Għawdex, illum imsemmi Triq Papa Ljun XIII li tinsab bejn Triq Diċembru XIII u Triq Xandriku. Il-binja għadha hemm sal-lum, iżda matul iż- żmien sarulha numru ta' alterazzjonijiet, inkluż it-twaqqigħ tat-tromba. Id-data 1852 imnaqqxa fuq il-bieb prinċipali tagħha, tixhed id-data ta' meta nbniet. Raġel anzjan li jgħix fl-inħawi nfurmani li jingħad li x'aktarx il-bennejja kienu Naxxarin minn Malta.(1)

Dwar il-familja Xicluna ta' taħħana, l-istoriku Għawdxi Joseph M Attard Tabone, fil-kitba tiegħu '*From Wheat to Bread Through the Grain Windmills*', li kienet parti mill-ktieb bl- isem '*A Focus on Gozo Culture*', ippubblikat fl-1996 miċ-Ċentru t'Għawdex tal-Università ta' Malta, kien stqarr hekk,

> '*Throughout their two hundred years of working life, windmills in Gozo were dominated by three well known families of millers and millwrights, the Xiclunas, the Grechs and the Camilleris. Members of these families were involved in the milling trade in both Malta and Gozo. During the 1820's, the Xiclunas were running the mills at Lija, Siġġiewi, Bir id-Deheb and Qrendi in Malta and at Xagħra, Għarb and Xewkija. They were an enterprising breed.*'

Fil-fatt, safejn huwa magħruf illum, il-familja Xicluna taf il-bidu tagħha fit-tmexxija tal- imtieħen tar-riħ liż-żewġ aħwa Carlo u Gio Maria Xicluna, li kienu l-ewwel taħħana li akkwistaw il-kirja tal-mitħna tax-Xewkija f'Għawdex, wara li din inbniet fl-1710. Minn hemm, uliedhom u l-ġenerazzjonijiet ta' warajhom infirxu f'imtieħen oħra, l-ewwel f'Għawdex, jiġifieri dawk tar-Rabat, in-Nadur, l-Għarb u x-Xagħra, u wara, fil-bidu tas- seklu dsatax u anki ftit qabel, kull fejn sabu opportunità madwar Malta kollha, inkluż in- Naxxar, iż-Żurrieq, is-Siġġiewi, Ħal Luqa, iż-Żejtun, il-Qrendi, Ħal Lija u saħansitra l- Mellieħa.(2)

## Min kien Ġużeppi Xicluna?

Ġużeppi Xicluna kien l-ewwel wild ta' Daniele Xicluna u Rosa Bonello, it-tnejn li huma Għawdxin li kienu żżewġu x-Xewkija fit-18 ta' Jannar 1801 ftit wara t-tmiem tar-rewwixta kontra l-ħakkiema Franċiżi.[3] Daniele kien iben taħħan ieħor, li kien Marcello Xicluna, l-ewwel taħħan tal-Mitħna l-Ġdida tax-Xagħra, illum magħrufa bħala l-Mitħa ta' Kola, wara li l-bini tagħha tlesta fis-sena 1787.[4] Bħalma kienu għamlu numru ta' ħutu qablu, ftit wara li żżewweġ, Daniele flimkien ma' martu emigraw lejn Malta fejn jidher li marru jfittxu xi mitħna tar-riħ battala u li kienet għall-kiri, għax milli jidher l-opportunitajiet f'Għawdex kienu limitati. Il-koppja għall-ewwel stabbilew ruħhom iż- Żurrieq u teżisti evidenza arkivjali li diġà kienu qed jgħixu f'dak ir-raħal f'Novembru tal- 1801.

Ġużeppi twieled iż-Żurrieq fl-20 t'Ottubru tal-1803 u meta tgħammed ingħata l-ismijiet ta' Joseph Andreas Carolus.[5] Ftit wara li twelditilhom it-tieni tarbija fiż-Żurrieq, fl-24 t'April 1805, tifla li ngħatat l-ismijiet t'Anna Loreta Elena, għal xi raġuni mhix magħrufa, iżda probabbilment għax sabu opportunità aħjar, Daniele u Rosa marru jgħixu s- Siġġiewi fejn Daniele kien akkwista l-kirja ta' waħda mill-imtieħen tar-riħ li kienu jeżistu f'dak ir-raħal f'dak iż-żmien, il-mitħna llum magħrufa bħala l-Mitħna tat-Tank li fil-fatt kienet l-ewwel mitħna li kienet inbniet f'dak ir-raħal.[6]

Daniele baqa' jaħdem f'din il-mitħna għal ħafna snin u sadanittant, bejn l-1806 u l-1820, fil-familja kienu twieldu sebat itfal oħra.[7] Meta twieldet l-aħħar tarbija, Ġużeppi diġà kellu sbatax-il sena u wisq probabbli li issa kien qed jgħin lil missieru u jitgħallem is- sengħa ta' taħħan. Madanakollu, jidher li Daniele ma setax ilaħħaq mal-kera dovuta fuq il-mitħna u fl-1823 ressaq petizzjoni quddiem il-Gvern sabiex ikun jista' jħallas l- arretrati bin-nifs.[8] Din it-talba ma ntlaqgħetx u forsi kien għalhekk li madwar is-sena 1827, Daniele u Rosa, flimkien m'uliedhom irritornaw lejn art twelidhom, Għawdex. Eventwalment, it-tfal iżżewġu kollha kemm huma f'Għawdex stess bejn is-snin 1829 u 1842.

Ta' min isemmi li waħda mill-ulied ta' Daniele u Rosa, u allura oħt Ġużeppi, kienet il- bużnanna, tal-ex Prim Ministru Dom Mintoff, min-naħa ta' missieru. Din kienet il-ħames waħda mit-tfal tal-koppja li twieldu meta l-familja kienet toqgħod is-Siġġiewi. Din twieldet fis-6 ta' Novembru tal-1815 u fil-magħmudija hi ngħatat l-ismijiet ta' Rosolea Veneranda Catarina, iżda kienet magħrufa bħala Catarina. Hi żżewġet lil Aloisio Mintuf fil-Matrice fil-25 t'Ottubru tal-1834. Semmiet wieħed minn uliedha Daniele, għal missierha, li jiġi n-nannu tal-Perit Dom Mintoff. L-isem Daniele baqa' jintuża fil-familja sal-ġurnata tal-lum.

## Il-Familja ta' Maria u Ġużeppi

Ftit wara li l-familja rritornat lejn Għawdex, jiġifieri fil-5 t'Ottubru tal-1830, Ġużeppi żżewweġ lil Maria Grima fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, ir-Rabat, Għawdex. Ġużeppi, issa kellu 27 sena u jidher li l-koppja żagħżugħa għal xi żmien baqgħet toqgħod ir-Rabat. Dak iż-żmien, missier Ġużeppi, Daniele, kien iħaddem il-Mitħna l-Ġdida ta' Kerċem, li tinstab fit-triq li mir-Rabat tagħti għall-Għarb u wisq probabbli li Ġużeppi, wara li żżewweġ, baqa' jaħdem f'din il-mitħna ma' missieru. Fil-fatt, il-mitħna kienet tagħmel parti mill-Parroċċa tar-Rabat.

Sakemm damu joqogħdu r-Rabat, il-familja ta' Maria u Ġużeppi bdiet tiżdied. Ir- Reġistru tal-Magħmudijiet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ għal dak il-perjodu, jagħmel referenza għal numru ta' trabi li twieldu mill-koppja Ġużeppi Xicluna u martu Maria. Iżda peress li dak iż-żmien fir-Reġistru ma kienx jitniżżel il-kunjom tal-mara



*Il-Mitħna l-Ġdida tan-Nadur*

wkoll, ma jistax jiġi stabbilit f'ċertezza li dawn kienu kollha ulied l-istess koppja.

Madwar is-sena 1843 u anke forsi ftit qabel, il-familja ta' Maria u Ġużeppi marret toqgħod in-Nadur, x'aktarx wara li bla mistenni nqalgħet opportunità għall-kirja mill- ġdid ta' dik il-mitħna f'dan ir-raħal li kienet magħrufa bħala l-Mitħna l-Ġdida tan-Nadur. Sa minn mindu tlesta l-bini tagħha fis-sena 1787, din il-mitħna kienet titmexxa minn membri tal-fergħat differenti tal-familja Xicluna. Fis-sena 1843, il-kirja kienet f'idejn ċertu Francesco Xicluna, meta dan ressaq talba quddiem il-Gvern sabiex għal raġunijiet ta' saħħa, ikun jista' jinħall mill-kuntratt li kellu għall-kiri tal-mitħna, li kien għall-perjodu ta' tnejn u tletin sena. It-talba ta' Francesco ġiet aċċettata u l-kirja, immedjatament wara, b'xi mod, ġiet assenjata lil Ġużeppi.(9) Bla dubju din turi l-fiduċja li kellhom l-awtoritajiet fl-abbiltajiet tat-taħħana tal-familja Xicluna.

Fir-raħal tan-Nadur, il-familja ta' Maria u Ġużeppi kibret u kibret sew. Twieldu għaxart itfal oħra bejn is-snin 1842 u 1856 u l-aħħar tnejn biss twieldu wara li kienet inbniet il- mitħna privata tal-familja.

## Il-Familja fil-Mitħna Privata – l-ewwel snin

Wara li kien għamel madwar għaxar snin imexxi l-Mitħna l-Ġdida tan-Nadur, u qabel ma kien għalaqlu ċ-ċens tal-mitħna, fis-sena 1853, Ġużeppi ressaq it-talba quddiem il-Gvern sabiex ikun jista' jinħall mill-kuntratt li kien għadu marbut bih. Ovjament, il-mitħna privata li kien qed jibni issa kienet tlestiet u Ġużeppi kien ħerqan li jibda ħajja ġdida fiha. It-talba ta' Ġużeppi ntlaqgħet u l-familja mxiet minn mitħna għal oħra.

Iżda sfortunatament, il-ħajja tal-familja fil-mitħna l-ġdida ma kinitx ward u żahar. Fil- fatt, għal numru ta' snin wara li l-familja Xicluna marret toqgħod fil-mitħna, ġarrbet ħafna episodji ta' mrar kbir u qsim il-qalb. F'Marzu tal-1853, hekk kif il-familja kienet għadha kif żanżnet il-proprjetà tagħha, mietet waħda mit-tfal li kien għad għandha sentejn biss. Kien jisimha Loreta Liberata Margarita u twieldet fl-14 t'Awwissu tal-1850. Ftit snin wara, fi spazju ta' sentejn, mietu żewġ xebbiet, it-tnejn li huma ta' 22 sena. Kienu żewġ ulied li twieldu meta l-familja kienet għadha toqgħod ir-Rabat. Maria Angela mietet fis-26 t'Ottubru tal-1857, waqt li Annunzjata mietet fl-14 ta' Frar tal- 1859. Sadanittant, sena wara li mietet Maria Angela, jiġifieri fit-18 t'Ottubru tas-sena 1858 kienet mietet ukoll l-omm, Maria Grima, il-mara ta' Ġużeppi. Kien għad għandha biss 44 sena. Bħallikieku dawn l-imwiet kollha ma kinux biżżejjed, fl-14 ta' Frar tal- 1869 miet wieħed mis-subien li twieldu fin-Nadur. Kien jismu Salvo Daniele Aloisio u kien għad għandu 12-il sena. Erbat imwiet, waħda wara l-oħra fi żmien erba' snin! Wieħed ma jistax jimmaġina d-dieqa li għaddiet minnha din il-familja f'dak il-perjodu.

Iżda, dak li forsi kien l-akbar saram li laqat lill-familja Xicluna kien għadu ġej. Fl-14 ta' Ġunju tal-1868, mietet Vinċenza fl-età ta' 23 sena. Vinċenza kienet twieldet fit-13 ta' Jannar tal-1845 u kienet tgħammdet fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, ir-Rabat, meta ngħatat l- ismijiet ta' Vinċenza Angela Giuseppa Filomena. Fis-27 t'Awwissu tal-1867, f'inqas minn sena qabel ma mietet, kienet iżżewġet lil Salvo Bartolo fin-Nadur u tmint ijiem qabel ma mietet kienet għadha kif welldet l-ewwel tarbija tagħha, tifel, li ngħata l-isem ta' Ġużeppi bħal dak ta' nannuh.

## L-Istorja ta' Ġużeppi Bartolo

Kif diġà indikat, Ġużeppi Bartolo kien l-ewwel wild ta' Salvo Bartolo u Vinċenza Xicluna. Twieled in-Nadur fis-6 ta' Ġunju tal-1868, x'aktarx fil-mitħna tal-familja t'ommu, u fil- magħmudija ngħata l-ismijiet ta' Felice Giuseppe Aloisio, għalkemm kien magħruf bħala Giuseppe. Ġimgħa wara li twieled hu, mietet ommu. Raġel anzjan li ilu u għadu joqgħod viċin il-mitħna, infurmani li xi wħud mill-antenati tiegħu, li kienu jiftakru sew lill- familja Xicluna, kienu jgħidu li Ġużeppi trabba mill-familja t'ommu u li saħansitra kien sar arranġament sabiex treddgħu mara minn familja oħra għal ħlas żgħir. Din il-familja baqgħet tieħu interess fit-tifel anki meta kiber. Fil-fatt, madwar għaxar snin wara li mietet Vinċenza, fl-10 ta' Marzu tal-1877, missier Ġużeppi, Salvo, reġa' żżewweġ, din id- darba lil Marianna Ciantar fil-Parroċċa t'Għajnsielem. Minn dan it-tieni żwieġ, fil-25 ta' Diċembru tal-1877, twieled tifel ieħor u fil-magħmudija ngħata l-ismijiet ta' Amabile Francesco Mariano Felice. Missier Salvo kien jismu Felice u naturalment kien għalhekk li ż-żewġ uliedu ngħataw dan l-isem.

Ġużeppi, eventwalment, iggradwa bħala avukat, iżda skont l-istess anzjan, għalkemm kien kompetenti ħafna fil-qasam tal-liġi kriminali, Ġużeppi ftit li xejn għamel suċċess fil-karriera professjonali tiegħu u dan '*għax l-avukati tar-Rabat, Għawdex, ma tawh l-ebda ċans sabiex jirnexxi.*' Dak iż-żmien, fl-aħħar snin tas-seklu dsatax, ma kien faċli xejn li ġuvni, iltim minn ommu u ġej minn familja modesta stabbilita f'raħal Għawdxi, jintbagħat l-Università ta' Malta jistudja għal avukat u għalhekk wisq probabbli li Ġużeppi kien imħajjar u megħjun sabiex jaqbad din it-triq minn zijuh, ħu ommu, Dun Franġisk Xicluna, li kien saċerdot iservi fl-istess Parroċċa tan-Nadur. Dun Franġisk twieled in-Nadur, fl-10 t'April tal-1846 u fil-magħmudija ngħata l-ismijiet ta' Francesco Marietto Angelo. Huwa ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Antonio Grech Delicata fit-18 ta' Lulju tal-



*L-Avukat Giuseppe Bartolo - Ritratt fl-Aplikazzjoni ghal-Passaport*

1869, meta t-tfajjel Ġużeppi Bartolo kien għad għandu sena, u miet in-Nadur fit-30 ta' Jannar tal-1919.

Jingħad li l-avukat Bartolo baqa' għażeb u li meta kiber, il-mezzi finanzjarji li kellu kienu limitati għall-aħħar. Irnexxieli nsib applikazzjoni għall-Passaport li kien għamel fid-9 t'Awwissu tal-1915.(10) F'din l-applikazzjoni stqarr li xogħlu kien ta' *Barrister At-Law* - interessanti kif intużat id-definizzjoni Ingliża meta l-lingwa tal-Qrati Maltin kienet manifestament dik Taljana –, li kellu 47 sena, li kien residenti n-Nadur u li kien bi ħsiebu jsiefer lejl l-Italja u Franza. Dejjem kelli kurżità kbira għalfejn Ġużeppi ried imur Franza fl-eqqel tal-Gwerra Dinjija, sakemm l-anzjan qalli xi ħaġa li forsi tatni tweġiba... jingħad li l-avukat kien midħla tal-Casino tal-logħob ta' Monte Carlo! Forsi għalhekk bilkemm kellu biex jgħix meta kiber.

Skont informazzjoni mogħtija fil-Ġuljana Masini (Sezzjoni 38, Imwiet t'Għawdxin li Mietu Malta), li huwa l-arkivju ġenealoġiku ta' persuni Għawdxin, Ġużeppi miet Malta fil-15 ta' Frar tal-1940, fl-età ta' 71 sena. Il-familja kienet magħrufa bil-laqam, *'Tal- Mażent '*, missieru u ommu issa kienu t-tnejn mejtin, kien għex għal żmien twil (*parecchio tempo*) in-Nadur, Għawdex, u baqa' għażeb sa mewtu.

**Il-Familja fil-Mitħna Privata – is-snin ta' wara**

Interessanti li wara li twaqqfet il-Parroċċa t'Għajnsielem fis-sena 1855, il-membri tal- familja Xicluna bdew jitqiesu bħala membri ta' dik il-Parroċċa u ħafna drabi kemm iż- żwiġijiet kif ukoll l-imwiet fil-familja jinsabu mniżżla fir-Reġistri ta' dik il-Parroċċa. Dawn jinkludu l-mewt tal-omm, Maria, fis-sena 1858, iż-żwieġ tat-tifla msemmija Rosa Francesca Annunziata ma' Giuseppe Grima fis-sena 1864, kif ukoll il-mewt tagħha fis- sena 1926 fl-età ta' 83 sena, il-mewt tat-tifel imsemmi Pasquale fis-sena 1872, fl-età ta' 31 sena u ż-żwieġ tat-tifel imsemmi Salvo Francesco Loreto Michele, iżda magħruf ukoll bħala Francesco, ma' Rosa Xuereb fis-sena 1873, kif ukoll il-mewt tiegħu fis-sena 1922 fl-età ta' 68 sena.

Kien hemm numru ta' membri tal-familja li baqgħu ma żżewġux u komplew jgħixu fil- mitħna sakemm mietu. Il-*Liber Status Animarum* tal-Parroċċa tan-Nadur għas-sena 1894 juri li sa dak iż-żmien kienu għadhom jgħixu fil-mitħna Dun Franġisk kif ukoll ħuh Antonio, li twieled fl-1856 fl-istess mitħna u miet fl-età ta' 76 sena fis-sena 1933, oħtu Carmela li twieldet fis-sena 1851 qabel ma tlesta l-bini tal-mitħna l-ġdida u l-imsemmi Giuseppe Bartolo.

L-anzjan li semmejt aktar 'il fuq infurmani li meta l-mitħna tar-riħ ma baqgħetx titħaddem, wara li f'Għawdex bdiet taħdem ukoll mitħna li taħdem bil-fwar, Toni (kif kien magħruf Antonio) rama ħanut tal-fajjenza, f'kamra faċċata tal-mitħna li għadha hemm sal-lum.

Il-missier, it-taħħan Giuseppe Xicluna, miet fit-8 ta' Marzu tal-1879 fl-età ta' 75 sena.

(1) L-informazzjoni dwar l-eziztenza ta' din il-mithna nghatatli mis-Sur Joe Muscat, Arkivista tal-Parrocca tan-Nadur.
(2) Ara l-artiklu ta' l-istess awtur bit-titolu 'The Historic Xewkija Windmill and the Xicluna Family of Millers' fil harga numru 43 tal-Gozo Observer, pubblikazzjoni tal-fergha t'Ghawdex ta' l-Universita ta' Malta.
(3) Sakemm mhux indikat mod iehor, id-dati kollha dwar twelid, zwigijiet u mwiet li jidhru f'dan l-artiklu huma mehudin mill-Guljana Masini, fil-fergha t'Ghawdex ta' l-Arkivju Nazzjonali.
(4) Clifford Vella, 'L-Imtiehen tat-Thin tal-Qamh fil-Gzejjer Maltin'.
(5) Arkivju tal- Parrocca taz-Zurrieq (Maghmudijiet VI, 1800-1849).
(6) Clifford Vella, Ibidem.
(7) Arkivju tal-Parrocca tas-Siggiewi (Maghmudijiet, 1780-1820).
(8) Clifford Vella, Ibidem).
(9) Clifford Vella, Ibidem).
(10) Arkivju Nazzjonali ta' Malta, Applikazzjoni ghall-Passaport Numru 1076/1915).
(11) Informazzjoni moghtija mis-Sur Joe Muscat, Arkivista, Parrocca tan-Nadur.



# SAGRISTANI TAL-KNISJA TAN-NADUR

Ħafna drabi, persuni li jkunu taw servizz kbir lill-Komunità ftit li xejn jissemmew, jew tara xi mafkar tagħhom. Però dawn huma nies li għalkemm għadda ż-żmien minn fuqhom, hu importanti li niftakruhom u nfakkruhom ħalli aħna, li għalkemm m'għandniex l-istess vokazzjoni tagħhom, nitgħallmu minnhom. Fost dawn, ta' min isemmi żewġ sagristani li fis-Seklu 20 taw sehemhom u servizz kbir mhux biss lill-Knisja parrokkjali tagħna u lis-saċerdoti ta' dak iż-żmien, imma saħansitra lill-komunità kollha tan-Nadur.

Dawn iż-żewġ benefatturi, ippermettuli nsejħilhom hekk, kienu: Pawlu Bartolo, iben Ġanni u Anġela Manueli li twieled fit-3 ta' Frar 1885 u Ġużepp Borg, iben Anġlu u Carmela Cauchi li twieled fis-6 ta' Settembru 1892.



Pawlu Bartolo



Ġużepp Borg

Dawn għaddew tista' tgħid ħajjithom kollha jagħtu servizz lill-knisja u lis-saċerdoti tagħna, kif ukoll lin-Nadurin ta' dak iż-żmien.

Kont tarahom dejjem il-knisja mill-Pater Noster li kien jindaqq fl-4.00am u fi żmien il-kaċċa, anke mis-2.00am sakemm filgħaxija, wara li kienu jmorru jitrejqu ma' tal-familja, kont tarahom b'termos kafè f'idejhom, jirritornaw fil-knisja u jorqdu hemm. Dawn kellhom daqsxejn ta' kaxxarizz (armarju), illum floku saru żewġ kmamar ċkejknin, waħda għall-qrar u l-oħra biex fiha jintrefgħu l-abiti sagri, li fihom kienu jerfgħu s-saqqu, li wara l-barka sagramentali, kont tarahom jippreparaw is-sodda fis-sagristija, ħalli fuqha jistrieħu sal-għada filgħodu.

Nistħajjel min jistaqsi għaliex kienu jorqdu fil-knisja? Fl-antik il-knisja qatt ma kienet titħallha weħidha, imma tmur xħin tmur, ser issib lis-Sagristan hemm. Dari kienu jagħmlu l-Vjatku lill-moribondi flimkien mal-Griżma tal-Morda anke billejl. Kienu wkoll idoqqu l-qniepen waqt xi maltempata bis-sajjetti eċċ.

Meta dawn is-sagristani bdew jikbru fiż-żmien, flokhom kien jorqod fil-knisja xi ħadd mill-membri tal-familja tagħhom. Niftakar lil Karmnu Borg, ħu Ġużeppi, u lil Ambroġju Cassar, neputi ta' Pawlu Bartolo. Kien jorqod ma' dan ukoll il-proneputi, Ġużeppi Cauchi. Dawn ma baqgħux jorqdu fis-sagristija, imma fis-sular ta' fuq, fejn

dan l-aħħar kien hemm l-istudios ta' Radju Luminarja. Kienu veru nies dedikati għall-knisja. Pereżempju, fl-ewwel ġimgħa tax-xahar, meta fil-knisja kien ikun hemm l-Adorazzjoni kif ukoll fil-jiem tal-Kwaranturi, kienu jibqgħu fil-knisja anke fis-sigħat ta' waranofsinhar biex ikomplu jagħmlu sinjal bil-qniepen li fil-knisja kien ikun hemm l-Adorazzjoni. Ġieli ħadu ftit tal-mistrieħ billi strieħu fis-sagristija.

Kienu jieħdu ħsieb l-indafa tal-Knisja, billi waqt li nhar ta' Erbgħa dan ix-xogħol kien isir minn grupp ta' nisa, nhar ta' Sibt, kont tarahom jikinsu l-knisja kollha u wara jagħtu tfarfira lill-altari, konfessjunarji, kor u sagristija. Inaddfu l-ħwat tal-ilma mbierek u jagħmlu l-ilma ġdid. Jieħdu ħsieb il-paramenti sagri, billi wħud jeħduhom għand is-sorijiet tal-parroċċa għat-tiswija u oħrajn għall-ħasil.

Imbagħad xi ngħidu dwar l-armar kollu tal-knisja? Kienu jieħdu ħsieb jarmaw l-Altar Maġġur għas-sollennitajiet ta' matul is-sena liturġika. Eżattezza f'kollox, jibżgħu għal kollox. Ma kont qatt tarahom imissu xejn b'idejhom, jerfgħu kollox sewwa. Ta' min igħid li dawn is-Sagristani kellhom wisq iżjed armar mil-lum. Fil-Milied u fil-festa parrokkjali kienu jżejnu l-knisja bid-damask, jibdlu u jtellgħu t-tużell skond il-kulur liturġiku. Sintendi dan ix-xogħol kienu jagħmluh bl-għajnuna ta' oħrajn. Il-Ġimgħa l-Kbira kienet okkażjoni ta' xogħol kbir, għaliex barra li wħud mill-istatwi ma kinux jintrefgħu fil-knisja, imma riedu jġorruhom mill-Oratorju biex f'Sibt il-Għid jerġgħu jiġbru kollox f'postu u jarmaw għall-Festi tal-Għid il-Kbir. Niftakar li biex jiffrankaw biċċa xogħol l-għada filgħodu, dan it-tużell abjad kienu jippreparawh waqt li tkun ħierġa l-purċissjoni tal-Passjoni.

U xi ngħidu għad-daqq tal-qniepen fis-sollennitajiet u fil-festa tal-Imnarja u San Koronatu! Kull nhar ta' Ħamis kienet tindaqq mota bil-qniepen il-kbar biex tfakkarna fit-twaqqif tal-Ewkaristija minn Ġesù f'Ħamis ix-Xirka, f'tal-Imwiet xitwa u sajf, fis-solennitajiet meta l-kanonċi kienu obbligati għall-Kor, jindaqqu l-qniepen għall-Matutin, għall-Konventwali, l-għasar, il-Pater Noster, it-Tmienja, Nofsinhar, l-Ave Maria u tal-Imwiet.

**Il-Purċissjoni ta' San Girgor**
Din li kienet titlaq mill-Knisja Katedrali għal dik ta' Kerċem. Dan kien appuntament ta' kull sena, li fih kienu jinġarru lejn il-belt Vittoria l-Fratellanzi kollha. Dawn kienu jittieħdu fuq it-trakk ta' Ġanni Mejlak ġo kaxxa kbira ħadra, biex meta jaslu r-Rabat qrib il-knisja ta' San Ġakbu, kienu jarmaw il-Fratellanzi kollha hemmhekk, jittellgħu mill-fratelli sal-Katidral, minfejn titlaq il-purċissjoni bil-Kapitlu, Kleru u Fratelli lejn il-knisja ta' San Girgor f'Ta' Kerċem. Is-sagristan kien imur bit-trakk lejn il-parroċċa ta' Kerċem, jistenna biex malajr u b'responsabbiltà jiġbor kollox ħalli mill-ġdid jieħdu lura fin-Nadur. Din il-purċissjoni kienet tassew kbira. Għax fiha kienu jieħdu sehem il-parroċċi kollha ta' Għawdex. Tneħħiet lejn l-aħħar tas-sittinijiet.

**Il-Purċissjoni tal-Gandlora**
Ftit għadhom jiftakru din il-purċissjoni wkoll votiva. Purċissjoni li għalkemm ma kinitx kbira daqs ta' San Girgor, xi drabi kienet ta' inkwiet għas-sagristani wkoll, speċjalment meta lura lejn in-Nadur kien jinqala' l-maltemp. F'din il-purċissjoni kienu jieħdu fl-antik anke l-istatwa artistika tal-Madonna tar-Rużarju lejn is-Santwarju tal-Kunċizzjoni u kienet tittellgħa lura proċessjonalment.

Dawn is-sagristani kienu ta' għajnuna mhux biss għas-saċerdoti tal-parroċċa, imma wkoll għall-Arċipriet fil-qadi ta' dmirijietu. F'rapport li għandu 'l fuq minn mitt sena tal-Arċipriet Martin Camilleri, huwa msemmi li dan l-arċipriet, bħala Vigarju Episkopali, kien jieħu miegħu sagristan għall-visti fil-Parroċċi ta' Għajnsielem, il-Qala u Kemmuna.

Fi żmien it-tberik tal-Għid il-Kbir, dawn is-sagristani kienu wkoll jakkumpanjaw lill-arċipriet. Niftakkruhom b'daqsxejn ta' qoffa f'idejhom li fiha kienu jġorru biċċa xemgħa tat-tnibri biex jagħtuha lin-nies. Din l-użanza kienet tkun okkażjoni għas-sagristani biex jaqilgħu xi ħaġa għalihom u mbagħad fl-aħħar tat-Tberik, jaqsmuha bejniethom.

**Ħlasijiet tas-Sagristani**
Għalkemm kif wieħed jintebaħ minn dak kollu li semmejt hawn fuq dawn is-sagristani, barra xi pedaġġi li kienu jingħataw, ma kellhomx ħlasijiet oħra. Kienu jitħallsu xelin għal kull trapassar, xi ħaġa mill-magħmudijiet li kellhom jaqsmu bejniethom u darba f'sena kienet issir ġabra tal-qamħ li l-istess kienu jaqsmu bejniethom. Pawlu kellu ħanut fil-Pjazza Dun Martin Camilleri li minnu kien ibiegħ iż-żebgħa, waqt li jdawwar xi nkwatru. Ġużeppi, l-ebda introjtu ieħor, kien jgħix minn fuq dik ix-xi ħaġa li kien jaqla' ħuh Carmelo li kien bajjad. Bartolo miet fl-14 ta' Lulju 1965 fl-età ta' 80 sena, waqt li Ġużeppi miet fl-1 ta' Jannar 1975 fl-età ta' 82 sena.

Mhux ta' min iħalli barra żewġ persuni oħra li kienu ta' għajnuna kbira għal dawn is-sagristani fil-qadi ta' dmirijiethom. Dawn kienu l-istudenti Salvu Pace u Ġużeppi Cauchi, li kont tarahom dejjem fil-knisja ma' djul dawn is-sagristani u s-saċerdoti, jew jgħinu xi quddiesa, jew bi stuta f'idejhom jixegħlu u jitfu x-xemgħa, jew jgħinu fl-indafa tal-knisja. Dawn it-talin, meta laħqu l-età ta' tlettax-il sena daħlu studenti interni fis-Seminarju biex ikomplu l-istudji tagħhom għas-saċerdozju. Fil-fatt it-tnejn li huma mhux biss saru saċerdoti, imma wieħed minhom hu Monsinjur bit-titli ta' Cappellano di Sua Santità u l-ieħor, wara li qeda missjoni kbira fis-Seminarju tad-Djoċesi, inħatar Monsinjur tal-Knisja Katidrali.

# ĦARSA *Lura*

KAV. JOE M. ATTARD

Għalkemm għadna qegħdin nsofru n-niket u d-direttivi li ġabet magħha din il-Pandemija li daret id-dinja kollha, nistgħu ngħidu li l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Għawdex–Malta 1985 għamlet li setgħet biex tferraħ lill-membri tagħha u żżommhom aġġornati mal-festa tant għażiża tal-Milied u allura b'attenzjoni u b'għaqal għamlet xorta s-Seminar Annwali tal-Milied li ħadna fil-parroċċa tan-Nadur fejn l-Arċipriet Dun Jimmy Xerri tana l-għajnuna kollha tiegħu biex stajna norganizzaw dan l-avveniment annwali tagħna. Wara l-quddiesa tas-soltu fil-knisja parrokkjali ddedikata lill-Appostli San Pietru u San Pawl, iltqajna f'numru sabiħ, inklużi wkoll xi membri li ġew minn Malta, fis-sala parrokkjali u attendejna għal żewġ taħdidiet ferm interessanti l-ewwel waħda minn Charles Xuereb u l-oħra minn Charles Camilleri dwar il-bini tal-Presepju, żewġ artisti fil-veru sens tal-kelma. Wara bqajna flimkien għall-ikla tal-Milied u bla dubju żammejt it-tradizzjoni li naqra l-poeżija tiegħi li ktibt għal dal-Milied, *Milied Speċjali* u kif konna hemm żorna wkoll il-Mużew marittimu li jinsab biswit. Bla ma nsejna l-pandemija, irnexxielna wkoll iktar kmieni matul is-sena niltaqgħu għal Barbeque u f'okkażjoni oħra għal Pizza Party fil-Ġnien sabiħ tal-Kunvent ta' Sant Wistin fejn kellimna qabel Patri Marcello Ghirlando. Ma xtaqtx nagħlaq din in-nota bla ma nuri wkoll l-apprezzament tagħna lejn il-Kumitat tas-Sezzjoni tal-Għaqda tal-Presepji tan-Nadur u fl-aħħar iżda mhux lanqas lil Carmen Camilleri u l-familja tagħha tas-servizz u l-għajnuna li dejjem sibna fihom.

Bla dubju matul Diċembru l-Għaqda tagħna din id-darba, flok Wirja waħda tal-Presepji għamilna tnejn, waħda bħas-soltu fis-Sala ewlenija tal-Ministeru għal Għawdex li kienet tikkonsisti fi grotti u presepji maħduma mit-tfal tal-iskejjel tal-Gvern u tal-Privat u li tant ħadem biex jaraha wieqfa John Cassar, wieħed mill-membri assidwi tal-Għaqda, u oħra magħmula minn Presepji u Diorami maħduma b'ċerta sengħa u teknika - ħafna minnhom waqt lezzjonijiet li taw imgħallmin kbar tal-presepju - fil-kurituri tal-Kunvent tal-Patrijiet ta' Sant Wistin Victoria u li t-tnejn intlaqgħu tajjeb mill-pubbliku, sinjal li l-Presepju għadu fil-qalb tal-parti l-kbira tal-Maltin u l-Għawdxin. Il-wirja fil-kurituri ta' Sant Wistin nistgħu ngħidu li kienet fuq idea u inizjattiva tas-Sinjura Carmen Camilleri u żewġha li ħa ħsieb anke l-kostruzzjoni tal-armar. Il-Wirja nfetħet mill-Ministru għal Għawdex il-Perit Clint Camilleri li fisser is-sodisfazzjon għal-livell tajjeb tal-presepji maħduma mill-membri tal-Għaqda Maltin u Għawdxin u wiegħed li ser jara kif jagħmel biex l-Għaqda






jkollha ċentru fejn tkun tista' tiltaqa' u tagħmel ukoll Wirja permanenti tal-Presepju kif kellha fl-imgħoddi. Tkellem ukoll il-President tal-għaqda Ħbieb tal-Presepju Joe Galea u wara għamlet ukoll kelmtejn is-segretarja tal-Għaqda mondjali tal-Presepju Carmen Camilleri li tkellmet dwar kif twieldet l-idea li ssir it-tieni wirja fil-kjostru ta' Sant Wistin u x-xewqa tal-Kumitat li jkollu 'premises' tiegħu mnejn ikun jista' jiffunzjona. Carmen kellha ċ-ċans ukoll tagħmel intervent tajjeb fuq l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Għawdex-Malta waqt programm televiżiv fuq Xejk Television. Is-serata kollha tas-Sibt filgħaxija fetħet b'quddiesa f'Sant Wistin mill-Pirjol Patri Adeodato Schembri u wara l-Junior section tal-Chorus Urbanus taħt it-tmexxija ta' Mauren Zerafa kantaw għadd sabiħ ta' Għanjiet tal-Milied. Ma rridx ninsa ngħid 'grazzi' u Prosit lil David Xuereb li offra Presepju biex l-Għaqda setgħet tagħmlu lotterija. Matul is-sena l-Għaqda tagħna toħroġ regolarment erba' darbiet il-perjodiku 'Ħbieb il-Presepju' li llum il-ġurnata laħaq livell tassew għoli anke minħabba l-fatt li huwa kollu stampat bil-kulur. Fih jiktbu ħafna kittieba tajbin kemm prożaturi kif ukoll poeti u issa lħaqna l-142 ħarġa. Prosit b'mod speċjali lil seħibna Anton Galea li ta' kull tliet xhur għal għadd sabiħ ta' snin, iżomm dan l-appuntament.

Apparti din l-attività kollha tal-Għaqda, sibt ħin matul il-jiem tal-Milied inżur xi presepji mferrxa ma' Għawdex għalkemm ħafna minnhom ma fetħux għall-pubbliku bil-biża' ta' din l-imxija li tant qed tnikkitna u allura ħafna xogħol tal-presepisti bravi Għawdxin intilef u ma tgawdiex. Imma żort xi erba presepji miġburin taħt il-Knisja tan-Nazzarenu fix-Xagħra u qrib ħafna, Presepju Ħaj. Fix-Xagħra wkoll fejn kien hemm ħafna presepji għal wiri, mort għand Tonio Caruana fejn rajt presepju tassew sabiħ u mhux 'l bogħod, fi Triq Parisot tliet presepji taħt saqaf wieħed; mhux 'l bogħod ukoll presepju mekkaniku li sirt naf li ż-żagħżugħ li jibnih jibdieh l-għada tal-Vitorja. Fix-Xagħra wkoll mort nara l-Presepju li jinbena fil-każin tal-banda 'Victory' kif ukoll għadd ta' presepji esebiti fuq l-altari tal-Knisja parrokkjali. Ta' Raymond Bonello fix-Xagħra, ix-xogħol esebit trid tneħħilu l-kappell.

F'Għajnsielem taħt il-Knisja parrokkjali fejn insibu wkoll l-istazzjon tar-Radju tal-Komunità, Pawlu Stellini wrieni xi dijorami tassew sbieħ; bħal dawn rajt numru sabiħ ukoll f'waħda mis-swali qrib l-istamperija Gozo Press tal-Knisja. Fil-bini tal-Museum Qasam Subien tan-Nadur inbena presepju ħelu u artistiku li fakkarni fiż-żagħżugħ Tonio li ħalliena xi xhur ilu li għal żmien twil kien jibni dal-Presepju f'dan il-Qasam tant miżmum tajjeb. U fil-knisja parrokkjali taż-Żebbuġ, l-Arċipriet iżejjen l-altari tal-Knisja Parrokkjali b'għadd sabiħ ta' Presepji wħud minnhom li jkaxkar minn daru stess. Fil-Knisja tal-patrijiet Kapuċċini fejn ippreżentajt kunċert tal-Milied, wieħed mill-parruċċani, John Cassar, bena presepju tassew sabiħ li kompla sebbaħ l-atmosfera fil-knisja li ħoloq Patri Gwardjan Alfred Xerri. U ma rridx ninsa ċ-Ċentru Parrokkjali tal-Qala fejn għadd ta' żgħażagħ tellgħu wirja ta' ftit presepji li mhux ta' min ma jmurx jarahom għax ngħid għalija ħadt gost indur dawra magħhom. Ċertament li nbnew presepji oħra fi gżiriti li jew sibthom magħluqa inkella ma sibtx fejn huma. Imma nemmen li l-Presepju f'Għawdex qed jerġa' jsib postu fid-djar tal-Għawdxin u jien inkun minn tal-ewwel li sa qabel il-Kunċizzjoni jkun armat fis-salott tad-dar modesta tiegħi.


*Dettall mill-presepju tal-MUSEUM tas-Subien Nadur*
*Ritratt: Martin Attard*

# L-EWWEL PURĊISSJONI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA

## 1913 - Nadur

Kitba u riċerka
minn korrispondent

Ftit għandna tagħrif dwar kif bdiet din il-purcissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fil-parroċċa tan-Nadur. Nafu fi żgur li din kienet giet organizzata mill-Arcipriet żelanti Kan. Dun Martin Camilleri D.D. (1910-1921). Issa dan l-Arcipriet li kien tant iħobb iniżżel detallji dwar l-istorja tal-parroċċa, insibu li qatt ma kiteb xejn dwar din il-purcissjoni. Iżda mill-perjodiku li kien joħroġ dak iż-żmien, 'Messaggiere di Maria' ta' April 1913, insibu miktub hekk: *'Purċissjoni bl-istatwi tal-misteri tal-passjoni, bhal dik li ssir mill-parroċċa ta' San Ġorġ tar-Rabat, saret għall-ewwel darba fil-knisja Kolleġġjata tan-Nadur. Din setgħet tiġi organizzata bis-saħħa tal-ħeġġa li għandu l-Arċipriet Dun Martin Camilleri.'* [1]

Wieħed ma jridx jinsa li f'din is-sena 1913 f'Malta seħħ avveniment straordinarju reliġjuż. Dan għaliex mit-23 sas-27 ta' April 1913, inżamm l-*24 Kungress Ewkaristiku Internazz-jonali*, fejn il-mistieden speċjali kien l-E.T. il-Kardinal Domenico Ferrata. Għalhekk kien bix-xieraq li għal din l-okkażjoni l-Arċipriet Camilleri jinawgura l-ewwel purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fil-parroċċa tiegħu, bħala tifkira ta' dan l-avveniment tassew kbir.

F'dik is-sena, il-ġurnata tal-Ġimgħa l-Kbira ħabtet fil-bidu tal-istaġun sabiħ tar-Rebbiegħa, fil-21 ta' Marzu 1913. Issa nkitbu diversi drabi li f'din l-ewwel purċissjoni kienu ħarġu biss tliet statwi. Dawn kienu l-mezzo-bust tal-**Ecce Homo**, il-**Monument** u d-**Duluri**. Dan inkiteb ħafna snin wara kif kien jaħseb u niżżel fin-noti tiegħu l-Kan. Dun Anton Borg (1924-1999). Għalhekk dak li nkiteb wara kulħadd beda jikkwota lilu. Iżda jiena tal-fehma li dan mhux il-każ u ser ngħid għaliex billi ser inġib il-provi biex dan ikun ikkwotat għall-istorja.




INRI

L-aktar statwa antika tal-passjoni hija dik tal-mezzo-bust tal-**Ecce Homo**. Qabelxejn din l-ewwel statwa ma nafux meta waslet fil-parroċċa u aktar u aktar ma nafux l-istatwarju li sawwarha. Jista' jkun li kienet f'xi knisja oħra u għalhekk hija aktar antika milli naħsbu. Biss nafu li kienet żgur fl-ewwel knisja parrokkjali tan-Nadur fis-sena 1752 fejn inxtrat għas-somma ta' 7 skudi u 4 tari, (€1.42) fi żmien it-tielet kappillan tan-Nadur Dun Salv Galea (1743-1778). Dan malajr sar meqjum ħafna u għalhekk kellu jieħu ħsiebu prokuratur. Fi żmien il-prokuratur Pawlu Gatt, lejn is-sena 1890, f'idejh tpoġġielu xettru tal-fidda. Fuqu jġib żewġ marki, waħda tal-gvernatur u l-oħra ta' dak li ħadmu 'RCF' Roberto Cannataci Falzon.[2] Fuq l-aħħar studju li sar riċentament insibu li huwa attribwit lil Saverio Laferla. Għamlet ħafna snin merfugħa f'niċċa fis-sagristija.[3]

L-ewwel darba li niltaqgħu mal-istatwa tal-**Monument** (Ġesú mejjet ġeneralment f'urna) fir-registri tal-parroċċa hija fis-sena 1869. Għalkemm ma jissemmhiex espressament dan il-korp ta' Kristu mejjet, min jaf l-andament tal-Kolleġġjata-Bażilika jkun jaf għalfejn il-prokuratur tal-knisja kien qiegħed jalludi. Fis-16 ta' Ġunju 1869 il-mastrudaxxa Ġużepp Cassar tħallas 3 skudi 3 tari u 12-il grani għal kaxxa bil-ħġieġa li saret għal taħt l-altar tal-Kurċifiss u xi xogħlijiet oħra. Din l-ispeċi ta' niċċa saret għal xejn aktar ħlief għall-korp ta' Kristu mejjet fejn għadu jintrefa' sal-lum.[4]

Wara naraw li fil-15 ta' April 1876, l-istatwarju Kalċidon Mangion ġie mħallas 10 skudi (€1.94) talli ta l-kulur lill-korp tal-kartapesta li jirraffigura lil Sidna Ġesù Kristu mejjet.[5] L-istatwa kienet qiegħda ġewwa l-urna, fejn kienet tidher minquxa l-istemma tal-Franġiskani: jiġifieri żewġ dirgħajn imsallbin li jirrappreżentaw dawk ta' Kristu u ta' San Franġisk, b'salib fin-nofs. Ix-xjuħ kienu jgħidu li din l-urna kienet ġiet akkwistata mingħand il-Franġiskani Konventwali tal-knisja ta' San Franġisk tal-Belt Valletta. Iżda grazzi għall-istoriku Anthony Farrugia naf fi żgur li kienet is-sena 1812 meta nxtraw mingħand il-Franġiskani Konventwali tar-Rabat ta' Għawdex. Dan l-artiklu deher fir-rivista tal-parroċċa l-*Luminaria*.[6] Hawn l-awtur sab li fit-8 ta' Marzu 1812 il-Kumpanija tal-Via Crucis tal-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament tan-Nadur kienet xtrat tliet misteri (statwi) tal-Passjoni mingħand il-Fratellanza tal-Immakulata fil-knisja/kunvent ta' San Franġisk tar-Rabat ta' Għawdex. Inxtraw il-**Monument** (korp ta' Kristu mejjet) bl-Urna, **Ġesú fl-Ort** ta' Getsemani u tal-**Marbut** mal-kolonna. Il-bejgħ sar għas-somma ta' 220 skud (€42.68), bil-patt li tan-Nadur jgħaddu l-ħlasijiet ta' kull sena skont il-ġbir li kellu jagħmel il-Prokuratur.

Qabel ma tan-Nadur xtraw dawn it-tliet statwi, il-Fratellanza tal-Immakulata ħadet ħsieb biex jiġu rrestawrati minn Mastru Francesco Azzopardi biex jagħtihom il-kulur mill-ġdid. Biex jaħdem il-fratelli xtrawlu ż-żjut u l-kuluri. Azzopardi tħallas tnax-il skud u karlin (€2.34). Hawn naraw li dawn it-tliet statwi kienu kbar ta' daqs normali għaliex biex issewwew tqabbdu tlieta min-nies oħra, fejn damu tliet ġimgħat sħaħ jaħdmu fuqhom li minkejja kollox ma riedu xejn ta' xogħolhom. L-ewwel kont ta' 20 skud (€3.88) kien sar fil-25 ta' Marzu 1812 fejn ħallas Mastru Franġisku Debrincat u sħabu tal-Kumpanija tal-Via Crucis tan-Nadur. Hawn insibu li s-somma tal-220 skud kienet għall-Urna biss, għaliex tal-Ort u l-Marbut ingħataw b'xejn. It-tieni pagament kien ta' 10 skudi fid-19 ta' Lulju 1812; it-tielet ta' 20 skud kien fl-1 ta' Ottubru 1812; u r-raba ta' 15-il skud (€2.91), kien sar sena wara fil-25 ta' Ottubru 1813. B'hekk naraw li tħallsu 65 skud (€12.61), iżda ma nafux meta u kif tħallsu l-kumplament tal-155 skudi (€30.07) l-oħra.[7]

Mir-reġistri fil-Kunvent tal-Franġiskani Konventwali tar-Rabat insibu dettallji oħra ta' siwi għal din l-istorja. Dan fuq l-Urna tal-Monument. Din kienet ġiet maħduma minn Mastru Giuseppe Gambin. Fil-1812 il-fratelli tal-Immakulata Kunċizzjoni kien għad fadlilhom iħallsu s-somma ta' 60 skud (€11.64) lil dan il-mastrudaxxa Gambin. Għalhekk wara li l-prokuratur Speranza kien daħħal l-ewwel 20 skud minn tan-Nadur, mar qata' parti mid-dejn għand Gambin. Din l-Urna baqgħet fin-Nadur għal madwar 150 sena. Biż-żmien din l-Urna kienet inbiegħet lil wieħed Taljan tal-antikitajiet lejn is-sena 1960[8] biex b'hekk tlifna opra artistika u antika ma' diversi oħra.

Il-ħames statwa hija dik tal-Madonna tad-**Duluri**. Din ġiet ordnata fi żmien il-kappillan Dun Ġwannbattista Grech (1855-1876). Illum nafu fi żgur li saret fis-sena 1863 iżda ma nafux min kien l-istatwarju tagħha. Is-sena li fiha nħadmet insibuha mid-dati tal-ġurnali li nstabu dan l-aħħar waqt ir-restawrazzjoni u mid-data mnaqqxa fl-istallett tal-fidda li hemm f'sidirha. Fuq wara ta' dan l-istallett naraw li hemm minqux "*Dono fatto alla BVA da Ga. Bartolo li 23 Marzo 1863*". Tħallas minn Ġanni Bartolo (li kien mill-Mosta u miżżewweġ in-Nadur) filwaqt li jidher li dan l-istallett kien inxtara minn fuq xi statwa oħra. Dan għaliex insibu wkoll żewġ marki, waħda ta' żmien il-Gran Mastru Emanuel de Rohan Polduc (1775-1797) u l-marka l-oħra, 'MX' ta' Mario (Maruzzo) Schembri u għalhekk huwa ċirka tas-sena 1790. Iżda din l-istatwa maż-żmien saritilha niċċa quddiem wieħed mill-bibien li kien hemm fil-kappelluni.[9]

Nafu li meta kien il-prokuratur tagħha s-Sur Karmelu Mejlaq (1855-1941), benefattur kbir tal-knisja u tas-sorijiet Franġiskani fin-Nadur, lejn is-sena 1920 kien ikkummissjona lill-istatwarju, x'aktarx l-Għawdxi Wistinu Camilleri (1885-1979), biex ibiddel ras l-istatwa tad-Duluri biex tkun aktar devota. Ir-ras oriġinali għadha merfugħa fl-Awla Kapitulari.[10] L-istatwa hija magħmula

minn kartapesta filwaqt li jdejha u rasha huma tat-tafal. Fejn riglejn l-Addolorata nsibu puttin, anġlu jerfa' xi simboli tal-passjoni. F'dawn l-aħħar snin l-istellarju u ċ-ċinturin sarulha tad-deheb u s-simboli tal-passjoni f'idejn l-anġlu saru tal-fidda. Matul is-snin ġiet diversi drabi rrestawrata. Din hija l-unika statwa li toħrog tliet darbiet fis-sena waqt il-purċissjonijiet - ġimgħa qabel il-Ġimgħa l-Kbira fil-pellegrinaġġ tad-Duluri, fil-Ġimgħa l-Kbira, u fil-festa tagħha, Ħadd wara l-15 ta' Settembru.

Jingħad li peress li l-knisja l-ġdida tas-sena 1804 ma kellhiex navi, kienu fir-Randan joħorġu statwa waħda kull ġimgħa fil-knisja, kif għadha drawwa sal-lum. Mela sa issa nafu li mhux tlieta ħarġu fl-ewwel purċissjoni tal-1913, iżda żgur ħamsa.

Ma' dawn il-ħames statwi li semmejna, kienu ħarġu wkoll tliet statwi oħra, ir-**Redentur**, il-**Veronika** u l-**Kurċifiss**. Hawn sejjer nagħti xi ftit tagħrif dwar dawn l-istatwi u kif jiena wasalt għal din il-konklużjoni li l-ewwel purċissjoni tas-sena 1913 ħarġet bi tmien statwi u mhux bi tlieta jew ħamsa biss. Ma naħsibx li l-Arċipriet Camilleri qabad u ddeċieda li joħroġ din il-purċissjoni hekk ħabta u sabta. Kien Arċipriet li kien jagħmel kollox bil-galbu u ppreparat. Dak iż-żmien kien għadu qiegħed ikabbar il-knisja u kien wasal f'nofs il-bini tal-koppla maestuża tal-Kolleġġjata ta' San Pietru u San Pawl li sa Marzu 1913 kienu waslu fl-iskutella tagħha. Għalhekk iż-żewġ navati kienu diġà lesti u kellu fejn jarma u jqiegħed dawn it-tmien statwi.



Mela meta fis-sena 1984 sar it-tibdil tas-salib tal-koppla (dan preżenti huwa t-tielet wieħed), kien qiegħed jingħad li fil-għonq ta' taħt il-plattin u l-balla tas-salib, kien hemm shaft ta' lanċa-dgħajsa tal-pass, li kien qiegħed isaddad u għalhekk kien qiegħed jifqa' u jaqsam l-ġebla. Fil-fatt kien hemm diversi konsenturi u s-salib, li kien tal-konkrit, kienu qegħdin jaqgħu diversi biċċiet minnu matul is-snin. Iżda meta beda jinħatt is-salib u l-ġebel, instab li ma kienx ix-shaft li kien qiegħed jagħmel il-ħsara. Peress li l-għonq kien imħawwaħ, battal, minħabba l-piż, il-bennej Franġisku Farrugia kien waqqaf fin-nofs dan ix-*shaft* ħalli jkun jista' jorbot il-ġebel ta' fuq il-lanterna mal-plattin ta' fuq. Dan ix-shaft kien magħmul mill-azzar u twil 4 metri.

Hawn titkompla l-istorja tagħna. Iżommu x-shaft dritt sakemm inbena madwaru, kien hemm iżommu tliet lasti tal-injam tal-Ġimgħa l-Kbira. Hawn milli jidher li l-bennej ried ta' malajr tliet lasti bħala support tax-shaft u l-ħaddiema tiegħu marru sabu s-sagristan Frenċu Borg (*ir-Re*) u dan sab l-ewwel tliet lasti li għaddiehom lill-bennej. Ma kienx hemm żmien li jsiru tliet lasti ġodda jew serratizzi għal dak il-ħin. Ħalli wara saru tlieta oħra għaliex żmien kien għad baqa' għall-purcissjoni tas-sena ta' wara.

PRALINES CONFECTIONERY

Accepts orders for Baptism, Holy Communion, Confirmation Parties etc.
You can also choose from a large selection of cakes, many of which can be found on our Facebook Page.



46, MADRE GEMMA CAMILLERI STREET, NADUR GOZO TEL: 21565909 MOB: 99552337
www.facebook.com/pralinesconfectionery

CHARLIE MUSCAT
(LAQXA) WOOD MASTER
TRIQ TAX-XEMMIEX,
NADUR, GOZO
TEL: 79558600

Pierre Vella
Gypsum Work & Interior Finishing
9921 4669
pierre.vella@hotmail.com
Pierre Vella Gypsum Work & Interior Finishing

- Flat Ceilings
- Bulk Heads
- Coving
- Partitions
- Soffits
- Gypsum Fireplaces & Wall Units
- Plastering & Painting
- Wallpaper Installation
- Parquet Laying
- Tile Feature Walls



VELLA GARAGE
SILENCER REPAIRS
TYRE SERVICE
CAR SERVICING
METAL & STAINLESS STEEL WORKS
Hida Street, Nadur, Gozo.
Tel: 2155 5245 • Mobile: 9942 5653



Issa jiena fuq dawn it-tliet lasti sibt miktub bil-lapes *Mobbi* (mgħobbi) u *Veronika*. Dawn it-tliet lasti u x-shaft erfajthom f'waħda mit-tlitt ikmamar li hemm fil-faċċata ta' fuq il-bejt tal-Bażilika.[11] Din hija evidenza biżżejjed li diġà kien hemm dawn iż-żewġ statwi. Issa hawn nagħmlu l-kalkolu tagħna. L-ewwel salib kien ġie mbierek mill-Arċipriet Camilleri u tpoġġa f'postu fuq il-koppla fil-ħdax ta' filgħodu, nhar il-24 ta' Settembru 1913, festa tal-Madonna tal-Ħniena.[12] Nafu li l-purċissjoni dik is-sena saret fil-21 ta' Marzu 1913. Mela jiġi li ħarġet sitt xhur qabel. Għalhekk dawn it-tliet lasti jindikaw li diġà kien hemm żewġ vari/statwi oħra, dawk tar-Redentur (Imgħobbi) u l-Veronika.

Issa niġu għall-aħħar statwa tagħna li hi ferm importanti mill-istatwi l-oħra. Hija loġika li meta toħroġ il-purċissjoni tal-passjoni, din ma toħroġx mingħajr is-**Salib Imqaddes**. Issa fil-parroċċa kien hawn diġà żewġ kurċifissi kbar dawk li nsejħulhom life size. Dawn kienu, wieħed fin-niċċa tiegħu fuq l-altar tal-Kurċifiss, fil-kappellun li jġib l-istess isem u l-ieħor li kien jintuża għal diversi funzjonijiet, dawk tal-Ġimgħa l-Kbira, eżerċizzi, u missjonijiet tal-parroċċa eċċ. Xi wieħed minnhom żgur li sab postu fl-ewwel purċissjoni. Ara kif jista' jkun li toħroġ il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira mingħajr is-Salib, meta nafu fi żgur li fil-knisja diġà kien hemm żewġ kurċifissi. Naraw li matul iż-żmien dawn iż-żewġ Kurċifissi tbiddlu għaliex saru oħrajn minflokhom.

Insibu li f'April 1854 mastru Ġużeppi Cassar tħallas 3 skudi 3 tari 10 grani (€0.72) għaliex ħadem salib tal-injam kbir u pedistall tal-ġebel. Kif ukoll Brajġu Cassar, ħadem salib ieħor kbir f'April 1875.[13] Iżda ma nafux dwar l-isem tal-istatwarju. Dak li jinsab illum fin-niċċa tal-Kurċifiss, fil-kappellun li jġib l-istess isem, sar minn Karmnu Mallia mlaqqam *il-Lhudi* (1869-1931), lejn is-sena 1915. L-ieħor tbiddel ma ieħor aktar artistiku minn Michael Camilleri Cauchi fis-sena 1983, fis-sena tal-Fidwa.[14]

Ix-xjuħ tagħna kienu jirrakkontaw li l-istatwi tal-Madonna u San Ġwann Evanġelista li jinsabu fin-niċċa madwar is-salib, kienu żewġ anġli kbar iżejnu l-ark trijonfali li intuża fil-Kungress Ewkaristiku tas-sena 1913. Fil-fatt il-pożizzjoni tagħhom tixhed dan! Dawn wara kienu nxtraw mill-Arċipriet Camilleri fejn kien qabbad lil Mallia biex jitrasformahom għall-vara l-kbira. Kif ukoll jingħad li kienu nxtraw żewġ settijiet ta' anġli oħra (4 b'kollox) għal pedistal il-qadim tal-pjazza ta' San Pietru u San Pawl.

Statwa oħra hija dik tar-Redentur, l-Imgħobbi. Din ukoll inħadmet minn Mallia, lejn is-sena 1913. Tħallset minn Mikiel Borg fejn meta waslet f'Għawdex ittellgħet b'pellegrinaġġ sal-Kolleġġjata. Hija ħasra li din l-istatwa ġiet meqruda wkoll wara li kienet saret oħra fl-injam ġewwa Bolzano fl-Italja fis-sena 1955.[15]

L-aħħar statwa li ħarġet f'din l-ewwel purċissjoni mela kienet l-istatwa artistika tal-Veronika. Din skont il-kalkoli tagħna tlestiet ukoll fis-sena 1913, u nafu li ġiet maħduma wkoll minn Mallia. Iżda b'xorti tajba din l-istatwa ma ġralhiex bħall-oħrajn u għadna nistgħu nammirawha u ngawduha. Mis-sett ta' erba' li ħadem Mallia, dik tal-Ecce Homo, ir-Redentur, il-Veronika u l-Vara l-Kbira, l-istatwa tal-Veronika hija l-unika waħda li ma ġietx mibdula u għalhekk għada toħroġ fil-purċissjoni. Iżda ta' min jgħid ukoll li mal-Veronika għadha ppreservata wkoll il-vara l-kbira fin-niċċa tagħha fuq l-altar tal-Kurċifiss.[16]

**B'dan it-tagħrif mela nikkonkludu li l-ewwel purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li ħarġet mill-Kolleġġjata ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur, fil-21 ta' Marzu 1913, kienet magħmula minn sett ta' tmien vari: tal-Ort, il-Marbut, l-Ecce Homo, l-Imgħobbi, il-Veronika, il-Kurċifiss, l-Urna u d-Duluri. Dan kif kien xieraq għall-ewwel purċissjoni tas-sena 1913.**

1 *Messaggiere di Maria*, 1913, n. 4, p. 63.
2 Farrugia J., *Antique Maltese Domestic Silver*, p. 259, n. 500a.
3 AEG, *c.o.*, 1743-1752, n.38, f. 38; *The Nadur Basilica*, (2018), p. 82.
4 APN, *V. Lamp.,* Dħul-Ħruġ, 1863-1889, f. 139r.
5 APN, *V. Lamp.,* Dħul-Ħruġ, 1863-1889, ff. 144v-145r.
6 Farrugia A., *Luminaria* n. 112, Il-Misteri tal-Passjoni....., pp. suppliment ta' 12-il paġna; pp. 5-6.
7 AKFRabat, *Libro Esito* 1811-1821, f. 4v; *Introito* 1811-1833, f. 3r.
8 Farrugia A., *Luminaria* n. 112, Il-Misteri tal-Passjoni....., pp. suppliment ta' 12-il paġna; pp. 5-6; Bonnici A., *In-Nadur ġrajjiet Kolleġġjata Bażilika*, v. II, p. 223.
9 Farrugia J., *Antique Maltese Domestic Silver*, p. 238, n. 94a.
10 Tagħrif mogħti lill-awtur mill-Kan. Anton Borg li Karmnu Mejlaq kien tah ras l-istatwa, fejn lejn is-sena 1985 irregalaha lill-mużew tal-Kolleġġjata-Bażilika.
11 Camilleri D., Vigilat 1, *75 Sena tal-Koppla*, p. 65.
12 APN, *Bapt.*, v. 9, f, 1.
13 APN, *V. Lamp., Altar tar-Rużarju,* Dħul-Ħruġ 1837-1885, f. 97v; *V. Lamp.*, Dħul-Ħruġ 1863-1889, f. 143v).
14 Bonnici A., *Nadur*, v. II, p. 563; Cauchi Ġ., *Djarju* n. 4, p. 36; *Bullettin* n. 50 (733), 20 ta' Marzu 1983; Camilleri D., *Vigilat* 5, p. 63.
15 Bonnici A., *Nadur*, v. II, pp. 226, 483.
16 Bonnici A., *Nadur*, v. II, p. 226.

# XITA FIN-NADUR

## IT-TEMP FIN-NADUR MATUL IS-SENA 2021

JOE MEILAK Nadur Weather Observatory | 01/17/2022

| | JANNAR | FRAR | MARZU | APRIL | MEJJU | ĠUNJU | LULJU | AWWISSU | SETTEMBRU | OTTUBRU | NOVEMBRU | DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-IKTAR JUM SĦUN - °C - (Jum)** | 23.1 (9) | 23.1 (7) | 19.2 (28) | 23.6 (30) | 30.0 (17) | 39.8 (30) | 34.8 (31) | 36.8 (11) | 31.1 (18) | 27.0 (5) | 25.8 (6) | 17.8 (2) |
| **L-IKTAR JUM KIESAĦ - °C - (Jum)** | 12.8 (4) | 8.9 (15) | 11.8 (23 | 14.2 (8) | 19.1 (6) | 22.3 (2) | 25.4 (17) | 27.8 (30) | 25.7 (30) | 18.1 (29) | 14.3 (30) | 12.2 (19) |
| **L-IKTAR LEJL SĦUN - °C - (Jum)** | 16.9 (9) | 15.2 (6) | 13.2 (6,7,28,29,31) | 16.4 (29) | 18.7 (30) | 26.9 (23) | 26.7 (30) | 27.7 (12) | 25.4 (18) | 22.9 (1) | 20.8 (7) | 14.9 (1) |
| **L-IKTAR LEJL KIESAĦ - °C - (Jum)** | 7.9 (4) | 5.9 (15) | 6.8 (23) | 10.9 (10) | 14.8 (4,21 | 18.2 (1) | 21.4 (19) | 23.6 (20) | 20.1 (11) | 12.9 (14) | 9.4 (29) | 8.1 (14) |
| **MEDJA TAL-OGĦLA TEMPERATURA (°C)** | 15.79 | 15.85 | 15.51 | 17.67 | 22.38 | 25.24 | 30.56 | 31.67 | 27.60 | 22.44 | 20.36 | 15.42 |
| **MEDJA TAL-INQAS TEMPERATURA (°C)** | 11.86 | 11.79 | 11.55 | 13.31 | 16.72 | 21.59 | 23.91 | 25.40 | 23.41 | 17.85 | 16.20 | 11.76 |
| **TEMPERATURA MEDJA (°C)** | 13.82 | 13.82 | 13.53 | 15.49 | 19.55 | 25.24 | 27.23 | 28.54 | 25.51 | 20.14 | 18.28 | 13.59 |
| **L-IKTAR BUFFURA QAWWIJA - kmh (Jum)** | 77 (17) | 80 (7) | 66 (23) | 69 (16) | 58 (20) | 50 (7,26) | 61 (17,18) | 47 (18) | 53 (11) | 61 (7,15( | 93 (29) | 90 (7) |
| ***JIEM BIX XITA** | 18 | 2 | 8 | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 5 | 16 | 14 | 10 |
| **JIEM BIR-RAGĦAD** | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 3 | 9 | 6 | 1 |
| **L-AKTAR JUM BIX-XITA - mm (Jum)** | 12.4 (2) | 2.8 (2) | 9.8 (18) | 1.4 (5) | - | - | - | - | 4.6 (9) | 53.4 (3) | 111.8 (11) | 16.2 (11) |
| **XITA MATUL IX-XAHAR (mm)** | 54.2 | 4.6 | 25.6 | 1.8 | Traċċa | Traċċa | 0.0 | 0.0 | 15.6 | 232.2 | 241.8 | 41.8 |
| **JIEM BLA XEMX** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | 1 | 0 |
| **TOTAL TA' SIGĦAT TA' XEMX** | 212.2 | 262.8 | 289.6 | 263.6 | 366.7 | 367.6 | 435.6 | 403.0 | 356.4 | 190.5 | 166.6 | 199.5 |
| **MEDJA TA' SIGĦAT TA' XEMX KULJUM** | 6.85 | 9.39 | 9.34 | 8.79 | 11.83 | 12.25 | 14.05 | 13.00 | 11.88 | 6.15 | 5.55 | 6.44 |

*Jiem li fihom għamlet xita Traċċa (inqas minn 0.1 mm) mhumiex inklużi

■ **Total ta' xita matul l-2021: 617.6 mm (24.32 pulzieri)** ■

